ISSN 1725-5198

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 79

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

27 ta' Marzu 2010

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

OPINJONIJIET

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-81 sessjoni plenarja fil-5 u s-7 ta' Ottubru 2009

2010/C 79/01 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju" 1

2010/C 79/02 Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-azzjonijiet prijoritarji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u t-titjib tal-appoġġ għall-vittmi" 7

2010/C 79/03 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "White Paper — Nadattaw għall-bidla fil-klima: Lejn qafas Ewropew għal azzjoni" 13

2010/C 79/04 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Approċċ komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem" 19

2010/C 79/05 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — "Green paper TEN-T: Eżami tal-politika" 23

2010/C 79/06 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ" 27

2010/C 79/07 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — "PAK simplifikata għall-Ewropa — suċċess għal kulħadd" 33

2010/C 79/08 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-programm ta' Stokkolma: Sfidi u opportunitajiet fil-kuntest ta' programm multiannwali ġdid fiż-żona tal-UE ta' libertà, sigurtà u ġustizzja" 37

MT

Prezz: 4 EUR

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

III *Atti preparatorji*

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-81 sessjoni plenarja fil-5 u s-7 ta' Ottubru 2009

2010/C 79/09 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija kompetittiva" 45

2010/C 79/10 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-pakkett farmaċewtiku" 50

2010/C 79/11 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Is-sistema tal-Asil Komuni Ewropea tal-Ġejjieni II" 58

2010/C 79/12 Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-faċilità mikrofinanzjarja 'Progress'" 71

MT

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-81 SESSJONI PLENARJA FIL-5 U S-7 ta' Ottubru 2009

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju"

(2010/C 79/01)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jilqa' l-fatt li fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 l-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni tfassal Strateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju qabel tmiem l-2010;

— jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju taqdi l-għan li tinħoloq aktar prosperità, sigurtà u paċi għaċ-ċittadini li jgħixu fl-inħawi;

— jirrimarka li r-reġjun tad-Danubju jinkludi kemm il-pajjiżi li jmissu mad-Danubju kif ukoll il-pajjiżi li jinsabu fiż-żona idrografika (catchment area) tax-xmara; jinnota wkoll li r-reġjun tad-Danubju huwa magħmul minn Stati Membri tal-UE, pajjiżi kandidati tal-UE, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi li jagħmlu parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat;

— jemmen li l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll l-organizzazzjonijiet li huma responsabbli għall-iżvilupp reġjonali, għandhom ikunu msieħba ewlenin fi kwalunkwe strateġija għad-Danubju. Dawn jagħtu kontribut konsiderevoli billi jiżviluppaw b'suċċess il-kunċett tal-koeżjoni territorjali u l-kooperazzjoni transkonfinali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-partijiet involuti fis-setturi tal-ekonomija, ix-xjenza, il-kultura u l-istituzzjonijiet soċjali jaqdu rwol importanti f'dan ir-rigward;

— jemmen li l-oqsma ta' politika strateġiċi tat-trasport, il-ħarsien tal-ambjent u s-sigurtà tal-enerġija, l-ekonomija, is-sigurtà, l-edukazzjoni u l-kultura, ix-xogħol, is-saħħa u l-affarijiet soċjali huma l-oqsma ewlenin tal-istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju;

— jinnota li, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ekonomiku, soċjali, ambjentali u kulturali tiegħu, ir-reġjun tad-Danubju għandu jiġi kkunsidrat bħala żona Ewropea transnazzjonali *waħda*.

Relatur: Prof. Dr. Wolfgang Reinhart (DE/PPE), Ministru għall-Affarijiet Federali u Ewropej tal-Land ta' Baden-Württemberg

I. **KUMMENTI ĠENERALI**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-fatt li matul is-sessjoni plenarja tal-Kumitat tar-Reġjuni fit-8 ta' Ottubru 2008 l-Kummissjoni Ewropea ħabbret li ser tinbeda l-ħidma fuq strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju bħal dik li diġà teżisti għar-reġjun tal-Baħar Baltiku ([1]);

2. jilqa' l-fatt li fit-18 u d-19 ta' Ġunju 2009 l-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni tfassal Strateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju qabel tmiem l-2010;

3. jilqa' l-fatt li fis-27 ta' Novembru 2008 twaqqaf il-grupp interreġjonali għad-"Danubju" li huwa msawwar minn membri ta' gruppi politiċi differenti fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni, u jappoġġja l-ħidma ta' dan il-grupp;

4. jilqa' l-attenzjoni li l-Parlament Ewropew ta lir-reġjun tad-Danubju, u jilqa' wkoll l-isforzi li qed isiru sabiex jitwaqqaf grupp magħmul minn membri ta' gruppi politiċi differenti fi ħdan il-Parlament Ewropew ([2]);

5. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju taqdi l-għan li tinħoloq aktar prosperità, sigurtà u paċi għaċ-ċittadini li jgħixu fl-inħawi. Minn dan tibbenefika l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

6. jinnota li f'Unjoni Ewropea li issa tħaddan 27 Stat Membru l-makroreġjuni qegħdin jaqdu rwol dejjem akbar, partikolarment għall-koeżjoni territorjali tal-UE;

7. jirrimarka li r-reġjun tad-Danubju jinkludi kemm il-pajjiżi li jmissu mad-Danubju kif ukoll il-pajjiżi li jinsabu fiż-żona idrografika (catchment area) tax-xmara; jinnota wkoll li r-reġjun tad-Danubju huwa magħmul minn Stati Membri tal-UE, pajjiżi kandidati tal-UE, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi li jagħmlu parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat;

8. jagħmel enfasi fuq il-perspettiva Ewropea tar-reġjun tad-Danubju; fl-istess ħin jenfasizza d-dimensjoni esterna tar-reġjun tad-Danubju u jisħaq li r-reġjun tad-Danubju jista' jkun ix-xempju tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi;

9. jiġbed l-attenzjoni għar-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali kbar li saru fir-reġjun tad-Danubju mill-waqgħa tal-purtiera tal-ħadid 'l hawn. Il-Kummissjoni Ewropea inkludiet din il-bidla bħala tema għall-2009 fil-Programm ta' Ħidma ([3]) tagħha u fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ċentrali Ewropew "Ħames snin ta' UE mkabbra – Kisbiet u sfidi ekonomiċi" ([4]).

10. jagħraf l-appoġġ tar-reġjun tad-Danubju fil-livell Ewropew kif ukoll il-promozzjoni kontinwa tad-demokrazija u l-istat tad-dritt f'dan ir-reġjun, u jappoġġja b'mod partikolari l-pajjiżi fir-reġjun tad-Danubju li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex ikomplu jagħmlu progress fl-iżvilupp tad-demokrazija;

11. jemmen li l-kooperazzjoni tal-livell reġjonali u lokali fl-implimentazzjoni tal-prinċipji Ewropej tas-sussidjarjetà, il-prossimità u s-sħubija kif ukoll il-gvernanza responsabbli fil-pajjiżi terzi huma importanti ħafna, u jinnota l-valur miżjud tal-kooperazzjoni reġjonali u lokali fir-reġjun tad-Danubju sabiex il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali jersqu aktar lejn l-Unjoni Ewropea;

12. jagħmel enfasi fuq l-għaqda kulturali u storika tradizzjonali li teżisti fir-reġjun tad-Danubju kollu, u jisħaq fuq il-kontribut tal-awtoritajiet reġjonali u lokali b'mod partikolari għal dan il-qasam;

13. jieħu nota tal-kooperazzjoni, netwerks u istituzzjonijiet internazzjonali, nazzjonali, reġjonali u lokali li diġà huma attivi fir-reġjun tad-Danubju, u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-esperjenza tagħhom għandha tiġi inkluża fid-djalogu mal-istituzzjonijiet Ewropej;

14. jappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet effettivi u komprensivi mal-pajjiżi ġirien u ta' relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi adattati għall-ħtiġijiet partikolari tar-reġjuni u l-imsieħba individwali;

([1]) Il-Kummissarju tal-UE Hübner titlob strateġija Ewropea għad-Danubju IP/08/1461.

([2]) Dikjarazzjoni bil-miktub ta' Victor Boştinaru u Daciana Octavia Sârbu dwar il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija għad-Danubju (PE422.681v01-00) li tressqet fit-23 ta' Marzu 2009.

([3]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Programm Leġiżlattiv u ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2009 – Naġixxu issa għal Ewropa aħjar"; COM(2008) 712 finali.

([4]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ċentrali Ewropew "Ħames snin ta' UE mkabbra – Kisbiet u sfidi ekonomiċi"; COM(2009) 79 finali.

15. jenfasizza l-importanza, ir-rwol u r-responsabbiltà partikolari tar-reġjun tad-Danubju li huwa magħmul minn Stati Membri tal-UE, pajjiżi kandidati tal-UE, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi li jagħmlu parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat. Dan ir-reġjun jirrappreżenta żona importanti fejn jiltaqgħu l-programmi tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, il-miżuri għall-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali kif ukoll il-programmi maħsuba għall-pajjiżi li jagħmlu parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat;

16. jisħaq fuq ir-rwol politiku li jaqdi l-Kumitat tar-Reġjuni fil-qafas strateġiku li jgħaqqad flimkien il-Politika Ewropea tal-Viċinat tal-Kummissjoni Ewropea u l-istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju. Il-Kumitat tar-Reġjuni jaf x'inhuma l-ħtiġijiet lokali, u għalhekk jista' janalizza tajjeb ħafna l-impatt ta' dawn il-miżuri u l-programmi;

17. jisħaq fuq l-importanza li l-makroreġjun tad-Danubju jiġi rikonoxxut mill-politika Ewropea ta' koezjoni u jenfasizza r-rwol tiegħu għall-iżvilupp territorjali ġejjieni fl-UE u l-pajjiżi ġirien, bl-istess mod li huma rikonoxxuti l-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed;

18. jemmen b'mod partikolari li l-kontenut tal-istrateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku tista' sservi ta' mudell għar-reġjun tad-Danubju. Iż-żewġ makroreġjuni jħeġġu l-integrazzjoni ta' pajjiżi li qabel kienu komunisti fl-Unjoni Ewropea u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Iż-żewġ reġjuni jirrappreżentaw l-għaqda tal-istrateġiji interni tal-UE mal-forom ta' kooperazzjoni mal-istati barra l-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, ta' min isemmi l-esperjenza tal-Politika Ewropea tal-Viċinat implimentata mir-reġjuni ultraperiferiċi flimkien mal-pajjiżi terzi fil-madwar;

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju

19. jemmen li t-talba tal-Kunsill Ewropew lill-Kummissjoni biex tfassal Strateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju qabel tmiem l-2010 hija rikonoxximent tal-importanza tar-Reġjun tad-Danubju għall-iżvilupp tal-UE fil-futur u għar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi ġirien; u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi lill-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet lokali u reġjonali fit-tfassil ta' din l-istrateġija; tħares ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u d-diviżjoni interna tal-kompetenzi tagħhom matul l-implimentazzjoni, kif ukoll taħdem mal-istituzzjonijiet eżistenti u fil-qasam tar-rappurtar tal-obbligi u l-proċessi ta' monitoraġġ eżistenti;

20. jemmen li l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll l-organizzazzjonijiet li huma responsabbli għall-iżvilupp reġjonali, għandhom ikunu msieħba ewlenin fi kwalunkwe strateġija għad-Danubju. Dawn jagħtu kontribut konsiderevoli billi jiżviluppaw b'suċċess il-kunċett tal-koeżjoni territorjali u l-kooperazzjoni transkonfinali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-partijiet involuti fis-setturi tal-ekonomija, ix-xjenza, il-kultura, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-istituzzjonijiet soċjali jaqdu rwol importanti f'dan ir-rigward;

21. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li – kif ħabbret il-Kummissjoni Ewropea – l-awtoritajiet lokali u reġjonali, flimkien mal-aġenziji u l-korpi li huma responsabbli għall-iżvilupp reġjonali, li minħabba li jinsabu qrib iċ-ċittadini jafu sewwa l-ħtiġijiet u l-preokkupazzjonijiet tagħhom, għandhom jaqdu rwol ċentrali fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-iżvilupp kontinwu ta' strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju;

22. jisħaq li l-iżvilupp tar-reġjun tad-Danubju huwa element importanti għall-integrazzjoni b'suċċess tal-istati, ir-reġjuni, il-muniċipalitajiet u ċ-ċittadini ta' dan ir-reġjun, u jappoġġja l-isforzi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea biex jagħtu spinta 'l quddiem lil din l-integrazzjoni;

23. jappoġġja l-fatt li l-Patt ta' Stabbiltà għall-Ewropa tax-Xlokk inbidel f'netwerk ta' kooperazzjoni reġjonali (Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali, KKR) li jaħdem taħt it-tmexxija ġenerali tal-Proċess ta' Kooperazzjoni fl-Ewropa tax-Xlokk (SEECP). Dan il-punt ta' referenza reġjonali ser ikun siewi għall-ħtiġijiet u l-eżiġenzi partikolari tar-reġjun tad-Danubju;

Oqsma ta' politika strateġiċi

24. jemmen li l-oqsma ta' politika strateġiċi tat-trasport, il-ħarsien tal-ambjent u s-sigurtà tal-enerġija, l-ekonomija, is-sigurtà, l-edukazzjoni u l-kultura, ix-xogħol, is-saħħa u l-affarijiet soċjali huma l-oqsma ewlenin tal-istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju;

25. jiġbed l-attenzjoni għad-differenzi territorjali kbar fl-attività ekonomika fir-reġjun tad-Danubju, u jħoss li l-inklużjoni tar-reġjun tad-Danubju fost il-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-2010 u l-fatt li r-reġjun tad-Danubju jiġi kkunsidrat bħala unità waħda ewlenija huma kundizzjonijiet essenzjali għat-tisħiħ tal-integrazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tiegħu;

It-trasport

26. jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex, b'konformità mal-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli, tqis ir-rwol speċjali li d-Danubju jista' jaqdi fil-futur bħala rotta tat-trasport u tal-ilma fl-Ewropa, li jista' jnaqqas b'mod sinifikattiv il-konġestjoni fir-rotot tat-trasport Ewropej l-oħra. L-iżvilupp tal-infrastruttura – kemm fuq l-ilma kif ukoll fuq l-art – ser jgħin lir-reġjun kollu jaqdi bis-sħiħ ir-rwol tiegħu bħala pont bejn il-Lvant u l-Punent kif ukoll bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar u fuq kollox biex isaħħaħ il-kompetittività tiegħu stess;

27. huwa favur l-implimentazzjoni rapida tal-proġetti tal-infrastruttura fil-qasam tat-TEN-T għaliex dawn jikkontribwixxu bil-kbir biex ir-reġjun tad-Danubju jingħaqad aħjar mar-rotot tat-trasport Ewropej li diġà jeżistu u biex il-pajjiżi tad-Danubju jkollhom konnessjonijiet aktar effiċjenti. F'dan ir-rigward iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li qed jieħdu sehem biex jipproponu soluzzjonijiet anke għal dawk il-problemi u d-diffikultajiet li ilhom żmien twil iħabbtu wiċċhom magħhom, u dawn is-soluzzjonijiet għandhom jiġu implimentati fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli;

28. jenfasizza li t-trasport u l-ħarsien tal-ambjent m'għandhomx jeskludu lil xulxin iżda għandhom jimxu id f'id; jagħmel enfasi fuq il-fatt li l-għan ewlieni għandu jkun l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun tad-Danubju u li l-prinċipji ta' tmexxija stabbiliti fl-Istqarrija Konġunta dwar l-Iżvilupp tan-Navigazzjoni Interna u l-Ħarsien Ambjentali fil-Baċir tax-Xmara tad-Danubju adottata mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tad-Danubju (ICPDR) u l-Kummissjoni Internazzjonali tal-Baċir tax-Xmara Sava (ISRBC) għandhom jiġu applikati;

Il-ħarsien tal-ambjent u s-sigurtà tal-enerġija

29. jisħaq li l-kooperazzjoni transkonfinali hija essenzjali fl-oqsma tal-ambjent, tal-ġlieda konġunta kontra l-konsegwenzi tal-bidla fil-klima u tal-protezzjoni mill-għargħar;

30. jaħseb li l-pajjiżi tar-reġjun tad-Danubju għandhom rwol importanti fis-sigurtà tal-enerġija, u jenfasizza wkoll ir-rwol tad-Danubju li, bħala sors tal-enerġija naturali u rinnovabbli, joffri potenzjal sinifikattiv għall-enerġija idroelettrika; l-użu ta' dan is-sors għandu jiġi mħeġġeġ l-aktar f'dawk l-oqsma fejn l-ekoloġija u l-ekonomija jistgħu jinġiebu f'armonija ma' xulxin;

31. f'dan il-kuntest jagħmel referenza għal konvenzjonijiet bħall-konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-ħarsien u l-użu sostenibbli tad-Danubju (il-Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tad-Danubju li waqqfet il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsien tad-Danubju (ICPDR) ([5]), li daħlet fis-seħħ fl-1998 u l-Konvenzjoni Qafas dwar il-protezzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tal-Karpazji (il-Konvenzjoni tal-Karpazji). L-Istqarrija Konġunta dwar l-Iżvilupp tan-Navigazzjoni Interna u l-Ħarsien Ambjentali fil-Baċir tax-Xmara tad-Danubju ([6]) hija eżempju tajjeb ta' din il-kooperazzjoni;

32. iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tar-reġjun tad-Danubju, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet li huma responsabbli għall-iżvilupp reġjonali, jikkooperaw fil-programmi ambjentali appoġġjati mill-Kummissjoni Ewropea, bħall-Programm LIFE+ (ir-riġenerazzjoni tax-xmajjar u taż-żoni madwar ix-xmajjar), il-programmi Ewropej fil-qasam tal-kooperazzjoni territorjali (ETC) u l-programm Enerġija Intelliġenti – Ewropa (IEE) bil-għan li jitħeġġeġ il-ħolqien ta' proġetti lokali ta' netwerking fil-qasam tal-enerġija fost l-awtoritajiet lokali taż-żona;;

33. jenfasizza li l-miżuri marbuta mal-implimentazzjoi tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-preservazzjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Fid-Danubju hemm ħafna stokkijiet ta' ħut differenti, fosthom ħafna speċijiet ta' ħut endemiċi u li għalhekk għandhom bżonn ta' protezzjoni partikolari;

34. jenfasizza l-importanza ta' approċċi Komunitarji sostenibbli fil-qasam tat-turiżmu. Pereżempju, il-pajjiżi tad-Danubju jistgħu jsaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom fl-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet ta' Espoo ([7]), ta' Aarhus ([8]) u ta' Bern ([9]). L-eżempju tal-passaġġi għar-roti tad-Danubju juri l-frott li tista' tħalli tali kooperazzjoni għall-partijiet ikkonċernati kollha.

35. jemmen li l-iskambju tal-esperjenzi f'dawn l-oqsma bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet li huma responsabbli għall-iżvilupp reġjonali, huwa utli għall-iżvilupp globali tar-reġjun tad-Danubju. Bis-saħħa tal-kompetenzi speċjalizzati tagħhom u l-għarfien li għandhom dwar is-sitwazzjoni lokali, dawn l-awtoritajiet jiggarantixxu li l-approċċi komuni jiġu implimentati b'mod għaqli. Il-ftehimiet u l-kooperazzjoni li diġà jeżistu bejn il-gvernijiet ta' ħafna pajjiżi u reġjuni li jinsabu fir-reġjun tad-Danubju juru kif tista' tiżviluppa l-kooperazzjoni b'rabta ma' għan partikolari;

L-ekonomija

36. jinnota li l-Danubju għandu jiġi kkunsidrat ukoll bħala xprun sabiex l-ekonomija tar-reġjun tkompli tiżviluppa, billi jgħaqqad, pereżempju, ir-rotot ta' fuq l-ilma ma' dawk ta' fuq l-art, kif ukoll il-portijiet u ċ-ċentri tal-ekonomija fir-reġjun;

37. jisħaq fuq l-importanza ta' proġetti transkonfinali li jistgħu jgħinu lir-reġjuni tal-fruntiera jegħlbu l-iżolazzjoni ekonomika tagħhom u jiżviluppaw il-kompetittività u l-istabbiltà tagħhom;

38. jirrimarka li r-reġjuni u l-muniċipalitajiet għandhom rwol ċentrali x'jaqdu billi jappoġġjaw il-kuntatti mal-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju;

39. fil-fehma tal-Kumitat, huwa importanti immens li l-proġetti transkonfinali u transnazzjonali, inklużi dawk ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi, tal-atturi ekonomiċi u soċjali u tal-awtoritajiet reġjonali u lokali jiġu promossi aktar. Hawnhekk għandu jiġi żgurat li jintużaw is-sinerġiji bejn il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali (Objettiv 3) u l-programmi tal-Objettivi 1 u 2. B'hekk il-pajjiżi, ir-reġjuni u l-muniċipalitjiet tar-reġjun tad-Danubju li jinsabu barra l-UE jersqu aktar lejn l-Unjoni Ewropea, u jixxerrdu b'mod speċjali l-valuri tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fost il-popolazzjoni lokali; jagħti importanza speċjali lit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-iżvilupp teknoloġiku u r-riċerka, abbażi tal-potenzjal disponibbli (riżorsi umani, infrastruttura) bil-għan li jinkiseb żvilupp ekonomiku sostenibbli fir-reġjun tad-Danubju;

([5]) Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni għall-ħarsien u l-użu sostenibbli tad-Danubju; iffirmata nhar id-29 ta' Ġunju 1994 f'Sofija (mhux disponibbli bil-Malti).

([6]) http://www.icpdr.org/icpdr-pages/navigation_and_ecology_process.htm (mhux disponibbli bil-Malti).

([7]) Konvenzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-ambjent fil-kuntest transkonfinali; iffirmata nhar il-25 ta' Frar 1991 f'Espoo (mhux disponibbli bil-Malti).

([8]) Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fil-qasam ambjentali; iffirmata nhar il-25 ta' Ġunju 1998 f'Aarhus (mhux disponibbli bil-Malti).

([9]) Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-pjanti u l-annimali selvaġġi u l-ħabitats naturali tagħhom; iffirmata nhar id-19 ta' Settembru 1979 f'Bern (mhux disponibbli bil-Malti).

40. jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiżi li jmissu mad-Danubju jieħdu l-miżuri xierqa bil-għan li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jieħdu sehem fir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) fil-ġejjieni, b'konformità mar-Regolament (KE) 1082/2006;

Is-sigurtà

41. ifakkar li mid-Danubju jgħaddi ħafna traffiku u fil-ġejjieni dan it-traffiku ser ikompli jiżdied; għaldaqstant jisħaq fuq l-importanza li jittieħdu miżuri sabiex tittejjeb is-sigurtà tat-trasport;

42. b'rabta ma' dan jagħmel referenza għall-Konvenzjoni ta' Belgrad [10] li tirregola n-navigazzjoni fid-Danubju;

43. iħeġġeġ lill-pajjiżi li jmissu mad-Danubju biex ikomplu jiġġieldu flimkien kontra kull xorta ta' kriminalità transkonfinali, b'mod partikolari l-kriminalità organizzata, it-traffikar tad-drogi, l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin;

44. jisħaq fuq il-fatt li s-sigurtà ambjentali hija aspett importanti tas-sigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni tat-tniġġis u l-għargħar transkonfinali;

L-edukazzjoni u l-kultura

45. jagħmel enfasi fuq ir-rwol tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-promozzjoni tad-djalogu interkulturali. Billi l-popolazzjoni tagħhom ħafna drabi tkun eteroġena, il-bliet u r-reġjuni huma adatti ħafna sabiex jappoġġjaw id-djalogu interkulturali u d-djalogu bejn ir-reliġjonijiet permezz tal-esperjenzi diretti tagħhom;

46. jenfasizza l-importanza tal-attivitajiet kulturali reġjonali għall-integrazzjoni Ewropea, peress li dawn iservu ta' pont mar-reġjuni ta' oriġini li jinsabu fil-pajjiżi li jmissu mad-Danubju;

47. jisħaq fuq l-importanza li jiġu żviluppati l-ġemellaġġi bejn il-bliet, bħal pereżempju n-netwerk DonauHanse®, għaliex dawn huma miżura essenzjali sabiex jitwettaq il-motto Ewropew "Magħquda fid-diversità" bis-saħħa tal-parteċipazzjoni diretta taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea. Id-djalogu ma jikkontribwixxix biss biex jingħelbu l-preġudizzji interkulturali, iżda jibni wkoll il-qafas għall-kooperazzjoni ekonomika u soċjali u l-iżvilupp sostenibbli, u b'hekk jippromovi l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Istrateġija ta' Lisbona;

48. jirrimarka li l-istituzzjonijiet bħall-Akkademja Ewropea tad-Danubju, l-Università Gyula Andrássy f'Budapest jew l-Istitut għar-Reġjun tad-Danubju u l-Ewropa Ċentrali jistgħu jaqdu rwol importanti billi jiġbru flimkien il-potenzjal attwali u jistabbilixxu miri ġodda;

Ix-xogħol, is-saħħa u l-affarijiet soċjali

49. jaħseb li s-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) u s-Sena Ewropea tal-Volontarjat (2011) joffru l-okkażjoni biex wieħed jenfasizza li flimkien mal-iżvilupp soċjali tar-reġjun tad-Danubju għandha tiġi żviluppata wkoll l-ekonomija sabiex is-soċjetà tikkonvinċi ruħha mill-vantaġġi tal-Unjoni Ewropea għaċ-ċittadini kollha;

50. jirringrazzja lill-atturi kollha li jieħdu ħsieb l-iskambju tal-esperjenzi mal-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi bil-għan li jiġi aċċellerat l-iżvilupp fil-qasam soċjali u tas-saħħa, u jistedinhom ikomplu jipprovdu dan l-appoġġ fil-livelli kollha;

Reġjun wieħed għall-finijiet tal-għoti ta' fondi mill-UE

51. jinnota li r-rwol tal-iżvilupp tar-reġjuni kompetittivi li jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi tal-futur kulma jmur qiegħed jikber minħabba l-globalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Istrateġija ta' Lisbona;

52. jirrimarka li fil-perijodu ta' programmazzjoni attwali (2007-2013), għall-finijiet tal-għoti ta' fondi mill-UE, ir-reġjun tad-Danubju huwa maqsum f'żewġ żoni transnazzjonali li jidħlu parzjalment f'xulxin: l-Ewropa ċentrali u l-Ewropa tax-Xlokk. Il-qsim tar-reġjun tal-Ewropa ċentrali u tal-Ewropa tax-Xlokk, li qabel kien reġjun wieħed, għall-finijiet tal-għoti ta' fondi mill-UE f'żewġ żoni – il-Baħar Baltiku u l-Eġew (CADSES) – jista' b'mod partikolari fir-reġjun tad-Danubju jkollu impatt kontroproduttiv fuq il-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika. Minħabba l-importanza ġeografika, kulturali u storika tiegħu, speċjalment għall-koeżjoni bejn l-Ewropa tal-Lvant u l-Ewropa tal-Punent, ir-reġjun tad-Danubju għandu dimensjoni politika u strateġika partikolari. Fid-dawl tal-importanza ġeopolitika tiegħu, dan l-aspett jista' jiġi kkunsidrat bl-aħjar mod f'żona ta' kooperazzjoni waħda;

53. għaldaqstant jinnota li, sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ekonomiku, soċjali, ambjentali u kulturali tiegħu, ir-reġjun tad-Danubju għandu jiġi kkunsidrat bħala żona Ewropea transnazzjonali *waħda* għall-finijiet tal-għoti ta' fondi mill-UE. Jekk ir-reġjun tad-Danubju jitqies bħala żona waħda għall-finijiet tal-għoti ta' fondi mill-UE:

— ikun jista' jsir l-aktar użu effiċjenti mir-riżorsi ta' dan ir-reġjun, b'mod partikolari fl-oqsma ta' politika strateġiċi tal-infrastruttura, ir-rotot fuq l-ilma, il-protezzjoni mill-għargħar, l-enerġija u s-sigurtà tal-enerġija, l-ekonomija sostenibbli kif ukoll il-politika ambjentali,

— il-potenzjal ekonomiku komuni jkun jista' jiġi sfruttat bis-sħiħ u b'mod sostenibbli,

— tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali,

[10] Konvenzjoni dwar ir-regolazzjoni tan-navigazzjoni fid-Danubju; iffirmata nhar it-18 ta' Awwissu 1948 f'Belgrad (mhux disponibbli bil-Malti).

— ir-reġjun tad-Danubju jitqies bħala wirt kulturali, naturali u storiku komuni tal-Ewropa kollha;

54. iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet Ewropej biex fil-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss jittrattaw ir-reġjun tad-Danubju bħala żona transnazzjonali waħda għall-finijiet tal-għoti ta' fondi mill-UE. L-istrumenti IPA u ENPI huma miżuri flessibbli biex jintegraw bis-sħiħ il-pajjiżi kandidati, il-kandidati potenzjali u l-pajjiżi terzi f'din iż-żona. It-tisħiħ ta' dawn l-istrumenti jgħin fl-iżvilupp koerenti tar-reġjun tad-Danubju. B'rabta ma' dan, ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-istrumenti ta' appoġġ FEŻR, IPA u ENPI u għall-programmi ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea għandha tingħabar flimkien u tiġi implimentata minn servizz wieħed fi ħdan il-Kummissjoni.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "L-azzjonijiet prijoritarji tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u t-titjib tal-appoġġ għall-vittmi"

(2010/C 79/02)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI:

— jinnota li l-vjolenza kontra n-nisa tirrappreżenta aggressjoni kontra l-libertajiet u d-drittjiet fundamentali tal-bniedem u xxekkel l-ugwaljanza bejn l-opportunitajiet tan-nisa u tal-irġiel;

— ifakkar li l-koeżjoni ekonomika u soċjali, waħda mis-sisien tal-Unjoni Ewropea, ma tistax tintlaħaq jekk l-iżvilupp personali u professjonali ta' nofs il-popolazzjoni jkompli jinħonoq u tkun mhedda l-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom, sempliċement għax nisa;

— jenfasizza l-intervent tal-istituzzjonijiet Ewropej, li rrikonoxxew l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan il-qasam, u jappoġġja l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-inizjattivi tagħhom;

— jinkoraġġixxi lil dawk li jieħdu d-deċizjonijiet fil-livell lokali u reġjonali sabiex fl-ippjanar u l-amministrazzjoni tagħhom, iqisu s-sigurtà tan-nisa u l-mezzi li jevitaw l-atti vjolenti f'postijiet pubbliċi, b'mod partikulari fir-rigward ta' miżuri bħad-dawl pubbliku, l-organizzazzjoni tat-trasport pubbliku u s-servizz tat-taksis, id-disinn u l-ippjanar ta' żoni għall-parkeġġi, il-bini residenzjali u pubbliku;

— jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jgħinu lill-korpi leġiżlattivi fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet ta' sess u l-opportunitajiet indaqs u jieħdu approċċ konġunt u olistiku fuq il-vjolenza bbażata fuq is-sessi billi l-kwistjoni titqies f'termini ta' diskriminazzjoni u l-prinċipju ta' ugwaljanza. Jeħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi kollha u n-nies lokali jieħdu pożizzjoni soda dwar il-kwistjoni: il-vjolenza fuq in-nisa għandha tissolva bħala problema strutturali u politika.

Relatur: Is-Sur Juan Vicente Herrera Campo (ES/PPE), President tar-Reġjun ta' Castilla y León

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

Il-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

1. jinnota li l-vjolenza kontra n-nisa tirrappreżenta aggressjoni kontra l-libertajiet u d-drittjiet fundamentali tal-bniedem u xxekkel l-ugwaljanza bejn l-opportunitajiet tan-nisa u tal-irġiel;

2. ifakkar li l-koeżjoni ekonomika u soċjali, waħda mill-pilastri ewlenin tal-Unjoni Ewropea, ma tistax tintlaħaq jekk l-iżvilupp personali u professjonali ta' nofs il-popolazzjoni jkompli jinħonoq u tkun mhedda l-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom, sempliċement għax nisa;

3. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-problema quddiemna hija waħda ta' natura universali. Din il-ferita soċjali tolqot lill-kulturi kollha, mil-Lvant sal-Punent. Fil-Konferenza Dinjija dwar in-Nisa li saret f'Peking f'Settembru 1995, intqal li l-vjolenza fuq il-mara hija l-iktar reat komuni u l-iktar wieħed mistur fid-dinja: "*il-vjolenza fuq in-nisa hija manifestazzjoni tar-relazzjonijiet ta' poter inugwali matul l-Istorja bejn in-nisa u l-irġiel, li wasslu għad-dominanza maskili, id-diskriminazzjoni tan-nisa mill-irġiel li ma tippermettix l-iżvilupp sħiħ tan-nisa, eċċ. Il-vjolenza fuq in-nisa għandha l-għeruq tagħha fin-normi kulturali li jenfassizzaw il-pożizzjoni inferjuri li tingħata lin-nisa fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, fil-komunità u fis-soċjetà*";

4. jagħraf li l-integrazzjoni gradwali tan-nisa fis-settur pubbliku matul l-aħħar seklu kienet ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha peress li din tal-aħħar issaħħet bil-kontribut tan-nisa fil-kultura, l-Universitajiet, il-politika, ix-xjenza, l-ekonomija, eċċ.;

5. jappoġġja l-isforz lejn il-libertà u l-iżvilupp sħiħ tan-nisa u jikkundanna l-ideoloġiji u l-prattiki li jhedduhom u jillimitawhom. Il-vjolenza fuq in-nisa tmur kontra l-prinċipji fundamentali ta' soċjetà demokratika;

6. jinnota li l-vjolenza fuq in-nisa sseħħ fil-livelli kollha tas-soċjetà, fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, mingħajr distinzjoni bejn il-livelli ta' studju u bejn il-kulturi;

7. jiġbed l-attenzjoni għall-ksur intollerabbli tad-drittijiet u l-libertajiet tan-nisa u t-tfal u ż-żgħażagħ vittmi ta' din il-vjolenza;

8. jinnota li kemm il-ħidma preventiva rigward l-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa kif ukoll l-indirizzar tal-vjolenza u l-identifikar ta' soluzzjonijiet rilevanti huma l-għanijiet prijoritarji għall-ħarsien tal-integrità fiżika u morali tagħhom u għall-garanzija tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll sabiex jinkiseb żvilupp ekonomiku u soċjali fi ħdan l-awtoritajiet lokali u reġjonali;

9. jemmen li hemm bżonn ta' evalwazzjoni tar-realtà soċjali fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi li fuqha jkunu jistgħu jissejsu miżuri effikaċi fil-qafas ta' politika soċjali adattata għall-bżonnijiet taċ-ċittadini;

10. jistqarr li l-vjolenza fuq in-nisa għandha l-għeruq tagħha fl-istruttura tas-soċjetajiet tagħna li ma jagħtux l-istess opportunitajiet lin-nisa u lill-irġiel, u li biex neqirdu din il-vjolenza rridu nagħtu prijorità lill-politiki mmirati lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-ugwaljanza tfisser li n-nisa u l-irġiel għandu jkollhom l-istess opportunitajiet biex jagħtu forma lis-soċjetà u lil ħajjithom, u tassumi l-ugwaljanza tad-drittijiet, l-opportunitajiet u r-responsabbiltajiet fl-oqsma kollha tal-ħajja;

Awtonomija lokali u reġjonali u sussidjarjetà

11. josserva li l-awtoritajiet reġjonali u lokali huma l-entitajiet li huma l-eqreb taċ-ċittadini u li għandhom il-kapaċità li jimplimentaw il-valuri u japplikaw il-politiki ekonomiċi, edukattivi u soċjali tal-ħajja ta' kuljum. Fil-fatt, il-Karta Ewropea għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-ħajja lokali, imfassla mill-Kunsill tal-Muniċipji u r-Reġjuni tal-Ewropa fil-qafas tal-ħames programm ta' azzjoni Komunitarja għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, tirrikonoxxi li l-politiki favur opportunitajiet indaqs għaż-żewġ sessi jistgħu jiġu implimentati aħjar fil-livell reġjonali u lokali milli f'kull livell ieħor;

12. jinnota li fl-Artikolu 22 l-awtoritajiet lokali li ffirmaw il-Karta jirrikonoxxu li l-vjolenza bbażata fuq is-sess tirrappreżenta ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u jimpenjaw ruħhom favur it-twaqqif ta' politiki u azzjonijiet kontriha;

13. jistqarr li l-istituzzjonijiet Ewropej jirrikonoxxu li s-suċċess tad-diversi miżuri jiddependi minn kemm l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jużaw il-prattiki u r-riżorsi li diġà qegħdin jimplimentaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dawn l-entitajiet, li huma l-eqreb taċ-ċittadini, jinsabu fil-pożizzjoni ideali biex jiġbru l-opinjonijiet u t-tħassib taċ-ċittadini u biex ifittxu soluzzjonijiet effiċjenti għall-appoġġ u l-promozzjoni tal-politiki Ewropej;

14. iqis li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltà kbira f'dan il-qasam u barra minn hekk akkumulaw esperjenza wiesgħa u fasslu prattiki tajba u programmi mmirati kemm lejn il-vittmi kif ukoll lejn il-persuni ħatja tad-delitti;

15. jenfasizza l-intervent tal-istituzzjonijiet Ewropej, li rrikonoxxew l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali f'dan il-qasam, u jappoġġja l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-inizjattivi tagħhom;

Progress fil-qafas legali

16. jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn dejjem ikbar ta' sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-vjolenza fuq in-nisa bħala ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fatt li ġie enfasizzat f'diversi dikjarazzjonijiet internazzjonali u liġijiet nazzjonali;

17. jinnota b'interess id-dispożizzjonijiet legali l-ġodda li rriżultaw mill-kampanja għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa li saret fid-diversi Stati Membri u awtoritajiet lokali u reġjonali u l-importanza tal-promozzjoni tal-iskambju tal-esperjenzi dwar il-leġiżlazzjoni u l-infurzar tagħha. Huwa jenfasizza l-importanza tal-kwistjoni u l-bżonn ta' miżuri legali għall-eliminazzjoni ta' din il-vjolenza permezz tal-prevenzjoni u l-għoti ta' attenzjoni integrali lill-vittmi;

18. iqis li wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-Liġi Komunitarja huwa li jiġu ggarantiti opportunitajiet indaqs lin-nisa u lill-irġiel hekk kif jistipula t-Trattat ta' Amsterdam tal-1997 (l-Artikoli 2 u 3) meta jgħid li l-Unjoni għandha l-missjoni li tippromovi l-opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa u li dan il-prinċipju għandu jiddaħħal fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE;

Il-kunċett tal-vjolenza kontra l-mara

19. jagħraf li hemm diversi definizzjonijiet tal-"vjolenza fuq il-mara", iżda l-iktar waħda aċċettata hija dik stabbilita mid-Dikjarazzjoni dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq il-mara, adottata mir-Riżoluzzjoni 48/104 tal-20 ta' Diċembru 1993 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li tiddefinixxi l-vjolenza fuq in-nisa fl-Artikolu 1 tagħha, bħala "**l-atti kollha ta' vjolenza bbażati fuq il-ġeneru li jirriżultaw, jew li probabbilment jirriżultaw, fi ħsara jew tbatija għan-nisa, li tista' tkun fiżika, sesswali jew psikoloġika, inkluż it-theddid ta' atti bħal dawn, l-użu tal-forza jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk dan isir fil-ħajja pubblika kif ukoll fil-ħajja privata.**" Dan huwa l-kunċett li ġie adottat fil-proposta għall-abbozz ta' opinjoni li qiegħda tiġi ppreżentata;

Kummenti tal-Kumitat tar-Reġjuni

20. iqis li l-eliminazzjoni tal-vjolenza marbuta mas-sess hija waħda mill-oqsma prijoritarji ta' azzjoni tal-Unjoni Ewropea favur l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif intqal fl-opinjoni adottata fis-6 ta' Diċembru 2006 mill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006–2010;

21. bosta Stati Membri għarfu l-importanza ta' din il-problema soċjali u l-bżonn li jinstabu soluzzjonijiet komprensivi. Fis-27 ta' Novembru 2006, il-Kunsill tal-Ewropa nieda kampanja kontra l-vjolenza fuq in-nisa; din l-inizjattiva għandha tliet dimensjonijiet: dimensjoni intergovernattiva, dimensjoni parlamentari u dimensjoni lokali u reġjonali. Din tal-aħħar tindika l-importanza tal-involviment tal-entitajiet li huma l-eqreb taċ-ċittadini;

22. jinnota li l-informazzjoni li teżisti dwar il-problema tal-vjolenza fuq in-nisa mhijiex eżawrjenti. Din is-sitwazzjoni tqiegħed fi żvantaġġ ċar lin-nisa meta dawn jiġu biex jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom fis-soċjetà;

23. jappoġġja l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa b'miżuri ta' prevenzjoni, u jirrakkomanda l-mobilizzazzjoni ta' servizzi u prattiki adatti bil-għan li l-migranti, u b'mod partikulari n-nisa u t-tfal, jiġu infurmati minn qabel dwar il-periklu li jistgħu jiġu ingannati dwar l-iskop veru tal-migrazzjoni tagħhom u l-periklu li jiġu sfruttati; u ta' sensibilizzazzjoni soċjali, kif ukoll miżuri ta' attenzjoni u protezzjoni tal-vittmi;

24. iqis li l-vjolenza fuq in-nisa għandha tiġi analizzata minn diversi perspettivi, u f'kull forma tagħha, sabiex nifhmu din il-problema fil-kumplessità kollha tagħha:

— minn banda, mill-aspett legali li jgħid li l-vjolenza bbażata fuq is-sess tmur kontra l-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-vittmi tagħha;

— mill-banda l-oħra, jeħtieġ li wieħed iqis l-aspett tas-saħħa, minħabba l-konsegwenzi gravi ta' din il-vjolenza fuq is-saħħa tan-nisa li huma l-vittmi tagħha. (Ir-Rakkomandazzjoni Nru 1582 dwar il-vjolenza domestika fuq il-mara, adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fis-27 ta' Settembru 2002, turi li l-vjolenza domestika hija l-ewwel kawża ta' mewt u diżabbiltà permanenti fid-dinja għan-nisa tal-età ta' 16 sa 44 sena. Din il-vjolenza tikkawża iktar imwiet fost in-nisa ta' dan il-grupp ta' età mill-kanċer, l-inċidenti tat-traffiku jew il-gwerra);

— mill-perspettiva soċjali, għandu jiġi ggarantit l-aċċess tan-nisa għas-servizzi ta' appoġġ, kif ukoll għall-impjieg, l-għajnuniet ekonomiċi u l-akkomodazzjoni;

— barra minn hekk, wieħed irid iqis l-aspett edukattiv, kemm fit-trażmissjoni tal-valuri fl-istabbilimenti edukattivi, kif ukoll b'mod iktar globali, fil-familja, fil-mezzi tax-xandir, eċċ.;

25. jappoġġja l-inizjattivi u l-proġetti li qegħdin jimplimentaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-eliminazzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u jħeġġeġ l-iskambju tal-prattiki t-tajba;

26. jagħraf li l-ġlieda kontra l-vjolenza hija kundizzjoni indispensabbli biex tinħoloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, iżda l-impatt tal-vjolenza u l-miżuri meħtieġa biex tinqered għandhom implikazzjonijiet ekonomiċi u soċjali konsiderevoli;

27. Iqis li t-traffikar tal-persuni għal skopijiet ta' sess u kull forma oħra ta' esplojtazzjoni jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. It-traffikar tal-persuni huwa ksur serju tad-dinjità umana u tad-dritt li l-persuna tiddeċiedi dwar ħajjitha u ġisimha. It-traffikar tal-persuni għas-sess jolqot l-ewwel nett lit-tfajliet u l-bniet, u huwa forma ta' skjavitù modern tal-bniedem li jfixkel il-valuri komuni Ewropej u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u huwa ostaklu serju għall-ugwaljanza soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

L-impatt ekonomiku tal-vjolenza fuq in-nisa

28. jiġbed l-attenzjoni lejn l-ispiża diretta u indiretta tal-vjolenza fuq in-nisa għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Istati Membri. Il-vjolenza taffettwa l-ħajja professjonali tal-vittmi kif ukoll is-saħħa fiżika u mentali u s-sitwazzjoni soċjali tagħhom. Hija taffettwa b'mod negattiv is-saħħa u l-benesseri tal-membri l-oħra tal-familja, l-aktar it-tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fuq in-nisa, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-problemi fit-tul tal-kwistjonijiet tas-saħħa li ta' spiss jaqgħu fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dawn l-ispejjeż indiretti - li jolqtu l-prodotti, is-servizzi u l-ġid tal-vittmi - jmorru id f'id mal-ispiża diretta ta' riżorsi speċifiċi jew ġenerali li jintużaw biex tissolva l-problema. L-istatistika tiġġustifika l-użu ta' programmi ta' prevenzjoni peress li ma jiswewx ħafna flus meta mqabbla mal-ispiża soċjali tal-vjolenza;

29. jiġbed l-attenzjoni għall-effett tal-vjolenza fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, filwaqt li josserva li hija problema soċjali li trid tingħata prijorità. Il-vjolenza ma jkollhiex biss impatt fuq l-individwi, il-familji u l-komunitajiet iżda xxekkel ukoll l-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiżi;

30. jinsab imħasseb dwar iċ-ċifri ppreżentatu fl-istudju tal-2006 li sar minn Carol Hagemann-White għall-Kunsill tal-Ewropa dwar il-miżuri li ttieħdu mill-istati membri tiegħu biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa. Ir-rapport jgħid li bejn 12 u 15 % tan-nisa Ewropej li għandhom 'il fuq minn 16-il sena esperjenzaw abbuż f'relazzjoni f'xi żmien f'ħajjithom, xi drabi anki wara li tkun spiċċat ir-relazzjoni;

31. jappoġġja l-inizjattivi tal-programmi Daphne, li tnedew fl-1997, biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa fl-Unjoni Ewropea. Il-programm Daphne III ġie adottat għall-perjodu 2007–2013. Il-proġett għandu baġit ta' EUR 116.85 miljun biex jiżviluppa programmi biex jiġu mħarsa t-tfal, iż-żgħażagħ u n-nisa minn kull forma ta' vjolenza u biex jintlaħqu livelli għoljin ta' protezzjoni tas-saħħa u koeżjoni soċjali. Il-programm jappoġġja wkoll l-użu ta' netwerks multidixxiplinarji. Hekk kif isiru l-proġetti differenti ffinanzjati taħt l-iskema, nistgħu nitgħallmu dwar il-ħtiġijiet tal-korpi responsabbli għall-proġetti u t-tipi ta' azzjoni li jkunu ħadu;

Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni

32. jissuġġerixxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE jsegwu r-rakkomandazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa (id-WTO), li tenfasizza l-ħtieġa li tiġi appoġġjata r-riċerka fuq il-kaġun, il-konsegwenzi, u l-ispejjeż marbuta mal-vjolenza fuq in-nisa u fuq miżuri ta' prevenzjoni effettivi sabiex ir-riċerka tkun tista' tagħti spunt għall-azzjoni u l-prevenzjoni u toffri fehim aħjar tal-effikaċja tal-azzjoni meħuda;

33. jisħaq dwar il-ħtieġa li l-istudji kollha jipprovdu data skont is-sess, l-età, il-klassi soċjali u indikaturi rilevanti oħrajn. Dan jagħti stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni, u jiżgura li l-istrateġiji u l-miżuri soċjali u ekonomiċi jkunu jistgħu jitfasslu biex joħolqu soċjetà bi drittijiet u opportunitajiet ugwali għal kulħadd, b'livelli ogħla ta' progress u benesseri ekonomiku u soċjali;

34. jitlob li jinħolqu sistema u proċeduri affidabbli sabiex tinkiseb data standardizzata u kumparabbli dwar il-vjolenza u l-politika ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-awtoritajiet reġjonali u lokali biex in-nies isiru aktar konxji dwar il-problema u jipproponi bidliet fil-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet politiċi, ekonomiċi u oħrajn li huma marbuta ma' din il-problema;

35. jitlob li jsir studju fil-livell Ewropew dwar l-eżistenza tal-vjolenza fuq in-nisa fir-reġjuni differenti tal-UE sabiex jinkiseb fehim ta' kemm hi mifruxa l-problema u sabiex ikunu jistgħu jiġu żviluppati proposti innovattivi biex tinqered il-vjolenza. Ir-riċerka għandha ssir skont is-sett standardizzat ta' kriterji li jiddefinixxu l-kunċetti u jistipulaw linji gwida għall-interventi;

36. jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm aktar konċentrazzjoni fuq l-edukazzjoni, peress li din, flimkien mal-influwenzi familjari, huma l-fatturi li jħallu l-iktar impatt fuq it-tfal li jkunu qed jikbru fis-soċjetà. Teżisti ħtieġa partikulari li jiġi promoss il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel u li jiġu żviluppati programmi ta' taħriġ u strateġiji biex tiġi evitata l-vjolenza fuq in-nisa u biex in-nies isiru aktar konxji tal-problema fil-livelli kollha tal-komunità edukattiva u fid-dixxiplini kollha;

37. jissuġġerixxi li għandhom jittieħdu miżuri biex il-popolazzjoni sħiħa ssir aktar konxja tal-problema, sabiex in-nies ma jibqgħux iqisu l-vjolenza bbażata fuq is-sessi bħala kwistjoni privata u jinvolvu ruħhom fis-sejbien tas-soluzzjonijiet;

38. jitlob li tittieħed azzjoni kontra mġiba aggressiva u diskriminatorja li tinsulta d-dinjità tan-nisa, u biex jintużaw messaġġi speċifiċi biex jolqtu setturi differenti tas-soċjetà (żgħażagħ, vittmi nisa, irġiel li jwettqu l-vjolenza, minuri, kif ukoll irġiel u nisa li mhumiex milquta direttament mill-kwistjoni) sabiex il-popolazzjoni kollha tkun involuta. Għandhom jiġu infurzati s-sanzjonijiet kontra dawk ħatja;

39. jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġu eliminati mis-soċjetà l-kunċetti tal-maskulinità u l-femminilità li jinvolvu poter ekonomiku, soċjali jew politiku inugwali u li huma promossi fir-riklami, il-mezzi tax-xandir u l-materjal edukattiv, pereżempju. Għandhom jitpoġġew fuq quddiem kunċetti alternattivi ta' kif wieħed iħares lejn il-maskulinità u l-femminilità li huma aktar ġusti u ugwali;

40. jikkonferma li f'pajjiżi li fihom il-professjonisti li jaħdmu fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-liġi, is-saħħa, il-psikoloġija, is-servizzi soċjali, u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi ngħataw taħriġ speċjalizzat, sar titjib fl-identifikazzjoni bikrija ta' vjolenza bbażata fuq is-sessi u fl-għoti ta' servizzi ta' appoġġ aktar speċjalizzati għall-vittmi;

41. jitlob li jiżdiedu l-miżuri ta' protezzjoni għan-nisa li huma l-vittmi ta' vjolenza fl-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha. Fost miżuri mmirati oħra, jeħtieġ li jitħallew jintużaw aktar il-pulizija u riżorsi teknoloġiċi biex iħarsu l-ġid emozzjonali u fiżiku tal-vittmi;

42. jinkoraġġixxi x-xogħol importanti tal-NGOs involuti fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fil-livelli differenti u jappoġġja l-kooperazzjoni attiva ma' dawn l-NGOs, li tinkludi s-sostenn loġistiku u finanzjarju adatt;

43. jissuġġerixxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jieħdu miżuri biex il-vittmi nisa u d-dipendenti tagħhom ikollhom aċċess għal riżorsi speċjalizzati u servizzi ta' appoġġ integrati. Fejn huwa possibbli, għandha tkun disponibbli b'mod immedjat akkomodazzjoni temporanja. Għandhom jiġu implimentati programmi speċifiċi ta' intervent għall-minorenni, li għandhom ukoll jitqiesu bħala vittmi ta' vjolenza bbażata fuq is-sessi billi huma vulnerabbli b'mod partikulari minħabba l-età żgħira tagħhom u d-dipendenza tagħhom fuq il-ġenituri;

44. jinkoraġġixxi lil dawk li jieħdu d-deċizjonijiet fil-livell lokali u reġjonali sabiex fl-ippjanar u l-amministrazzjoni tagħhom, iqisu s-sigurtà tan-nisa u l-mezzi li jevitaw l-atti vjolenti f'postijiet pubbliċi, b'mod partikulari fir-rigward ta' miżuri bħad-dawl pubbliku, l-organizzazzjoni tat-trasport pubbliku u s-servizz tat-taksis, id-disinn u l-ippjanar ta' żoni għall-parkeġġi, il-bini residenzjali u pubbliku;

45. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jgħinu lill-korpi leġiżlattivi fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet ta' sess u l-opportunitajiet indaqs u jieħdu approċċ konġunt u olistiku fuq il-vjolenza bbażata fuq is-sessi billi l-kwistjoni titqies f'termini ta' diskriminazzjoni u l-prinċipju ta' ugwaljanza. Jeħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi kollha u n-nies lokali jieħdu pożizzjoni soda dwar il-kwistjoni: il-vjolenza fuq in-nisa għandha tissolva bħala problema strutturali u politika;

46. ifakkar lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-UE dwar id-dmir tagħhom li jiżguraw it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha – l-ekonomija, l-edukazzjoni, il-politika u l-impjiegi – kif imsemmi fid-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs u tat-trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol u d-Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel fl-aċċess u l-provvista tal-prodotti u s-servizzi. Il-progress fil-ġustizzja u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali jista' jinkiseb biss fl-awtoritajiet lokali u reġjonali li ġenwinament jieħdu pożizzjoni fl-infurzar tal-opportunitajiet indaqs bejn l-irġiel u n-nisa;

47. jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaqsmu bejniethom il-prattiki tajbin tal-kampanji ta' sensibilizzazzjoni, prevenzjoni, taħriġ tal-professjonisti u s-servizzi ta' appoġġ għan-nisa li huma vittmi tal-vjolenza;

48. jirrakkomanda li jitwaqqfu unitajiet dedikati, fejn dawn għad ma jeżistux, fl-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, l-organizzazzjonijiet tas-saħħa, u s-servizzi legali u soċjali biex jiġu offruti servizzi ta' appoġġ speċjalizzati f'każijiet ta' vjolenza fuq in-nisa. B'żieda ma' dan, għandhom jiġu esplorati l-introduzzjoni ta' servizzi tal-emerġenza bħalma huma l-għajnuna permezz ta' linji telefoniċi mingħajr ħlas kif ukoll l-użu ta' faċilitajiet ġodda tal-ICT li jipprovdu l-għoti ta' pariri online u proċeduri tal-ilmenti għall-vittmi tal-vjolenza u/jew persuni kkonfrontati jew mhedda minn sitwazzjonijiet ta' vjolenza; dawn is-servizzi għandhom jiffaċilitaw ukoll l-aċċess għat-trattament mediku xieraq u t-trattament u l-eżaminazzjoni forensika medika, kif ukoll is-sostenn psikoloġiku wara t-trawma, dak soċjali u l-assistenza legali;

49. jipproponi li jinħarġu programmi speċifiċi biex titbiddel l-imġiba tal-irġiel li jwettqu l-vjolenza u li jintużaw kriterji kwalitattivi. Għandu jiġi mħeġġeġ skambju tal-esperjenza biex jittejjeb kemm jista' jkun l-użu tar-riżorsi;

50. jitlob lill-istituzzjoniet tal-UE u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jimplimentaw programmi dedikati – bl-użu ta' kriterji kwalitattivi – li joffru l-appoġġ u s-servizzi ta' segwitu neċessarji għan-nisa li huma vittmi jew li kienu vittmi ta' vjolenza bbażata fuq is-sessi, flimkien mad-dipendenti tagħhom;

51. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jużaw id-definizzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa li tingħata fir-Riżoluzzjoni 48/104 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, li ġiet adottata fl-20 ta' Diċembru 1993;

52. jirrakkomanda li jingħataw servizzi apposta għan-nisa partikolarment vulnerabbli: pereżempju n-nisa b'diżabbiltà, in-nisa immigranti, u n-nisa li jgħixu f'inħawi inqas milħuqa mis-servizzi soċjali, bħaż-żoni żvantaġġjati urbani jew rurali, kif ukoll nisa bi bżonnijiet speċjali li jinħolqu minn diversi kwistjonijiet soċjali bħal problemi ta' saħħa mentali u l-vizzju tad-drogi;

53. jemmen li hemm bżonn sforzi qawwija biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-persuni jew forom oħra ta' esplojtazzjoni għall-finijiet ta' sfruttament sesswali, ta' kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi (xogħol tad-dar, kejtering, assistenza lit-tfal, l-anzjani u l-morda, eċċ.), għas-suq taż-żwiġijiet b'għan ta' qligħ u għall-finijiet tat-traffikar tal-organi kif ukoll il-prattiki tal-mutilazzjoni ġenitali femminili u taż-żwieġ sfurzat. Hemm bżonn ukoll li jiġu żviluppati u evalwati mudelli u metodi nazzjonali u internazzjonali għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom ta' vjolenza msemmija. Miżuri ġenerali ta' sensibilizzazzjoni u li jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika, huma essenzjali biex tiġi indirizzata l-problema;

54. jirrakkomanda l-adozzjoni ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni, prevenzjoni u attenzjoni għan-nisa li jisfaw vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF);

55. jissuġġerixxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jibdew programmi li jgħinu lin-nisa li kienu vittmi tal-abbuż jew esposti għall-vjolenza jmorru lura għax-xogħol u jkomplu b'ħajjithom, billi jħeġġu lil min iħaddem jimpjega lil dawn in-nisa, jew jinkoraġġuhom biex jaħdmu għal rashom, u billi jintużaw pjanijiet ta' taħriġ u ta' azzjoni biex il-karrieri tagħhom imorru 'l quddiem u b'hekk jiġu megħjuna jsiru indipendenti finanzjarjament;

56. jitlob lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jsibu mekkaniżmi ta' kollaborazzjoni u koordinazzjoni interistituzzjonali f'setturi differenti sabiex tittejjeb l-attenzjoni, is-segwitu u l-appoġġ olistiku għall-vittmi tal-vjolenza, kif ukoll jiffaċilitaw il-prosekuzzjoni tal-individwi akkużati bi vjolenza domestika kontra n-nisa;

57. jappella lill-istituzzjonijiet rilevanti li jittrattaw il-vjolenza fuq in-nisa (il-pulizija, is-servizzi mediċi u soċjali) sabiex ifasslu pjanijiet ta' azzjoni kkoordinati fuq perijodu medju u fit-tul li jikkumbattu l-vjolenza u jiżguraw il-protezzjoni tal-vittmi; il-mezzi tax-xandir jistgħu jkunu strument utli li jwassal informazzjoni dwar pjanijiet ta' azzjoni kkoordinati bħal dawn, u għandhom jintużaw sabiex iżidu l-għarfien dwar dawn il-kwistjonijiet;

58. jitlob lill-mezzi tax-xandir li jaħdmu fil-livelli kollha biex jagħmlu l-parti tagħhom billi jagħmlu n-nies aktar konxji ħalli tittwettaq il-ħidma preventiva u jsir minn kollox biex tinqered il-vjolenza bbażata fuq is-sessi u sabiex jinħolqu l-proċessi biex is-sensibilizzazzjoni dwar il-vjolenza fuq in-nisa tinxtered sew;

59. jirrakkomanda li jinħoloq osservatorju tal-UE dwar il-vjolenza fuq in-nisa. Dan l-osservatorju jkun jaħdem fi ħdan l-Istitut Ewropew eżistenti għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, li nħoloq mir-Regolament (KE) 1922/2006 għall-promozzjoni u l-koordinazzjoni tal-miżuri adottati bis-saħħa ta' netwerking attiv;

60. bl-għajnuna tal-istituzzjonijiet Ewropej kollha, il-Kumitat tar-Reġjuni beħsiebu jippromovi politika Komunitarja li tiżgura li n-nisa jkunu emanċipati kompletament u jkollhom il-ħila jieħdu sehem sħiħ fis-soċjetà, ibda mis-sehem fl-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dan jinkiseb bl-implimentazzjoni ta' proċeduri effettivi biex tiġi evitata l-vjolenza permezz tal-edukazzjoni u l-politika soċjali. Il-proċeduri għandhom itejbu s-servizzi għall-vittmi billi jitħarrġu l-professjonisti, u jiġi pprovdut netwerk ta' appoġġ soċjali li jiżgura li n-nisa jiġu mħarsa aħjar.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "White Paper — Nadattaw għall-bidla fil-klima: Lejn qafas Ewropew għal azzjoni"

(2010/C 79/03)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu rikonoxxuti bħala atturi ewlenin fil-ġlieda kontra l-effetti ħżiena tat-tibdil fil-klima, peress li huma lesti jaqsmu r-responsabbiltà u diġà qed jieħdu azzjonijiet sabiex jadattaw ċerti komunitajiet għall-konsegwenzi;

— jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima ser ikollu effett dirett kemm fuq il-provvista kif ukoll fuq id-domanda għall-enerġija, pereżempju mewġiet ta' sħana u nixfiet ser jaffettwaw il-produzzjoni tal-elettriku waqt li maltempati qawwija u għargħar ser jikkawżaw interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u għaldaqstant jilqa' l-fatt li l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima huma inklużi fl-evalwazzjoni tal-istrateġija tal-enerġija;

— japprova l-ħolqien ta' Pjattaforma ta' Monitoraġġ dwar it-Tibdil fil-Klima li tkun appoġġjata b'mod xieraq mill-Kummissjoni, ibbażata fuq il-mudell tal-Patt tas-Sindki li kiseb riżultati tajbin. Il-pjattaforma tista' tgħin lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp u l-iskambju ta' għarfien lokali dwar il-klima;

— jaqbel li l-limitazzjonijiet finanzjarji jikkostitwixxu l-ostakolu ewlieni għall-adattament. Bħalissa l-mezzi finanzjarji pprovduti mill-UE u mill-Istati Membri mhumiex biżżejjed. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu allokati iktar riżorsi fil-livell sottonazzjonali, li għandhom ikunu mmirati b'mod speċifiku għall-adattament għat-tibdil fil-klima;

— jemmen li r-reviżjoni tal-Baġit tal-UE li ġejja u anke l-Perspettivi Finanzjarji li jmiss lil hinn mill-2013 għandhom jagħmlu bħala prijorità l-isfidi tat-tibdil fil-klima. Peress li l-miżuri ta' adattament f'ħafna każijiet huma essenzjalment sforzi lokali, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-appoġġ tal-UE jkun disponibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Relatur: Henning Jensen (DK/PSE), Sindku tal-Muniċipalità ta' Næstved

Dokument ta' referenza

White Paper "Nadattaw għall-bidla fil-klima: Lejn qafas Ewropew għal azzjoni"

COM(2009) 147 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-White Paper dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-annessi tagħha, billi din hija inizjattiva tajba u maħsuba sewwa. Il-Kumitat tar-Reġjuni jinnota li hemm kunsens fil-komunità akkademika, inkluż il-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima, li t-tibdil fil-klima qiegħed iseħħ u qed tiżdied u li ħafna minnha hija kkawżata mill-emissjonijiet kontinwi u li qed jiżdiedu ta' gassijiet b'effett ta' serra minn attivitajiet tal-bniedem. Għal-daqstant l-isfida hija li l-atturi rilevanti jiġu organizzati fi sforz komprensiv u sostenibbli favur il-ħarsien tal-klima li jiġbor flimkien miżuri ta' prevenzjoni, tnaqqis, kif ukoll ta' adattament;

2. japprova l-approċċ komprensiv tal-Kummissjoni Ewropea, li jinkorpora l-eżiġenzi differenti tas-setturi varji u jirrikkonoxxi l-ħtieġa li l-adattament ikun integrat b'mod orizzontali fl-oqsma ewlenin ta' politika tal-UE;

3. jenfasizza l-fatt li reġjuni ġeografiċi differenti fl-UE jiġu affettwati b'mod differenti minn xulxin. Qafas Ewropew għal azzjoni għandu jqis dan il-fatt. Dan ifisser li l-miżuri kollha għandu jkollhom l-ikbar flessibbiltà possibbli u għandhom jirrispettaw b'mod strett il-prinċipju ta' sussidjarjetà. B'hekk biss ikunu jistgħu jitqiesu biżżejjed id-differenzi reġjonali sabiex jitnaqqas l-impatt ekonomiku, ambjentali u soċjali;

4. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tibdil fil-klima ma jiddistingwix bejn konfini ġeografiċi, organizzattivi jew amministrattivi, u għalhekk iħeġġeġ sabiex jittieħed approċċ orizzontali u konġunt mill-korpi lokali, reġjonali u nazzjonali li għandhom karatteristiċi komuni bħalma huma ilmijiet, estwarji u pjanuri tal-għargħar kostali jew tax-xmajjar, gżejjer u reġjuni mill-ibgħad periferiji; minn perspettiva vertikali l-adattament jeħtieġ azzjoni minn isfel għal fuq u għalhekk jirrakkomanda li jittieħdu azzjonijiet konġunti fuq miżuri ta' adattament mil-livelli kollha rilevanti ta' gvernanza, li jistipulaw l-azzjonijiet rispettivi, ir-responsabbiltajiet finanzjarji u l-perijodi ta' żmien meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet proposti, b'rispons integrat u responsabbiltà maqsuma għar-riżultat;

5. jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-inizjattivi varji ma jkunux kontroproduttivi jew isiru darbtejn għalxejn f'livelli oħra ta' awtorità. L-involviment f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jiżgura li l-proposti jikkomplementaw lil xulxin billi l-muniċipalitajiet, il-bliet u r-reġjuni jistgħu joffru informazzjoni dwar l-esperjenzi tagħhom u s-soluzzjonijiet li diġà żviluppaw fil-livell sottonazzjonali;

6. jinnota li politika tal-klima ambizzjuża u effettiva tista' tevita ż-żieda qawwija fl-inugwaljanzi soċjali bħala konsegwenza tat-tibdil fil-klima. L-għan huwa li tingħata spinta lil "patt ekoloġiku ġdid" permezz ta' miżuri li, pereżempju, jippromovu r-riċerka u s-soluzzjonijiet enerġetiċi ekoloġiċi, isaħħu l-impjieg fis-setturi ambjentali u jiżviluppaw b'mod ekoloġiku filwaqt li jgħinu lill-ħaddiema fis-setturi affettwati jiżviluppaw ħiliet flessibbli. In-nuqqas ta' taħriġ adegwat u ħiliet flessibbli huwa ostakolu kbir għall-adattament, kemm fil-gvern lokali u reġjonali kif ukoll fis-settur privat. L-industrija tad-"design" u tal-bini kif ukoll it-taqsimiet tal-ippjanar u tal-kontroll tal-bini tal-awtoritajiet lokali se jeħtieġu investiment u taħriġ sinifikanti fit-tul sabiex jiżviluppaw dawn il-ħiliet u jinkorporawhom fix-xogħol tagħhom. Patt ekoloġiku ġdid jista' jgħin ukoll sabiex tiġi evitata l-migrazzjoni mhux mixtieqa marbuta mal-klima. L-isfida tat-tibdil fil-klima tista' tiġi ttrasformata f'opportunità sabiex jinħoloq tkabbir ekonomiku li huwa ekoloġiku u sostenibbli, bħala rimedju kontra l-kriżi finanzjarja, u għalhekk huwa importanti li jiġu stabbiliti rabtiet mal-prijoritajiet futuri tal-Istrateġija tal-UE għat-Tkabbir u l-Impjiegi wara l-2010;

L-istrumenti finanzjarji

7. ifakkar fil-ħtieġa li tintuża kombinazzjoni ta' strumenti ta' politika, inkluż l-ippjanar strateġiku lokali. Huwa importanti ħafna li aspetti tat-tibdil fil-klima jiġu inkorporati b'mod dirett fl-għodod ta' ppjanar lokali sabiex ikun żgurat li jitqies l-impatt tat-tibdil fil-klima;

8. jaqbel mal-fehma li ħafna oqsma tal-ħajja u b'mod partikolari l-infrastruttura (bini, trasport, toroq prinċipali, netwerks urbani, enerġija, dranaġġ, il-protezzjoni mill-għargħar u l-provvista tal-ilma), ekosistemi, l-agrikoltura u l-forestrija huma partikularment affettwati milt-tibdil fil-klima u li sabiex jiġu indirizzati dawn l-oqsma hemm bżonn kemm ta' għodod speċifiċi għal kull settur kif ukoll transsettorjali. Huwa importanti li nadottaw approċċ ta' politiki transsettorjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima, iżda dan m'għandux itellef l-għanijiet oriġinali tal-politiki individwali;

9. japprova l-fehma li l-iżvilupp ta' linji gwida u mekkaniżmi għall-monitoraġġ tal-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa tal-bniedem jista' jikkontribwixxi għal titjib fl-istrumenti li jiġġestjonaw, pereżempju, il-mard transkonfinali marbut mal-klima, li ser jaffettwa liċ-ċittadini f'ħafna modi differenti;

10. jenfasizza l-fatt li l-approċċ komprensiv u integrat, li huwa essenzjali għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sodi għall-adattament għat-tibdil fil-klima, jeħtieġ kontroll min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi fir-rigward tal-mudelli li jintgħażlu fi ħdan id-diversi setturi. Ta' min iżid l-effetti ta' sinerġija ekoloġiċi u ekonomiċi u l-effetti ta' spin-off bejn is-setturi individwali;

11. jappoġġja l-fehma li t-tibdil fil-klima ser ikollu impatt dirett fuq l-agrikoltura, il-forestrija u l-kampanja inġenerali u jenfasizza li l-miżuri għall-adattament għat-tibdil fil-klima adottati mill-komunitajiet rurali, l-irziezet u n-negozji forestali ser ikollhom rwol dejjem aktar importanti x'jaqdu. Sabiex ikun hemm adattament bikri, li jwassal sabiex ikun minimizzat l-impatt fuq dan is-settur, jeħtieġ li r-riċerka dwar il-klima u l-ħtiġijiet tal-agrikoltura tingħata spinta 'l quddiem u tkun applikata lill-karatteristiċi tal-agrikoltura f'kull reġjun. Il-miżuri għall-ġlieda kontra u għall-adattament għat-tibdil fil-klima ħafna drabi huma assoċjati ma' tnaqqis fil-ħsad jew żieda fl-ispejjeż. Għalhekk għandha ssir analiżi li tqabbel l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri individwali. Barra minn hekk, l-ispejjeż assoċjati mal-miżuri għall-ġlieda u l-adattament għat-tibdil fil-klima għandhom ikunu raġonevoli. Is-settur agrikolu ser ikollu rwol dirett fl-iżgurar li ż-żoni rurali ilaħħqu mal-isfidi tat-tibdil fil-klima fir-rigward tal-ħżin u l-konservazzjoni tal-ilma, tal-ġestjoni tal-uċuħ tar-raba', il-ħolqien u l-ġestjoni ta' boskijiet, bl-eċċezzjoni ta' reġjuni li għandhom proporzjon tal-art li hija foresta ikbar minn 50 %, il-bidla tal-art ikkoltivata lura għal art erbaċea, il-biedja organika u l-ġestjoni tal-artijiet mistagħdra, eċċ. Art rurali u agrikola qrib ta' żoni urbani u agglomerazzjonijiet tista' wkoll tikseb importanza strateġika b'rabta mal-kapaċità tagħha biex tipprovdi żoni sikuri għaż-żamma tal-ilma matul perijodi ta' temp estrem jew għargħar;

12. jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima ser ikollu effett fuq il-foresti u l-ekosistemi ta' madwarhom. L-effetti tal-klima jistgħu jolqtu l-produzzjoni tal-injam u jxekklu l-attivitajiet ta' divertiment, il-kwalità tal-ilma, il-bijodiversità u r-rati ta' ħżin tal-karbonju. Fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Foresti, għandu jitnieda dibattitu sabiex jiġu stabbiliti l-effetti tal-adattament għat-tibdil fil-klima għall-foresti, inkluża l-ħtieġa li jittieħdu miżuri f'dan ir-rigward;

13. jappoġġja l-fehma li t-tibdil fil-klima ser ikun fattur ta' stress ieħor għas-settur tas-sajd (inkluż is-sajd intern), li jaffettwa l-ekosistemi tal-baħar (u oħrajn) li diġà huma soġġetti għall-pressjoni tas-sajd eċċessiv u l-eżawriment tal-istokkijiet;

14. jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima ser ikollu effett dirett kemm fuq il-provvista kif ukoll fuq id-domanda għall-enerġija, pereżempju mewġiet ta' sħana u nixfiet ser jaffettwaw il-produzzjoni tal-elettriku waqt li maltempati qawwija u għargħar ser jikkawżaw interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u għaldaqstant jilqa' l-fatt li l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima huma inklużi fl-evalwazzjoni tal-istrateġija tal-enerġija. B'mod partikolari, il-bilanċ tas-CO_2 għandu jitjieb u jiżdied l-użu u l-effiċjenza ta' sorsi alternattivi;

15. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-turiżmu ser ikun affettwat kemm b'mod pożittiv kif ukoll negattiv, u dan se jbiddel ix-xejriet l-antiki tal-ivvjaġġar;

16. huwa mistagħġeb dwar in-nuqqas ta' referenza fil-White Paper tal-Kummissjoni għall-ħtieġa li jiġu definiti objettivi settorjali ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi tal-ajru u tal-baħar. L-aħjar mod kif jiġi evitat l-infiq fuq adattament għal impatti negattivi tat-tibdil fil-klima huwa li jiġi evitat il-ħolqien tal-emissjonijiet;

17. jirrimarka li t-tibdil fix-xejriet tat-temp ser jaffettwaw il-ġestjoni taż-żoni kostali. Għandhom isiru sforzi sabiex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet tal-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM) jiġu rrispettati bis-sħiħ u li l-proposta ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-ICZM u l-evalwazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha (mistennija li tibda fl-2009) tinkorpora b'mod suffiċjenti r-rwol tal-ġestjoni taż-żoni kostali fil-miżuri ta' adattament, filwaqt li tiqs il-prinċipju tas-sussidjarjetà, pereżempju permezz tal-użu tas-Sħubijiet Lokali tal-Kosta magħmula mill-komunitajiet lokali u l-partijiet interessati rilevanti, fejn miżuri ta' adattament huma inkorporati bis-sħiħ fil-ġestjoni kostali minn isfel għal fuq;

18. jinnota li t-tibdil fil-klima qed iseħħ aktar malajr f'żoni muntanjużi u li dawn iż-żoni f'ħafna aspetti huma aktar vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima;

19. japprova l-fehma li s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti ser tiġi affettwata ħafna wkoll u li se jkun hemm żieda fil-migrazzjoni 'il ġewwa u fit-tixrid ta' mard u parassiti mhux nattivi fl-istokkijiet tal-annimali u l-pjanti. L-ekosistemi tal-art ser jinbidlu b'mod sinifikanti minħabba ż-żieda fit-telf tal-bijodiversità indiġena u l-migrazzjoni 'il ġewwa. Il-miżuri li jittieħdu bil-ħsieb li jsir adattament għat-tibdil fil-klima jista' jkollu wkoll impatt ikbar u mhux mistenni fuq il-bijodiversità. Id-Direttiva dwar il-Ħabitati hija għodda essenzjali li għandha tintuża b'mod proattiv fil-limiti tal-mandat tagħha biex tiżgura status favorevoli ta' konservazzjoni għas-siti Natura 2000 u tiżviluppa aktar dawn is-siti;

20. jinnota li l-bidla fil-klima ser ikollha impatt kbir mhux biss fuq is-saħħa tal-annimali u l-pjanti iżda anke fuq is-saħħa u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-bniedem;

21. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-livell tal-baħar huwa mistenni li jogħla u li l-maltemp huwa mistenni li jiħrax, bir-riżultat li l-għargħar marbut ma' dan ser jeħtieġ pjan integrat għall-kosta. Għaldaqstant għandhom jiġu pprovduti l-fondi għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' pjan ta' dan it-tip;

22. japprova l-fehma li r-riżorsi tal-ilma ser jiġu affettwati, kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità, b'impatt sinifikanti fuq l-ambjent, l-ekonomija u l-bniedem. L-UE ser tesperjenza kemm għargħar kif ukoll nixfiet. Kombinazzjoni ta' għargħar u kapaċità limitata tas-sistemi ta' dranaġġ eżistenti jistgħu jikkawżaw mobilità mnaqqsa minħabba li l-ilma jfur fit-toroq u jikkaġuna ħsara fid-djar u infrastruttura oħra. Għaldaqstant, hija ħasra li l-Kummissjoni ma għamlitx referenza speċifika għas-sistemi tad-dranaġġ bħala għodda ta' importanza kruċjali. Din is-sistema hija partikularment affettwata u l-adattament tas-sistemi tad-dranaġġ eżistenti ser iqum ħafna flus. Għalkemm din il-kwistjoni taqa' taħt il-mandat u hija r-responsabbiltà tal-livelli lokali u reġjonali, l-awtoritajiet sottonazzjonali mhux ser ikunu jistgħu jerfgħu l-piż finanzjarju waħedhom;

23. jirrikonoxxi li numru ta' direttivi tal-UE ser jaffettwaw l-istat tar-riżorsi tal-ilma tal-UE. Fid-direttiva, skadenzi vinkolanti huma parti integrali tal-implimentazzjoni. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma topera bi skadenza fl-2015 meta l-awtoritajiet tal-ilma kollha għandhom jilħqu status ekoloġiku tajjeb. L-ewwel Pjani ta' Ġestjoni tal-Baċini tax-Xmajjar (RBMP) għandhom jitlestew mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru 2009, u għaldaqstant huwa importanti li l-linji gwida u sensiela ta' għodod jiġu żviluppati sa tmiem l-2009 sabiex ikun żgurat li l-RBMP jieħdu kont tal-għarfien attwali tal-impatt lokali tat-tibdil fil-klima u jadattaw kontinwament għal sejbiet ġodda dwar il-proċessi klimatiċi u r-riċerka. Id-Direttiva dwar l-Għargħar topera bi tliet skadenzi. Fis-snin 2011, 2013 u 2015 għandhom jitwettqu evalwazzjoni preliminarja tar-riskju tal-għargħar, mapep tal-perikli tal-għargħar u pjani ta' ġestjoni tar-riskji tal-għargħar. L-Istrateġija dwar l-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa ser tintroduċi pjani ta' ġestjoni tan-nixfiet. Fil-biċċa l-kbira, dawn il-miri definiti ser jiġu implimentati u mmexxija mill-muniċipalitajiet u r-reġjuni madwar l-Ewropa. Għaldaqstant, huwa ta' importanza kbira li l-UE u l-Istati Membri jipprovdu l-għodod it-tajbin u biżżejjed riżorsi finanzjarji fil-ħin xieraq lil-livelli lokali u reġjonali tal-gvern;

24. jenfasizza li r-reġjuni ser jaraw li kemm jista' jkun possibbli, fuq il-bażi ta' għarfien xjentifiku aġġornat u miżuri fattibbli mil-lat soċjali, it-tibdil fil-klima jiġi kkunsidrat fl-ewwel ġenerazzjoni tal-pjani tal-ġestjoni tal-baċini tax-xmajjar (RBMP) u li jittieħed kont tal-aktar sejbiet riċenti fir-riċerka dwar il-klima meta qed jitfasslu l-pjani tal-ġestjoni għat-tieni ġenerazzjoni wara l-2015. Għal dan il-għan jeħtieġ li l-linji gwida u l-istrumenti li għandhom jiġu żviluppati jkunu bbażati fuq l-aktar informazzjoni xjentifika aġġornata u jkunu jistgħu jintużaw fil-prattika mill-awtoritajiet reġjonali;

25. iqajjem il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar il-ġestjoni tal-ilma (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art, id-Direttiva dwar l-Għargħar, l-Istrateġija dwar l-iskarsezza tal-ilma u l-perijodi ta' nixfa, eċċ.) tkun għalkollox konsistenti, u li proposti u objettivi futuri tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni attwali. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-ġestjoni tal-ilma ser ikollha impatt sinifikanti fuq il-mod kif jitwettaq l-ippjanar tal-ilma fil-muniċipalitajiet, il-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa;

26. jirrikonoxxi li fil-kuntest tal-iffinanzjar tal-adattament tal-ġestjoni tal-ilma, l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikollhom iwettqu ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni sostenibbli tal-ilma. Ftit mill-fondi jistgħu jinkisbu billi jiġi stabbilit mekkaniżmu finanzjarju, skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li jiżgura li huwa u jiġi indirizzat l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq iċ-ċiklu tal-ilma jitqiesu l-livelli ta' konsum tal-konsumaturi tal-ilma;

27. jappoġġja l-fatt li l-Kummissjoni inkludiet azzjonijiet u miżuri "no-regret" sabiex jissaħħu l-ekosistemi u l-infrastruttura;

28. jenfasizza li s-soluzzjonijiet għall-problemi speċifiċi ta' kull settur jistgħu jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli u ekoloġiku kif ukoll għall-ħolqien ta' impjiegi addizzjonali fil-ġejjieni permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni;

Il-proposta tal-Kummissjoni għal qafas tal-UE: l-objettivi u l-azzjonijiet

29. jilqa' l-approċċ f'żewġ stadji tal-Kummissjoni. Madankollu, jinnota li l-ħidma quddiemna teżiġi li l-livelli kollha tal-gvern jaħdmu flimkien mill-qrib fl-istadji kollha. Mhuwiex aċċettabbli li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu involuti fl-ewwel stadju biss. Għandu jiġu rikonoxxut li l-muniċipalitajiet, il-bliet u r-reġjuni huma atturi ewlenin fl-adattament għat-tibdil fil-klima. L-istrateġija ġenerali għall-adattament fil-livell tal-UE għandha tkun iddettaljata biżżejjed biex l-istrateġija tkun tista' tiġi applikata fil-livell reġjonali madwar l-UE, filwaqt li jitqiesu d-diversità tar-reġjuni, il-kundizzjonijiet klimatiċi u l-istrutturi ekonomiċi;

30. jitlob li l-evidenza xjentifika disponibbli tkun aċċessibbli qabel l-2012. L-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali għandhom xejriet baġitarji li huma differenti minn dawk tal-UE, u ħafna awtoritajiet lokali u reġjonali diġà qed jaħdmu fuq l-adattament. Jeħtieġ li jkunu jafu għal liema xenarji klimatiċi ser ikollhom jadattaw. L-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali ser jiġbru d-data, jippreparaw l-istrateġiji ta' adattament, li huma ddettaljati biżżejjed għar-reġjuni kollha tal-UE, u jibdew ix-xogħol ta' adattament qabel l-2012. L-UE għandha tappoġġja dan l-iżvilupp, l-ewwel nett billi tipprovdi xenarji xjentifiċi qabel l-2012, u t-tieni, billi tappoġġja l-ħidma li għaddejja finanzjarjament meta l-adattament għat-tibdil fil-klima jiġi inkorporat fil-baġit;

31. jilqa' l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu ta' Approvazzjoni tal-Fondi madwar l-UE, li għandu jkun ibbażat fuq pjattaformi nazzjonali li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima, il-vulnerabilità għaliha u l-aħjar prattika, u jenfasizza l-ħtieġa li jkun aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jikkontribwixxu, permezz ta' osservatorji lokali u/jew reġjonali tat-tibdil fil-klima u korpi oħrajn, u jibbenefikaw minnu. L-interattività li tippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, permezz tal-osservatorji tagħhom tat-tibdil fil-klima u korpi oħrajn, biex jinvolvu attivament lis-setturi rilevanti u jiksbu għarfien speċjalizzat u esperjenza f'waqthom minn awtoritajiet oħra, pereżempju bħala reazzjoni għal meta jkun hemm kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, tkun ta' valur kbir u għandha tiġi inkorporata. Il-mekkaniżmu għandu jiffoka fuq il-provvediment ta' mudelli, data u strumenti li jistgħu jintużaw faċilment u fuq l-iffaċilitar tal-iskambju tal-esperjenza u l-informazzjoni;

32. japprova l-ħolqien ta' Pjattaforma ta' Monitoraġġ dwar it-Tibdil fil-Klima li tkun appoġġjata b'mod xieraq mill-Kummissjoni, ibbażata fuq il-mudell tal-Patt tas-Sindki li kiseb riżultati tajbin. Il-pjattaforma tista' tgħin lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp u l-iskambju ta' għarfien lokali dwar il-klima. Din għandha tkun ta' benefiċċju dirett għalihom kif ukoll isservi ta' mekkaniżmu li jista' jikkontribwixxi għall-Mekkaniżmu ta' Approvazzjoni tal-Fondi tal-UE;

33. jistieden lill-UE u lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-viċinanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll minn fehim aħjar tal-impatti tal-klima lokali billi dawn jiġu pprovduti bi tmexxija tajba u riżorsi suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw inizjattivi lokali ta' adattament;

L-istrumenti finanzjarji

34. jaqbel li l-limitazzjonijiet finanzjarji jikkostitwixxu l-ostakolu ewlieni għall-adattament. Bħalissa l-mezzi finanzjarji pprovduti mill-UE u mill-Istati Membri mhumiex biżżejjed. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu allokati iktar riżorsi fil-livell sottonazzjonali, li għandhom ikunu mmirati b'mod speċifiku għall-adattament għat-tibdil fil-klima, u li dawn ir-riżorsi jiġu kkoordinati ma' dawk allokati għal miżuri ta' prevenzjoni ta' diżastri naturali;

35. jilqa' l-fatt li l-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew iqis miżuri ta' mitigazzjoni u ta' adattament għat-tibdil fil-klima fil-miżuri għat-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija; iżda jiddispjaċih li l-ebda pjan ekoloġiku Ewropew ta' rkupru ma ġie propost u li s-suġġett tal-ambjent ġie relegat għal post ġo pjani nazzjonali ta' azzjoni varji, b'mod mhux koordinat, minkejja li wasal iż-żmien li nwittu t-triq għal ekonomija ekoloġika, sostenibbli u b'użu baxx tal-karbonju bħala mod kif noħorġu mill-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali;

36. jappoġġja l-idea tal-Kummissjoni li, mill-2013, l-Istati Membri għandhom jallokaw mill-inqas 50 % tad-dħul iġġenerat mill-irkanti tal-kwoti tal-emissjonijiet biex jindirizzaw il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima permezz tal-adattament, u jemmen li l-allokazzjoni tar-riżorsi disponibbli lill-objettivi tal-adattament u l-mitigazzjoni għandha wkoll tiddependi mis-sitwazzjoni speċifika lokali u reġjonali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikollhom bżonn ammont sostanzjali ta' riżorsi finanzjarji u, b'mod speċjali fi żmien qasir, il-perċentwali tal-fondi allokat għall-proġetti fil-livell lokali u reġjonali għandu jiżdied ħafna;

37. jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi studjat kif għandu jiġi żgurat l-involviment tas-settur privat, billi jagħmel użu mill-vantaġġi li joffru l-ftehimiet volontarji (jew ekoloġiċi), jew permezz ta' mekkaniżmi finanzjarji. Madankollu, meta wieħed iqis ir-rilevanza strutturali u fit-tul tal-isfidi li qed joħloq it-tibdil fil-klima, l-appoġġ tas-settur pubbliku jaf ikun neċessarju, speċjalment f'termini tal-indirizzar tal-lakuni u n-nuqqasijiet tas-suq li mhumiex indirizzati kif xieraq mis-settur privat;

38. jaqbel li Strumenti Bbażati fuq is-Suq (MBIs) u sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat għandhom jiġu kkunsidrati bħala strumenti finanzjarji li jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Il-parteċipazzjoni tas-settur privat, permezz ta' MBIs u sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, fl-adattament għat-tibdil fil-klima, tista' toħloq l-inċentivi ekonomiċi t-tajbin sabiex jiġu inkorporati miżuri ta' adattament fl-imġiba tal-kumpaniji;

39. jinnota l-ħtieġa li jiġi żgurat li politiki integrati, li bħalissa qed jiġu żviluppati fil-livell tal-UE, jintużaw bħala mezz kif jiġu indirizzati l-isfidi orizzontali u transpolitiċi bħal dawk li joriġinaw milt-tibdil fil-klima. B'dan il-mod, jistgħu jiġu indirizzati bis-sħiħ każijiet ta' rduppjar, nuqqas ta' konsistenza u lakuni bejn il-politiki differenti u bejn il-livelli ta' gvernanza, inklużi l-livelli sottonazzjonali;

40. jemmen li r-reviżjoni tal-Baġit tal-UE li ġejja u anke l-Perspettivi Finanzjarji li jmiss lil hinn mill-2013 għandhom jagħmlu bħala prijorità l-isfidi tat-tibdil fil-klima, kemm biex jitqies l-infurzar tal-Fond Dinji tal-Ambjent u l-Fond tal-Adattament għal Kyoto li għandhom jiġu deċiżi waqt is-summit ta' Kopenħgen tal-COP fil-15 f'Diċembru 2009, kif ukoll biex jiġu ffinanzjati miżuri Ewropej speċifiċi li ssir deċiżjoni dwarhom fil-kuntest tal-istrateġija tal-iżvilupp sostenibbli tal-futur tal-UE. Barra minn hekk, għandu jiġi rikonoxxut bis-sħiħ li l-prosperità ekonomika sostenibbli u l-isforzi sabiex isir adattament għat-tibdil fil-klima jimxu id f'id minkejja l-ispiża immedjata li l-adattament għat-tibdil fil-klima tista' toħloq fi żmien qasir sa medju. Peress li l-miżuri ta' adattament f'ħafna każijiet huma essenzjalment sforzi lokali, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-appoġġ tal-UE jkun disponibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

41. jappoġġja l-fehma li, filwaqt li l-mekkaniżmi u n-netwerks ta' finanzjament tal-UE, bħalma huma t-TENs, il-Fondi Strutturali jew il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), għandhom jintegraw il-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima u tal-adattament f'oqsma individwali ta' politika, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet bħaż-żieda fil-kapaċità ta' rkupru tas-sistemi ta' produzzjoni u l-infrastruttura fiżika, l-iskopijiet oriġinali ta' dawn il-politiki u fondi m'għandhomx jiddgħajfu mill-ħtieġa li niġġieldu kontra t-tibdil fil-klima u għalhekk għandhom jiġu maħsuba miżuri speċifiċi u fondi tal-UE għal dan il-għan, b'mod partikolari sabiex jiġi evitat li l-fondi tal-Komunità jitferrxu f'dan il-qasam; għaldaqstant, isejjaħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tistudja l-"allokazzjoni ekoloġika" ta' Fondi Strutturali li diġà jeżistu skont il-mudell tal-allokazzjoni li jintuża għall-Istrateġija ta' Lisbona, jew li toħloq Fond ta' Adattament Ambjentali Ewropew li jista' jiffinanzja t-taħriġ, it-taħriġ mill-ġdid jew programmi għal ħaddiema li ser jirritornaw għad-dinja tax-xogħol f'setturi li aktarx ser jiġu affettwati mill-iżvilupp sostenibbli, jew li tappoġġja l-ħolqien ta' negozji li huma sensittivi għall-ħtiġijiet ambjentali;

Sħubija mal-awtoritajiet lokali u reġjonali

42. jappoġġja l-ħolqien ta' Grupp ta' Tmexxija dwar l-Impatti u l-Adattament (IASG) peress li jeħtieġ li l-proċess tal-iżvilupp ta' strateġija tal-UE kif ukoll ta' strateġiji nazzjonali jiġi organizzat b'tali mod li l-isforz ikun ikkoordinat kemm fir-rigward tas-setturi ta' politika kif ukoll il-livelli ta' awtorità. Huwa ferm importanti li l-mandat u l-baġit ta' dan il-grupp ta' tmexxija jiġu stabbiliti qabel il-bidu tal-ħidma tiegħu. Għalhekk il-Kummissjoni hija mħeġġa tieħu azzjoni dwar dan mill-iktar fis possibbli;

43. jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu parti mill-IASG billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għall-ippjanar, it-tmexxija u l-implimentazzjoni ta' ħafna mis-setturi kkonċernati. Għaldaqstant l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom għarfien ta' valur u jistgħu jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-bini ta' bażi ta' għarfien kemm dwar l-impatti kif ukoll dwar is-soluzzjonijiet possibbli. L-IASG għandu jieħu approċċ minn isfel għal fuq u jiddifenixxi b'mod ċar l-oqsma ta' responsabbiltà fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà;

44. jitlob l-istabbiliment ta' Task Forces dwar it-Tibdil fil-Klima fil-livell nazzjonali li jinvolvu bis-sħiħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-pjani ta' azzjoni tal-adattament għat-tibdil fil-klima, imfassla mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom iservu ta' bażi għall-ħidma tat-task forces. Xogħlhom għandu jorbot direttament mal-ħidma tal-IASG. Dawn it-task forces jistgħu jiġu organizzati madwar il-ħtieġa ta' riċerka, l-impatti soċjoekonomiċi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-pubbliku ġenerali u l-kumpaniji privati;

45. jenfasizza l-ħtieġa li l-pubbliku jiġi edukat peress li l-adattament għat-tibdil fil-klima se jinvolvi bidliet fl-istili ta' ħajja. Jeħtieġ li ċ-ċittadini jifhmu għalfejn huma meħtieġa l-miżuri ta' adattament, għalfejn jistgħu jiżdiedu l-ispejjeż ta' ċerti servizzi, kif jistgħu jgħinu u x'qed isir biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji li huma esposti għalihom. Dawn il-bidliet ta' komunikazzjoni u ta' mġiba se jirrikjedu approċċ imfassal bir-reqqa u b'għanijiet speċifiċi, li jkun appoġġjat minn miżuri adegwati. Għalhekk jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jaħdmu flimkien mal-mezzi tax-xandir biex jiżviluppaw kampanja ta' informazzjoni pan-Ewropea dwar il-kawżi u l-effetti tat-tibdil fil-klima u dwar il-bidliet li dawn l-effetti se jġibu magħhom. Għandu jiġi spjegat b'mod ċar li t-tibdil fil-klima se jikkawża nuqqas ta' riżorsi li se jibqa' jiżdied u li din hija r-raġuni għalfejn hemm bżonn li niffukaw fuq bidla fil-mod kif naġixxu fil-ħajja ta' kuljum. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jenfasizzaw il-ħtieġa ta' finanzjament adegwat għal dawn il-kampanji, kif ukoll kunsiderazzjoni xierqa tal-bżonn li jiġu lokalizzati l-messaġġi fl-Istati Membri, nazzjonijiet u reġjuni differenti;

46. jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali wkoll jaqdu rwol importanti lil hinn mill-ambitu tal-UE. Il-muniċipalitajiet, il-bliet u r-reġjuni jistgħu jaqdu rwol kostruttiv fit-trasferiment tal-għarfien espert lil pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jiffaċċjaw l-ikbar sfidi ta' adattament;

Rakkomandazzjonijiet lill-Presidenza tal-UE

47. jitlob li l-Kummissjoni u l-Presidenza tal-UE jiżguraw impenn politiku għall-iżvilupp u l-implimentazzjonii f'waqthom tal-istrateġija ta' adattament Ewropea b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

48. jitlob li l-Kummissjoni u l-Presidenza tal-UE jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tal-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-qafas għal azzjoni tal-UE billi jinvolvuhom fit-tħaddim tal-IASG. Strateġiji globali fit-tul għandhom jiġu żviluppati permezz ta' kooperazzjoni wiesgħa bejn il-livelli governattivi sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni b'suċċess. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom għarfien dirett u speċifiku dwar l-impatt tal-isfidi tat-tibdil fil-klima, peress li jinsabu fil-linja ta' quddiem. Barra minn hekk, fil-każ ta' emerġenzi kkawżati milt-tibdil fil-klima, iċ-ċittadini ser jappellaw l-ewwel lill-gvernijiet lokali u reġjonali. Dan il-fatt jiġġustifika b'mod ċar il-parteċipazzjoni tagħhom;

49. jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu rikonoxxuti bħala atturi ewlenin fil-ġlieda kontra l-effetti ħżiena tat-tibdil fil-klima, peress li huma lesti jaqsmu r-responsabbiltà u diġà qed jieħdu azzjonijiet sabiex jadattaw ċerti komunitajiet għall-konsegwenzi;

50. isejjaħ għal iktar attenzjoni għal soluzzjonijiet u strumenti għal żoni urbani u l-infrastruttura tagħhom (b'mod partikolari dawk kostali u dawk qrib tax-xmajjar il-kbar), bħal pereżempju rampi tax-xmajjar u sistemi tad-dranaġġ tal-ilmijiet, li huma fundamentali għat-tnaqqis tal-vulnerabilità tal-infrastruttura;

51. jitlob it-tfassil ta' xenarji realistiċi dwar ir-riskju transkonfinali tat-tibdil fil-klima, li jkunu ddettaljati biżżejjed għar-reġjuni kollha tal-UE, f'kooperazzjoni bejn il-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE. Id-data, il-mudelli, il-metodi u x-xenarji dwar it-tibdil fil-klima għandhom ikunu disponibbli b'xejn mill-iktar fis sabiex iż-żoni ta' riskju jkunu jistgħu jiġu definiti u sabiex jiġu stabbiliti l-kontromiżuri;

52. jenfasizza l-ħtieġa għal inċentivi finanzjarji tajbin għall-azzjoni. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu appoġġjati fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw soluzzjonijiet proattivi li jnaqqsu l-vulnerabilità tal-komunitajiet lokali;

53. jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jirċievu appoġġ finanzjarju addizzjonali sabiex jitnaqqas it-telf u jintlaħqu l-ispejjeż addizzjonali ta' adattament peress li sabiex jiġu indirizzati l-isfidi varji tat-tibdil fil-klima l-awtoritajiet lokali ser jitgħabbew b'piżijiet finanzjarji ġodda sinifikanti.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Approċċ komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem"

(2010/C 79/04)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jistenna li b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-UE tagħti prijorità lill-għajnuna effettiva għall-Istati Membri u r-reġjuni li ripetutament jisfaw vittmi tad-diżastri naturali biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-miżuri preventivi tagħhom. L-azzjoni Komunitarja għandha tgħinhom jgħinu lilhom innifishom;

— fid-dawl ta' dan, jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u anke reġjonali għandhom rwol deċiżiv fil-prevenzjoni tad-diżastri minħabba l-għarfien dwar is-sitwazzjoni lokali u reġjonali li kisbu mill-esperjenzi tagħhom stess. Bosta drabi, wieħed ikollu l-għarfien tekniku meħtieġ però ma jkunx hemm il-mezzi finanzjarji sabiex jiġu implimentati l-istrateġiji preventivi;

— madankollu, jinsab xettiku ħafna dwar il-possibbiltà li l-approċċi settorjali ta' ċerti atti leġiżlattivi, bħad-Direttiva dwar l-għargħar u d-Direttiva Seveso, jiġu applikati b'mod aktar wiesa'. Skont iċ-ċirkustanzi ġeografiċi, klimatiċi u ġeomorfoloġiċi jeżistu perikli differenti ħafna b'rabta mad-diversi tipi ta' diżastri. Għal din ir-raġuni, l-applikazzjoni ġenerali ta' strument preventiv wieħed ma tantx tista' toħloq valur miżjud li jkopri r-riskji kollha;

— jinsisti li għandha titħejja lista tal-istrumenti Komunitarji li diġà jeżistu u li jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw il-miżuri preventivi kontra d-diżastri, kif ukoll li jitħejja katalgu tal-miżuri preventivi li għalihom diġà jistgħu jintużaw il-fondi tal-UE. Dawn iż-żewġ miżuri huma adatti ħafna sabiex jiġi enfasizzat l-element ta' prevenzjoni fil-protezzjoni ċivili, anke fil-livelli sottonazzjonali. F'dan il-kuntest, il-possibbiltà ta' appoġġ finanzjarju għall-ippjanar, l-eżerċizzju u t-taħriġ transkonfinali għandha tingħata attenzjoni partikolari.

Relatur: Is-Sur Helmut M. Jahn (DE/PPE), Membru tal-Kunsill Distrettwali ta' Hohenlohe

Dokument ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem

COM(2009) 82 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jinsab inkwetat għaliex f'dawn l-aħħar snin in-numru, id-dimensjoni u l-intensità tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati direttament jew indirettament mill-bniedem żdiedu b'mod konsiderevoli fir-reġjuni tal-Unjoni Ewropea. Minħabba l-bidla fil-klima fid-dinja, il-klima Ewropea mhijiex stabbli u l-kundizzjonijiet tat-temp qed isiru dejjem aktar estremi; b'hekk il-periklu għan-nies, l-infrastrutturi u l-ambjent ser ikompli jikber;

2. jinnota li d-diżastri, tkun xi tkun il-kawża tagħhom, joħolqu ħsara kbira għan-nies, l-ekonomija, l-ambjent u l-kultura. L-ispejjeż li tikkawża din il-ħsara u l-flus li jintefqu għall-ġlieda effettiva kontra d-diżastri kapaċi jaqbżu sew l-ammont ta' flus meħtieġ għall-miżuri preventivi;

3. jieħu nota tal-fatt li l-istrumenti tal-UE stabbiliti s'issa għall-protezzjoni ċivili (il-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili, l-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili u l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea) li jintużaw fiċ-ċiklu tal-kontroll tad-diżastri, jiġifieri l-prevenzjoni, it-tħejjija, ir-rispons u r-rimedju, jiffokaw l-aktar fuq l-aħħar tliet aspetti ta' dan iċ-ċiklu;

4. għaldaqstant, jappoġġja l-għan politiku li tiġi żviluppata strateġija komuni għall-prevenzjoni tad-diżastri – qasam li s'issa ftit li xejn ġie kkunsidrat – u li jinfetaħ dibattitu wiesa' dwar din il-kwistjoni. Din l-istrateġija għandha tikkontribwixxi biex jinħoloq approċċ Komunitarju bbilanċjat fil-qasam tal-protezzjoni ċivili;

5. fid-dawl ta' dan, jaqbel mal-Kummissjoni li l-kunċett tal-prevenzjoni jinkorpora żewġ tifsiriet: l-ewwel nett, li jiġu evitati kemm jista' jkun id-diżastri qabel ma jseħħu, u t-tieni nett, li jiġu limitati l-konsegwenzi tad-diżastri li ma jkunux jistgħu jiġu evitati;

6. jemmen ukoll li d-diżastri jseħħu ħabta u sabta, u fil-livell lokali u reġjonali dawn iwaqqfu l-istrutturi, is-sistemi u l-funzjonijiet pubbliċi ewlenin; però din id-definizzjoni ma tinkludix l-emerġenzi marbuta mal-kunflitti u l-attakki terroristiċi;

7. jenfasizza li normalment dawn id-diżastri jkunu limitati għal żona partikolari, iżda din iż-żona tista' tmur lil hinn mill-fruntieri amministrattivi. Għalhekk huwa importanti immens li ż-żoni li jiffaċċjaw theddida komuni jaħdmu id f'id, b'mod partikolari fil-qasam tal-prevenzjoni;

8. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, bħala l-eqreb livell taċ-ċittadin, l-awtoritajiet lokali u reġjonali b'mod partikolari huma l-ewwel li jintlaqtu b'mod dirett f'każ ta' diżastru. Għaldaqstant, dawn għandhom jieħdu sehem bis-sħiħ fit-tħejjija tal-istrateġiji u l-miżuri għall-protezzjoni mid-diżastri;

9. f'dan il-kuntest jisħaq ukoll fuq l-importanza assoluta li wieħed jirreaġixxi minnufih u bl-aktar mod dirett sa minn meta jara l-ewwel sinjali li ser ikun hemm diżastru, sabiex b'hekk jiġu limitati l-konsegwenzi fi kwalunkwe reġjun tal-UE, irrispettivament mis-sitwazzjoni ġeografika tiegħu. Għaldaqstant jeħtieġ li l-miżuri preventivi kontra d-diżastri jiġu applikati minn dak il-livell li jintlaqat b'mod dirett u li jkun kapaċi jirreaġixxi;

10. fid-dawl ta' dan, jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u anke reġjonali għandhom rwol deċiżiv fil-prevenzjoni tad-diżastri minħabba l-għarfien dwar is-sitwazzjoni lokali u reġjonali li kisbu mill-esperjenzi tagħhom stess. Bosta drabi, wieħed ikollu l-għarfien tekniku meħtieġ però ma jkunx hemm il-mezzi finanzjarji sabiex jiġu implimentati l-istrateġiji preventivi;

11. fl-istess ħin jirrikonoxxi l-fatt li l-abbozzar u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' emerġenza, bħala miżura preventiva, taw riżultati eċċellenti f'dawk il-każijiet fejn l-implimentazzjoni kienet possibbli, għalkemm in-nuqqas ta' fondi jirrappreżenta diffikultà konsiderevoli biex tkun tista' titwettaq din il-politika preventiva;

12. għal dawn ir-raġunijiet, jilqa' bis-sħiħ il-fatt li l-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Kumitat tar-Reġjuni jressaq aktar informazzjoni b'rabta mat-tisħiħ tal-istrateġija Komunitarja dwar il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem.

L-iżvilupp ta' strateġiji preventivi bbażati fuq l-għarfien fil-livelli kollha

13. jaqbel mal-Kummissjoni li huwa importanti immens li wieħed jifhem aħjar id-diżastri sabiex jiġu żviluppati strateġiji aktar effettivi għall-prevenzjoni tagħhom, anke fil-livell lokali u reġjonali;

14. għaldaqstant, jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tħejji lista komprensiva tas-sorsi ta' informazzjoni eżistenti b'rabta mad-diżastri. L-evalwazzjoni tal-informazzjoni li diġà teżisti għandha dejjem tieħu preċendenza fuq il-ġbir ta' aktar data;

15. f'dan ir-rigward jinnota li l-Istati Membri u l-livell Ewropew diġà għandhom ħafna informazzjoni kemm dwar id-diżastri kif ukoll dwar l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom. Għalhekk wieħed għandu jieħu miżuri addizzjonali biss f'dawk l-oqsma fejn hemm nuqqas ta' għarfien minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni u ta' komparabbiltà;

16. japprova wkoll il-proposta li titħejja lista tal-prattiki t-tajba. L-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Istati Membri għandhom għarfien empiriku wiesa' fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri, u dan għandu jinqasam u jkun aċċessibbli għal kulħadd ([1]);

17. madankollu, jinsab xettiku ħafna dwar il-possibbiltà li l-approċċi settorjali ta' ċerti atti leġiżlattivi, bħad-Direttiva dwar l-għargħar u d-Direttiva Seveso, jiġu applikati b'mod aktar wiesa'. Skont iċ-ċirkustanzi ġeografiċi, klimatiċi u ġeomorfoloġiċi jeżistu perikli differenti ħafna b'rabta mad-diversi tipi ta' diżastri. Għal din ir-raġuni, l-applikazzjoni ġenerali ta' strument preventiv wieħed ma tantx tista' toħloq valur miżjud li jkopri r-riskji kollha;

18. jikkunsidra li t-tħejjija ta' lista bil-linji gwida nazzjonali eżistenti għall-identifikazzjoni tal-perikli u r-riskji u t-tixrid ta' din il-lista fost l-Istati Membri jtejbu l-komparabbiltà tal-perikli u r-riskji fl-UE. Din il-lista tista' tkun partikolarment utli għall-Istati Membri li għadhom ma stipulawx il-miżuri nazzjonali għall-identifikazzjoni tal-perikli u r-riskji;

19. però jenfasizza li l-linji gwida potenzjali li għandhom jitħejjew fuq din il-bażi jistgħu jsiru biss fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet. Minn banda, dawn m'għandhomx iwasslu għar-riorganizzazzjoni tal-mapep li diġà jeżistu fl-Istati Membri għaliex din tiswa ħafna flus, u mill-banda l-oħra, minħabba l-partikolaritajiet lokali u reġjonali, l-Istati Membri għandu dejjem ikollhom il-possibbiltà li jistabbilixxu l-prijoritajiet tagħhom;

20. jilqa' l-enfasi li tpoġġiet fuq il-prevenzjoni tad-diżastri fl-implimentazzjoni tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku. Il-ħidma ta' riċerka ffinanzjata mill-Komunità tikkumplementa b'mod għaqli l-isforzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

Noħolqu rabta bejn l-atturi u l-politiki tul iċ-ċiklu tal-ġestjoni tad-diżastri

21. jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni li l-programm eżistenti tal-lezzjonijiet li nsiltu mill-Mekkaniżmu Komunitarju għall-Protezzjoni Ċivili jiġi estiż sabiex jinkludi ċerti aspetti tal-prevenzjoni tad-diżastri;

22. jinsab konvint li approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri għandu jinkorpora wkoll l-għarfien espert reċiproku tal-Istati Membri li jisfaw vittmi tad-diżastri b'mod regolari. Dawn il-proċeduri (l-hekk imsejħa peer reviews) u t-tixrid tar-riżultati jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-prevenzjoni tad-diżastri fl-Istati Membri kollha;

23. barra minn hekk, jistqarr li ċerti aspetti tal-prevenzjoni tad-diżastri għandhom jingħataw rwol importanti fil-korsijiet u t-taħriġ dwar il-protezzjoni ċivili. Flimkien ma' dawn l-opportunitajiet ta' taħriġ li l-Istati Membri jipprovdu għall-esperti fil-qasam politiku u tal-amministrazzjoni għandu jkun hemm ukoll – jekk ikun hemm bżonn – korsijiet ta' taħriġ fil-livell Komunitarju;

24. jenfasizza li meta wieħed jiġi biex jagħmel lill-pubbliku konxju tas-sitwazzjoni b'mod ġenerali, il-miżuri ta' spjegazzjoni dwar ir-riskji tad-diżastri u l-azzjonijiet ippjanati b'rabta ma' dan għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lit-tfal, l-anzjani u l-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. Dawn il-miżuri ta' spjegazzjoni għandhom jiġu assoċjati mal-miżuri ta' tħejjija u ta' emerġenza individwali u man-numru ta' emerġenza Ewropew "112"; u għandha tiġi indirizzata l-possibbiltà li dawk milquta jipparteċipaw f'dawn il-miżuri (pereżempju, it-tneħħija ta' kull ostaklu għas-servizzi ta' emerġenza u l-kooperazzjoni f'każ ta' evakwazzjoni);

25. barra minn dan, huwa tal-fehma li għandhom jiġu promossi l-kooperazzjoni mill-qrib u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet li jieħdu sehem fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-miżuri li jaffettwaw b'mod konsiderevoli l-prevenzjoni tad-diżastri. Sabiex tkun effettiva għalkollox, il-prevenzjoni tad-diżastri teħtieġ approċċ multidimensjonali u antiċipattiv, li jgħaqqad il-livelli kollha tal-azzjoni statali u privata;

26. f'dan il-kuntest jisħaq li hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li – fid-dawl tal-kompetenzi li jingħatawlu – jiddeċiedi kif jorganizza l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet kollha. Hawnhekk għandu jiġi rikonoxxut il-valur speċjali tal-impenn volontarju u tal-organizzazzjonijiet li jwettqu xogħol volontarju;

27. għaldaqstant, fil-prinċipju japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf netwerk Ewropew magħmul mir-rappreżentanti tad-diversi korpi kkonċernati bil-għan li tittejjeb il-koordinazzjoni. Madankollu, wieħed għandu janalizza l-possibbiltà li jintlaħaq dan l-għan billi jiġu kkoordinati aħjar, jew jingħaqdu flimkien, in-netwerks attwali u billi tiżdied il-kooperazzjoni, mingħajr ma jinħolqu strutturi oħra;

28. jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma pproponiet l-ebda miżura oħra sabiex jiżdied b'mod partikolari l-iskambju transkonfinali tal-informazzjoni, l-għarfien empiriku u l-prattiki t-tajba. Dan l-iskambju intensiv għandu jsir b'mod speċjali bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali ta' Stati Membri ġirien li jistgħu jisfaw vittmi ta' diżastri transkonfinali bħall-għargħar, kif ukoll bejn l-Istati Membri li ta' sikwit jintlaqtu mill-istess diżastri, bħan-nirien fil-foresti;

([1]) Ara CdR 116/2006 fin. Anness, ĠU C 206, 29.8.2006, p. 13 (mhux disponibbli bil-Malti).

29. jinnota li l-inizjattiva INTERREG kienet effiċjenti ħafna fl-iskambju tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-prevenzjoni tad-diżastri naturali f'kuntest transkonfinali. Il-ħolqien tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT) jista' jkompli jtejjeb l-implimentazzjoni ta' miżuri preventivi kontra d-diżastri firrigward tal-bażi tad-data, l-eżerċizzji, il-valutazzjoni tar-riskji u s-sistemi ta' twissija bikrija, kif ukoll it-trasferiment tat-teknoloġija u l-iskambju bejn l-esperti.

It-titjib fil-prestazzjoni tal-istrumenti li diġà jeżistu

30. jinsisti li għandha titħejja lista tal-istrumenti Komunitarji li diġà jeżistu u li jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw il-miżuri preventivi kontra d-diżastri, kif ukoll li jitħejja katalgu tal-miżuri preventivi li għalihom diġà jistgħu jintużaw il-fondi tal-UE. Dawn iż-żewġ miżuri huma adatti ħafna sabiex jiġi enfasizzat l-element ta' prevenzjoni fil-protezzjoni ċivili, anke fil-livelli sottonazzjonali. F'dan il-kuntest, il-possibbiltà ta' appoġġ finanzjarju għall-ippjanar, l-eżerċizzju u t-taħriġ transkonfinali għandha tingħata attenzjoni partikolari;

31. jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li dawn il-miżuri diġà jistgħu jtejbu b'mod sostanzjali l-prevenzjoni tad-diżastri għal perijodu qasir ta' żmien, anke fil-qafas tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013. F'perijodu medju ta' żmien, l-aċċessibbiltà mtejba għarriżorsi li diġà huma disponibbli tista' tiggarantixxi użu aktar effiċjenti u effettiv tal-fondi mingħajr ma jiżdied il-baġit tal-protezzjoni ċivili;

32. madankollu, jesprimi xi riżervi b'rabta mal-mod kif jiġu kkunsidrati ċerti aspetti tal-prevenzjoni tad-diżastri fid-Direttiva 85/337/KEE tal-Kunsill dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (Direttiva EIA) u fid-Direttiva Seveso 1996/82/KE. Il-proċeduri eżistenti m'għandhomx jitgħabbew iżżejjed biex tiġi evitata l-burokrazija żejda. Sabiex ikun hemm prevenzjoni effettiva tad-diżastri, il-miżuri mmirati u kkoordinati fil-livell lokali u reġjonali għandhom jingħataw preċedenza fuq l-estensjoni globali tal-proċeduri amministrattivi u tal-awtorizzazzjoni;

33. jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex il-kodiċi komuni Ewropej għad-disinn tal-bini u x-xogħlijiet ċivili ("Euro code 8") jiġu integrati fir-regolamenti tal-ippjanar nazzjonali. It-titjib tal-istandards tal-bini huwa l-aħjar mod biex jittaffew il-konsegwenzi ta' diżastri mill-aktar varjati u biex jonqos in-numru potenzjali ta' vittmi b'mod konsiderevoli;

34. f'dan ir-rigward iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex meta filġejjieni tiġi biex tikkonkludi inizjattivi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi tagħmel enfasi fuq il-prevenzjoni tad-diżastri.

Kummenti finali

35. ifakkar li l-protezzjoni tal-popolazzjoni mid-diżastri hija essenzjalment ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-livell reġjonali u lokali tagħhom, u li bosta Stati Membri diġà għandhom strateġiji nazzjonali estensivi b'rabta mal-prevenzjoni tad-diżastri. Kull sforz li jsir biex tittejjeb il-prevenzjoni tad-diżastri għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji tas-solidarjetà, il-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-appoġġ bejn dawn il-livelli;

36. jistenna li b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-UE tagħti prijorità lill-għajnuna effettiva għall-Istati Membri u r-reġjuni li ripetutament jisfaw vittmi tad-diżastri naturali biex jiżviluppaw u jimplimentaw il-miżuri preventivi tagħhom. L-azzjoni Komunitarja għandha tgħinhom jgħinu lilhom innifishom;

37. iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex permezz tal-istrumenti preventivi eżistenti jinkoraġġixxu u jappoġġjaw il-miżuri preventivi li jikkonsistu pereżempju mill-abbozzar u l-implimentazzjoni ta' diversi pjanijiet ta' emerġenza mill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

38. għaldaqstant, jilqa' l-fatt li l-approċċ Komunitarju dwar il-prevenzjoni tad-diżastri li pproponiet il-Kummissjoni huwa msejjes fuq strutturi eżistenti, jikkomplementa l-miżuri nazzjonali u jiffoka fuq l-oqsma li jeħtieġu approċċ komuni għall-prevenzjoni effettiva tad-diżastri;

39. fl-aħħar nett itenni t-talba tiegħu [2] li l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jqisu l-fehma tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-ippjanar ta' kwalunkwe inizjattiva marbuta mal-prevenzjoni tad-diżastri, u biex jiggarantixxu proċedura effiċjenti ta' konsultazzjoni minn qabel mal-persuni li huma direttament responsabbli għall-ġestjoni tad-diżastri.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President tal-
Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

(2) CdR 116/2006 fin., ĠU C 206, 29.8.2006, p. 9 (mhux disponibbli bil-Malti).

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — "Green paper TEN-T: Eżami tal-politika"

(2010/C 79/05)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI:

— jappella lill-Istati Membri sabiex fir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-perspettivi finanzjarji 2009-2010 inaqqsu l-baġit għat-TEN-T b'mod drastiku.

— jikkunsidra li hemm bżonn li n-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew jillimita ruħu għall-assi tat-trasport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-koeżjoni territorjali, fuq perijodu fit-tul ("in-netwerks prinċipali") u fil-qafas ta' struttura fuq żewġ livelli, b'netwerk ġenerali tat-TEN-T u netwerk prinċipali tat-trasport, iż-żamma tan-netwerk globali hija l-unika possibbiltà li teżisti sabiex ir-reġjuni tal-periferija mingħajr proġetti prijoritarji jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi tal-infrastruttura tat-trasport tal-Unjoni Ewropea u b'hekk tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tar-reġjuni kollha.

— iqis li n-netwerk TEN-T għandu jinkludi b'mod partikolari l-infrastrutturi ta' madwar il-bliet il-kbar li jillimtaw in-numru ta' rotot li jintużaw kemm mit-traffiku fuq distanzi twal kif ukoll mit-traffiku ta' kuljum fil-periferiji taż-żoni urbani, billi jfittex ukoll l-alternattivi permezz taż-żoni bla konġestjoni.

— iqis li biex ikunu jistgħu jitwettqu l-proġetti l-kbar hemm bżonn li l-kontribut Ewropew isir f'kuntratti fil-qafas ta' pjanijiet ta' finanzjament globali li llum-il ġurnata ma jippermettux li jiġu allokati sussidji Ewropej li huma limitati għal perijodu baġitarju ta' seba' snin (li huwa inqas miż-żmien li jieħdu l-proġetti l-kbar).

— jissuġġerixxi li abbażi tan-netwerk TEN-T il-ġdid jiġu ffirmati "kuntratti ta' programm" bejn l-Unjoni Ewropea u kull Stat Membru, li jiddefinixxu l-impenji reċiproki tagħhom fir-rigward tal-finanzjament u l-iskeda ta' implimentazzjoni. Dawn il-kuntratti ta' programm m'għandhomx ikopru l-infrastrutturi li jagħmlu parti min-netwerk TEN-T biss, iżda wkoll l-infrastrutturi sekondarji li l-Istati Membri (jew ir-reġjuni) ser jimpenjaw ruħhom li jibnu sabiex in-netwerks prinċipali jkunu jistgħu jaħdmu tajjeb.

Relatur: Jean-Michel Daclin, Viċi Sindku ta' Lyon, (FR/PSE)

Dokument ta' referenza

GREEN PAPER: TEN-T: Eżami tal-politika – Lejn netwerk trans-Ewropew integrat aħjar għad-dispożizzjoni tal-politika komuni tat-trasport

COM(2009) 44 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Is-sisien li fuqhom għandha sserraħ il-politika futura tat-TEN-T

1. jilqa' bi pjaċir ir-reviżjoni profonda tal-politika tat-TEN-T, li tidher neċessarja fid-dawl ta' kemm dam biex inħoloq in-netwerk li ġie stabbilit fl-1996 u tal-piżijiet fuq il-baġit Ewropew tat-trasport, u jinnota li b'riżultat tal-kriżi finanzjarja, hemm aktar bżonn li nżidu l-investimenti li jsiru fi ħdan it-TEN-T;

2. jenfasizza li fil-kuntest attwali tal-kriżi ekonomika, l-iżvilupp tat-TEN-T u l-integrazzjoni tat-trasport fl-Unjoni u fil-pajjiżi ġirien għandhom rwol konsiderevoli x'jaqdu biex jiżguraw il-vijabilità fuq perijodu twil tas-suq intern u l-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali fl-Unjoni; jappella lill-Istati Membri sabiex fir-reviżjoni ta' nofs it-term tal-perspettivi finanzjarji 2009-2010, imorru lura mid-deċiżjoni li ħadu li jnaqqsu l-baġit għat-TEN-T b'mod drastiku;

3. jinnota li din l-opinjoni tikkomplementa l-opinjonijiet li diġà adotta l-Kumitat, b'mod partikolari l-opinjoni dwar it-trasport aktar ekoloġiku u dik dwar il-mobilità urbana;

4. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li t-twettiq ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport ma jistax jiġi separat miż-żewġ oqsma l-oħra tal-politika tat-trasport – minn naħa, il-politika tal-ħlas għall-użu tat-toroq u tar-regolazzjoni tat-traffiku (pereżempju permezz tad-Direttiva Eurovignette); min-naħa l-oħra, it-titjib fl-effikaċja, il-kwalità u s-sigurtà tat-trasport (pereżempju permezz tal-iżvilupp tal-interoperabbiltà tal-ferroviji); jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa dawn it-tliet oqsma b'mod koerenti u simultanju;

5. jixtieq li l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u l-ħarsien tal-ambjent jingħataw aktar importanza u li b'hekk il-politika tat-TEN-T tkun qed tiffavorixxi l-mezzi tat-trasport li l-aktar jirrispettaw l-ambjent (it-trasport ferrovjarju, marittimu u tax-xmajjar);

6. jipproponi li jitqies b'mod speċifiku l-fatt li jeżistu żoni sensittivi mil-lat ambjentali, bħaż-żoni tax-xtut u ż-żoni muntanjużi (l-Alpi u l-Pirinej), li jirrikjedu miżuri partikolari li jippromovu l-approċċ li t-trasport tal-merkanzija fuq rotot ferrovjarji jew rotot marittimi jieħu post it-trasport tal-merkanzija bit-triq;

7. jiddispjaċih li l-Green Paper ma tenfasizzax biżżejjed l-importanza tal-mezzi tat-trasport fl-ippjanar territorjali Ewropew u, b'konformità sħiħa mal-prinċipju ta' koeżjoni territorjali, ifakkar li wieħed mill-aktar għanijiet importanti tat-TEN-T huwa li jikkontribwixxi sabiex jinħoloq bilanċ aħjar bejn ir-reġjuni billi jippermetti l-moviment liberu tal-persuni u tal-oġġetti b'mod partikolari bejn ir-reġjuni mbiegħda jew inqas żviluppati u ċ-ċentri ekonomiċi l-kbar tal-Ewropa, sabiex b'hekk dawn ir-reġjuni jingħataw l-ispinta ekonomika li għandhom bżonn u fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi jitqies id-dritt tal-aċċessibbiltà tagħhom;

L-ippjanar tan-netwerk

8. jikkunsidra li hemm bżonn li n-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew jillimita ruħu għall-assi tat-trasport li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-għanijiet strateġiċi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-koeżjoni territorjali, fuq perijodu fit-tul ("in-netwerks prinċipali") u fil-qafas ta' struttura fuq żewġ livelli, b'netwerk ġenerali tat-TEN-T u netwerk prinċipali tat-trasport;

9. huwa tal-fehma li, f'każ li jinżamm in-netwerk ġenerali tat-TEN-T, għandha tiġi stabbilita sistema flessibbli fuq il-bażi ta' metodi u prinċipji ġenerali magħżula fil-livell Komunitarju, sabiex id-diversi partijiet jew intersezzjonijiet tan-netwerk (portijiet ġodda, ajruporti, konnessjonijiet ferrovjarji, eċċ.) ikunu jistgħu jiġu integrati fin-netwerk tat-TEN-T malajr u b'mod effettiv;

10. jemmen li hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn in-netwerks għat-trasport tal-merkanzija u għat-trasport tal-passiġġieri li għandhom għanijiet u karatteristiċi differenti u jixtieq li l-prijoritajiet taż-żewġ tipi differenti ta' netwerks jiġu stabbiliti b'mod aktar ċar, fejn dan ikun iġġustifikat (ħafna mid-deċiżjonijiet li jittieħdu llum il-ġurnata jiffavorixxu t-trasport tal-passiġġieri); ir-riżorsi finanzjarji limitati jitolbu li jiġu stabbiliti l-prijoritajiet għall-bini tan-netwerk globali TEN-T u r-riżorsi għandhom imorru għall-eliminazzjoni taż-żoni ta' konġestjoni fin-netwerk;

11. huwa tal-fehma li din id-distinzjoni mhijiex ta' ħsara għal koordinazzjoni stretta bejn id-definizzjoni u l-implimentazzjoni taż-żewġ netwerks u ma tostakolax il-possibbiltà li fil-futur, fuq bażi temporanja jew permanenti, in-netwerks tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri jużaw l-istess infrastruttura, dejjem sakemm jinqdew il-ħtiġijiet f'dawk li huma servizzi tal-prodotti/merkanzija u tal-passiġġieri;

12. jitlob li n-"netwerks prinċipali" trans-Ewropej tal-merkanzija u tal-passiġġieri jinkorporaw il-"proġetti prijoritarji" attwali li jistgħu iwasslu għal proġetti oħra, u l-infrastruttura kollha meħtieġa biex tiġi żgurata l-kontinwità taċ-ċirkolazzjoni (inklużi l-infrastrutturi ta' daqs limitat li jippermettu titjib rapidu fl-effikaċja, il-kwalità u s-sigurtà taċ-ċirkolazzjoni); b'dan il-mod ikunu jistgħu jiġu żviluppati kurituri li jirriflettu x-xewqat taċ-ċittadini;

13. jikkunsidra li d-definizzjoni l-ġdida tan-netwerk TEN-T għandha tiġbor fiha wkoll l-intersezzjonijiet tat-trasport tan-netwerks prinċipali, li huma ta' importanza konsiderevoli għall-koeżjoni u l-ekonomija tar-reġjuni tal-Komunità. L-interkonnessjonijiet tat-trasport huma ta' valur miżjud fost raġunijiet oħra għax huma multimodali. Ħafna drabi huma s-sors prinċipali tal-konġestjoni u ta' problemi ta' nuqqas ta' effiċjenza oħra; in-netwerk TEN-T għandu jinkludi b'mod partikolari l-infrastrutturi ta' madwar il-bliet il-kbar li jillimtaw in-numru ta' rotot li jintużaw kemm mit-traffiku fuq distanzi twal kif ukoll mit-traffiku ta' kuljum fil-periferiji taż-żoni urbani, billi jfittex ukoll l-alternattivi permezz taż-żoni bla konġestjoni;

14. jemmen li huwa importanti li n-netwerk TEN-T jiġi ddefinit skont il-loġika tal-intermodalità u li b'hekk jiġi estiż għaċ-ċentri l-kbar tal-korrispondenza u l-loġistika (l-istazzjonijiet, l-ajruplani, il-portijiet u t-terminali intermodali) u l-infrastrutturi sekondarji li jeħtieġu ċentri bħal dawn u li dawn jintrabtu man-netwerks prinċipali; hawnhekk ikun tajjeb li wieħed jiftakar fir-rwol marittimu ta' xi kurituri tal-art, bħala assi bażiku għan-netwerk prijoritarju għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija marbut mat-trasport marittimu, permezz tal-konnessjoni bil-ferrovija mal-intersezzjonijiet ewlenin tat-trasport intermodali (pjattaformi loġistiċi u portijiet);

15. iqis li huwa importanti wkoll li l-portijiet, li għandhom importanza strateġika fuq livell Ewropej, b'mod partikolari dawk li huma konnessi mal-pjattaformi multimodali Ewropej li minnhom jiddependi l-kummerċ estern Ewropew tal-merkanzija u li jistgħu jaqdu rwol iktar importanti fil-kummerċ intern fl-Ewropa, jiġu integrati tajjeb fiż-żoni ta' ġewwa u fin-netwerk TEN-T tat-trasport ferrovjarju u fuq ix-xmajjar, u jirrakkomanda l-iżvilupp ta' awtostradi tal-baħar li jirrappreżentaw alternattiva flessibbli u ekoloġika li tiffaċilita l-integrazzjoni taż-żoni remoti u tal-periferija; fost il-mezzi ta' trasport fl-art ta' ġewwa li jaqdu lill-portijiet marittimi Ewropej għandha tingħata prijorità lit-trasport ferrovjarju u fuq ix-xmajjar;

16. jinsisti li hemm bżonn li l-bliet u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu involuti mill-qrib fit-tfassil tad-definizzjoni tan-netwerk TEN-T u l-prijoritajiet tiegħu, sabiex tiġi żgurata l-koeżjoni mal-pjanijiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fid-definizzjoni taċ-ċentri tat-trasport u l-infrastrutturi sekondarji, peress li l-iżvilupp tal-bliet u r-reġjuni jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu mill-infrastrutturi tat-trasport u li dawn il-bliet u r-reġjuni jridu jġorru huma l-ispejjeż u l-konsegwenzi involuti;

17. jinnota li bil-kontra tal-ippjanar ibbażat fuq netwerk prinċipali, id-dimensjoni tan-netwerk globali attwali qed ixxekkel l-iżvilupp effettiv tat-TEN-T; f'dawn il-kundizzjonijiet jaqbel li n-netwerk globali attwali jiġi llimitat għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar l-interoperabbiltà, is-sigurtà u l-fondi tal-koeżjoni; jinnota li ż-żamma tan-netwerk globali hija l-unika possibbiltà li teżisti sabiex ir-reġjuni tal-periferija mingħajr proġetti prijoritarji jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-servizzi tal-infrastruttura tat-trasport tal-Unjoni Ewropea u b'hekk tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tar-reġjuni kollha, in-netwerk globali jistgħu jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni bbażata fuq kriterji ddefiniti b'mod ċar u li jikkorrispondu għall-"valur miżjud Ewropew";

18. jaqbel ma' politika ambizzjuża għall-iżvilupp ta' sistemi "intelliġenti", intermodali u interoperabbli ta' appoġġ u informazzjoni għall-utenti li jistgħu jikkontribwixxu għal trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija aktar effikaċi; jirrakkomanda b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' sistema tax-xiri tal-biljetti integrata fil-qasam tat-trasport ferrovjajru internazzjonali tal-passiġġieri;

19. jirrakkomanda li jsir sforz għall-istandardizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi (pereżempju l-istandards li diġà ġew adottati fil-qasam tat-trasport ferrovjarju) u tas-sistemi ta' tħaddim tat-trasport sabiex ikun hemm qafas koerenti għall-infrastrutturi nazzjonali u interoperabbiltà bejn is-sistemi tat-trasport lokali u l-istandards, iżda mingħajr ma jkunu imposti standards partikulari fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali tat-trasport;

20. jitlob li l-Kummissjoni tiċċara u tispeċifika x'qed tfisser b'"pilastru konċettwali", billi d-definizzjoni tal-kunċett tant hi vaga li wieħed ma jistax jesprimi opinjoni dwarha;

L-implimentazzjoni tal-politika tat-TEN-T

21. iqis li huwa neċessarju li s-sussidji Ewropej jiffukaw fuq numru iżgħar ta' operazzjonijiet, l-ewwel u qabel kollox għandhom jingħataw għall-ikbar proġetti transnazzjonali, li ħafna drabi jitwarrbu mill-gvernijiet favur proġetti nazzjonali, u għall-proġetti mmirati lejn titjib rapidu tal-effikaċja, tas-sostenibbiltà ambjentali u tal-kwalità u s-sigurtà tal-iskambji; kwalunkwe deċiżjoni li tittieħed f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni stretta tal-"valur miżjud Ewropew"; b'rabta ma' dan, l-għoti ta' kofinanzjamenti u miżuri ta' appoġġ oħra għandhom ikunu strettament newtrali f'dak li għandu x'jaqsam mal-kompetizzjoni. Kull proċedura ta' awtorizzazzjoni għandha tinkludi l-obbligu li titressaq prova ta' din in-newtralità;

22. huwa favur l-adozzjoni fil-livell Ewropew ta' metodi soċjoekonomiċi ta' evalwazzjoni li jippermettu li t-tqabbil li jsir bejn il-proġetti jsir fuq bażi armonizzata u li ssir analiżi tal-"valur miżjud Ewropew tagħhom";

23. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għar-riskji li jirriżultaw jekk il-fondi Ewropej jingħataw fuq din il-bażi biss, billi l-metodi soċjoekonomiċi ta' evalwazzjoni huma metodi konvenzjonali u b'hekk ma jqisux il-fatturi tad-deċiżjoni kollha, b'mod partikolari l-ippjanar territorjali, il-koeżjoni territorjali u l-aċċessibilità;

24. jisħaq fuq il-ħtieġa li l-linji gwida jinkludu dispożizzjonijiet li jiżguraw li kull Stat Membru jiddefinixxi struttura fejn il-korpi lokali u reġjonali li huma legalment responsabbli għall-ippjanar tat-trasport u l-ġestjoni tan-netwerk ikunu involuti bis-sħiħ fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-linji gwida TEN-T, billi dan huwa l-aħjar mod kif jistgħu jiġu żviluppati, b'mod armonjuż, netwerks lokali, reġjonali, nazzjonali u TEN-T;

25. iqis li sabiex noħolqu infrastrutturi ferrovjali, marittimi u tax-xmajjar li jħarsu l-ambjent, hemm bżonn ta' qafas ta' tariffi u regoli adattat, u għalhekk jixtieq li tiġi appplikata politika ambizzjuża f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni jew permezz ta' appoġġ Ewropew għall-kumpaniji tal-merkanzija li jużaw mezzi sostenibbli bħall-ferrovija jew it-trasport marittimu (bħalma hu l-każ tal-Ecobonus);

26. jemmen li huwa importanti li l-implimentazzjoni tan-netwerk TEN-T tiġi akkumpanjata minn miżuri favur it-titjib tal-effikaċja u l-kwalità tat-trasport, b'mod partikolari biex neliminaw l-ostakli tekniċi u proċedurali fil-qsim tal-fruntieri; miżuri kemxejn għaljin bħal dawn jista' jkollhom effetti sinifikanti ħafna;

27. jinnota li jekk iċ-ċittadini jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali ma jaqblux mal-proġetti tal-infrastruttura, b'mod partikolari minħabba l-ħsara assoċjata mas-siti tal-kostruzzjoni, dan jista' jwassal għal dewmien u spejjeż żejda;

28. għalhekk jipproponi li l-fondi Ewropej jinkludu wkoll miżuri li jimplimentaw l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, wara konsultazzjoni pubblika, fiż-żoni li għandhom jilqgħu dawn il-proġetti l-kbar (pereżempju taħriġ u akkomodazzjoni għall-ħaddiema, aġġustament tal-kundizzjonijiet ekonomiċi lokali għall-bżonnijiet tal-proġetti, eċċ.) sabiex il-proġetti jkunu jistgħu jolqtu liż-żona b'mod pożittiv ukoll;

29. jipproponi li l-fondi Ewropej jinkludu wkoll investimenti ta' akkumpanjament oħra sabiex ir-restrizzjonijiet ambjentali jiġu indirizzati aħjar;

30. iqis li biex ikunu jistgħu jitwettqu l-proġetti l-kbar hemm bżonn li l-kontribut Ewropew isir f'kuntratti fil-qafas ta' pjanijiet ta' finanzjament globali li llum-il ġurnata ma jippermettux li jiġu allokati sussidji Ewropej li huma limitati għal perijodu baġitarju ta' seba' snin (li huwa inqas miż-żmien li jieħdu l-proġetti l-kbar);

31. jissuġġerixxi li abbażi tan-netwerk TEN-T il-ġdid jiġu ffirmati "kuntratti ta' programm" bejn l-Unjoni Ewropea u kull Stat Membru, li jiddefinixxu l-impenji reċiproki tagħhom fir-rigward tal-finanzjament u l-iskeda ta' implimentazzjoni; dawn il-kuntratti ta' programm m'għandhomx ikopru l-infrastrutturi li jagħmlu parti min-netwerk TEN-T biss, iżda wkoll l-infrastrutturi sekondarji li l-Istati Membri (jew ir-reġjuni) ser jimpenjaw ruħhom li jwettqu sabiex in-netwerks prinċipali jkunu jistgħu jaħdmu tajjeb;

32. jinnota li l-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea (il-garanzija tas-self u l-kapital riskjuż pereżempju) huma adattati għall-proġetti li jirrikjedu riskju kummerċjali min-naħa tas-settur privat, b'mod partikolari l-proġetti għat-toroq fejn kontribut min-naħa tas-settur privat jista' jkun siewi (dawn il-proġetti jistgħu jitwettqu abbażi ta' konċessjoni);

33. jinnota, min-naħa l-oħra, li dawn mhumiex adattati għall-proġetti ferrovjarji, tal-port u intermodali tat-trasport tal-merkanzija li, b'xi eċċezzjonijiet, ma jippermettux trasferiment tar-riskju kummerċjali għas-settur privat u li jibbenefikaw biss minn appoġġ finanzjarju privat marġinali;

34. iqis li l-ħolqien tal-Ewrobonds jista' jippermetti t-twettiq rapidu tal-proġetti prijoritarji sakemm is-sehem Komunitarju fil-finanzjament jiżdied;

35. iqis li minkejja l-komplessità kuntrattwali tagħhom, is-sħubijiet pubbliċi-privati jisgħu jagħtu kontribut għat-twettiq ta' proġetti kbar, minn naħa għax jippermettu li s-sussidji pubbliċi jinfirxu, u min-naħa l-oħra għax jibbenefikaw mill-esperjenza operattiva tas-settur privat, iżda struttura ta' dan it-tip ma tbiddilx wisq il-bilanċ ekonomiku fuq perijodu medju;

36. iqis li kjarifika tar-regoli Komunitarji li jikkonċernaw is-sħubijiet pubbliċi-privati tista' tgħin l-iżvilupp ta' strutturi bħal dawn;

37. jilqa' bi pjaċir l-estensjoni tar-rwol tal-koordinaturi Ewropej, li bħalissa huma responsabbli biss għall-proġetti prijoritarji, sabiex jinkludi wkoll in-"netwerks prinċipali" tat-TEN-T il-ġdid;

38. jipproponi li l-koordinaturi jaqdu rwol fit-tfassil tad-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-miżuri wkoll, bil-għan li tiżdied l-effikaċja, il-kwalità u s-sigurtà tal-mezzi tat-trasport kif qed isir diġà f'uħud mill-proġetti prijoritarji;

39. jemmen li jeżisti tip ieħor ta' koordinazzjoni, li jista' jissejjaħ "koordinazzjoni taż-żoni macro". Dan ifisser li l-UE tinqasam f'żoni b'karatteristiċi u kundizzjonijiet simili, sabiex ikun eħfef għall-Istati li huma qrib ta' xulxin li jaħdmu flimkien. Din is-sistema tiffaċilita wkoll il-koordinazzjoni tal-kurituri ferm mifruxa, fejn ir-reġjuni ta' oriġini u ta' destinazzjoni ftit li xejn jaqsmu karatteristiċi komuni bejniethom.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ"

(2010/C 79/06)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata "Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ". Il-Kumitat jaqbel kompletament mal-għanijiet ġenerali proposti bl-iskop li jogħlew il-livelli ta' kompetenzi permezz tat-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, għan li ġie deskritt kif adatt bħala prijorità assoluta biex jiġu affrontati l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea.

— ifakkar fl-importanza tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u r-rwol strateġiku tagħhom fl-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u t-taħriġ, li jagħmilhom l-atturi ewlenin fil-proċess ta' implimentazzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi stabbiliti. Il-metodi ta' ħidma magħżula għall-kooperazzjoni Ewropea fit-tul fl-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom għalhekk iqisu r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

— jilqa' l-fatt li dawn l-isfidi strateġiċi mhumiex limitati biss għall-kwistjonijiet marbuta mas-suq tax-xogħol, u jappoġġja b'mod partikolari dik relatata mal-ħtieġa li "ikunu inkoraġġuti s-sens ta' ekwità u ċ-cittadinanza attiva".

— iqis li huwa fundamentali li jkompli jkun hemm kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiġu identifikati l-isfidi komuni li jwasslu għall-ħolqien ta' soċjetà dinamika tal-għarfien; huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tikkontribwixxi wkoll għal dan il-għan u għalhekk għandha tiġi mħeġġa.

Relatur: Is-Sur Jean-Vincent PLACÉ (FR/PSE), Kunsillier Reġjonali, Ile-de-France

Dokument ta' referenza

Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

COM(2008) 865 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Prinċipji u kummenti ġenerali

1. jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea intitolata "Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ". Il-Kumitat jaqbel kompletament mal-għanijiet ġenerali proposti bl-iskop li jogħlew il-livelli ta' kompetenzi permezz tat-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, għan li ġie deskritt kif adatt bħala prijorità assoluta biex jiġu affrontati l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea;

2. jappoġġja bis-sħiħ l-analiżi ġenerali tal-Kummissjoni. L-edukazzjoni u t-taħriġ huma importanti ħafna biex l-Ewropa tkun tista' taġixxi b'mod kompetittiv filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni soċjali u ambjentali, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li r-riżors l-iktar prezzjuż tagħha huwa ċ-ċittadini [1]. F'dan ir-rigward, il-Kumitat ifakkar li sal-2015, 79 % tal-impjiegi se jkunu jeħtieġu ħaddiema b'ħiliet għoljin jew intermedji [2];

3. jaqbel mal-idea tal-Kummissjoni Ewropea li l-politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ għandhom jiggarantixxu li ċ-ċittadini kollha, ikunu x'ikunu l-età, is-sess jew il-profil soċjoekonomiku tagħhom, ikunu jistgħu jiksbu, jwettqu u jiżviluppaw tul ħajjithom il-kompetenzi professjonali tagħhom u ċ-ċittadinanza attiva tagħhom; dawn il-politiki għalhekk huma fatturi prinċipali għall-emanċipazzjoni personali u l-integrazzjoni soċjali;

4. ifakkar fl-importanza tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u r-rwol strateġiku tagħhom fl-Ewropa f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u t-taħriġ, li jagħmilhom l-atturi ewlenin fil-proċess ta' implimentazzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi stabbiliti. Il-livelli lokali jew reġjonali, skont is-sistemi nazzjonali li joperaw fihom, huma responsabbli mill-edukazzjoni, fid-diversi stadji tagħha, jiġifieri mill-fażi ta' qabel l-edukazzjoni primarja sal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-adulti, li kollha huma indirizzati f'din il-komunikazzjoni. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija marbuta mal-istrateġiji għall-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, mal-kwistjonijiet tal-migrazzjoni, fost-hom il-multilingwiliżmu, l-evoluzzjoni demografika kif ukoll il-politiki tal-UE dwar l-inklużjoni soċjali, l-intrapriżi, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Għalhekk, l-implimentazzjoni effikaċi tal-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jqisu dawn l-aspetti kollha hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-metodi ta' ħidma magħżula għall-kooperazzjoni Ewropea fit-tul fl-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom għalhekk iqisu r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

5. jenfasizza f'dan ir-rigward li din il-Komunikazzjoni tindirizza kwistjoni ferm importanti għall-Kumitat fuq perijodu fit-tul. Mil-lat immedjat, din il-kwistjoni hija marbuta mal-prijoritajiet tal-Kumitat għas-sena 2009 [3];

6. jinsab kuntent bil-fatt li l-miżuri proposti jappoġġjaw u jikkompletaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri, u joħolqu valur miżjud Ewropew mingħajr ma jikkompromettu l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

7. jenfasizza li f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u t-taħriġ tat-tfal tal-immigranti, li tqiesu wkoll fl-istrateġiji u l-prijoritajiet, din il-kwistjoni tista' titqies rilevanti wkoll għall-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Kumitat ifakkar li l-miżuri ta' integrazzjoni mhumiex attwalment fil-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-immigrazzjoni (Artikoli 61, 62 u 63 TKE) iżda fil-kompetenza diretta tal-Istati Membri. Minħabba f'hekk, l-UE tista' taqdi biss rwol ta' appoġġ f'dan il-qasam hija u tistenna r-ratifika eventwali tat-Trattat ta' Liżbona li jsaħħaħ is-setgħat Ewropej f'dan il-qasam;

(1) CdR 31/2006 fin
(2) Future skill needs in Europe: Synthesis, CEDEFOP, 2008 (mhux disponibbli bil-Malti).
(3) CdR 380/2008.

8. ifakkar li ż-żieda fl-immigrazzjoni lejn l-Ewropa tirrappreżenta tisħiħ kulturali, lingwistiku u demografiku, u li iktar minn piż hija opportunità, u li għalhekk, l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-migranti tal-ewwel ġenerazzjoni, kif ukoll tat-tieni ġenerazzjoni, għandhom ikunu prijorità għaliex huma l-muftieħ għall-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni b'suċċess fil-ħajja soċjali u professjonali ([4]). Il-Kumitat jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni lill-kategoriji l-aktar vulnerabbli fost il-migranti;

9. jinnota l-għan tal-Kummissjoni li ssaħħaħ il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK) billi tinkludi reviżjonijiet tal-pari minbarra t-taħriġ innifsu tal-pari; għalhekk iheġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tqis il-fatt li t-tisħiħ tal-MMK jista' jżid il-piżijiet finanzjarji u amministrattivi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li fuqhom jaqgħu ħafna mir-responsabbiltajiet fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

10. ifakkar li partikolarment fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni jista' jaħdem biss jekk jiġi involut b'mod dirett il-livell sottonazzjonali. Ir-rendiment tal-Istati Membri, li jirrappreżenta r-rendiment totali tar-reġjuni u l-muniċipalitajiet tagħhom, qabelxejn għandu jkun imsejjes fuq is-saħħa tal-kooperazzjoni bejniethom permezz ta' solidarjetà kontinwa;

11. huwa attent ħafna għall-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-problema tal-inugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa kif diġà semma f'diversi opinjonijiet ([5]). Għaldaqstant, il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex tiffoka b'mod partikolari fuq l-inugwaljanza persistenti bbażata fuq il-ġeneru;

12. jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jiġi ffaċilitat id-dħul ta' persuni b'diżabilità ta' kull età fis-sistema ordinarja tat-taħriġ u l-edukazzjoni. Dan l-approċċ jiffavorixxi ħafna l-inkluzjoni soċjali u l-impjegabbiltà tagħhom;

13. jilqa' b'sodisfazzjoni l-importanza mogħtija lit-taħriġ tal-adulti, li huwa essenzjali għall-impjegabbiltà, il-mobilità, l-inkluzjoni soċjali u l-iżvilupp personali. Il-Kumitat għalhekk ifakkar li huwa diġà esprima r-rieda tiegħu li jassumi rwol attiv fil-promozzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja, qasam li jikkonċerna ħafna lill-awtoritajiet lokali u reġjonali ([6]);

14. jitħasseb dwar in-nuqqas ta' referenza f'din il-komunikazzjoni għat-tema tat-taħriġ u taż-żamma ta' forza tax-xogħol bi kwalifi għoljin u ta' nies li għandhom ħiliet importanti fl-Unjoni Ewropea, kwistjoni li hija madankollu kruċjali għall-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej fil-kuntest tal-bini ta' ekonomija tal-għarfien, kemm mill-perspettiva tat-telfien tal-imħuħ, u kemm minn dik tal-ħtieġa ta' taħriġ professjonali ta' persunal ta' livell għoli fid-dixxipplini kollha. Għalhekk il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina din il-problema bla ma tintroduċi bilfors iktar indikaturi, li jista' jkollhom effett negattiv fuq il-koerenza ġenerali tal-għanijiet stabbiliti;

15. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li huwa jqis li hija ta' importanza kruċjali li jiġu involuti l-pajjiżi terzi li jinsabu fil-proċess tal-adeżjoni fl-UE, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina d-diversi possibbiltajiet ta' x'jista' jsir;

Sfidi strateġiċi

16. japprova l-erba' sfidi strateġiċi u l-prijoritajiet li għandhom jiġu ttratatti fl-2009-2010, proposti mill-Kummissjoni;

17. josserva li dawn l-isfidi strateġiċi u l-prijoritajiet għal żmien qasir għandhom ikunu konsistenti mal-ħidma li diġà twettqet fil-qafas ta' programm "L-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010";

18. jilqa' l-fatt li dawn l-isfidi strateġiċi mhumiex limitati biss għall-kwistjonijiet marbuta mas-suq tax-xogħol, u jappoġġja b'mod partikolari dik relatata mal-ħtieġa li "ikunu nkoraġġiti s-sens ta' ekwità u ċ-ċittadinanza attiva". L-ewwel kuntatt dirett mal-politika kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva fil-ħajja ta' kuljum jsiru qabelxejn fil-livell sottonazzjonali;

19. itenni l-impenn tiegħu favur il-mobilità, fattur essenzjali fl-iżvilupp kulturali u professjonali, billi din tippermetti li jingħelbu l-ostakli ekonomiċi kif ukoll dawk kulturali. Il-Kumitat jinsisti fir-rigward ta' dan is-suġġett fuq il-fatt li l-mobilità għandha ssir ir-regola għal dawk kollha li qed jitgħallmu;

20. jenfasizza r-rwol fundamentali tal-awtoritajiet lokali għall-mobilità ta' dawk li qed jitgħallmu, kemm mil-lat ta' informazzjoni kif ukoll mil-lat ta' appoġġ għall-mobilità permezz tat-twaqqif ta' dispożizzjonijiet ta' koordinazzjoni u ta' sostenn li jikkomplimentaw il-programmi Ewropej ([7]). Għalhekk il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis iktar dan ir-rwol filwaqt li tinvolvi lir-Reġjuni fit-tħejjija tal-programmi u billi tagħti aktar responsabbiltà fl-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi lil dawk li jixtiequ;

21. ifakkar li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jridu jiżvolġu rwol ewlieni biex jilħqu l-għan "lingwa materna +2", b'mod partikolari fit-twettiq ta' programmi edukattivi ([8]);

([4]) CdR 253/2008.

([5]) CdR 233/2000 u CdR 19/2001

([6]) CdR 49/2004 finali u CdR 31/2006 finali

([7]) CdR 34/2006 finali

([8]) CdR 6/2008 fin

22. ifakkar fil-ħtieġa ta' aktar progress fit-tagħlim tal-lingwi fl-iskejjel primarji u sekondarji. Il-proċess ta' tagħlim għandu jkabbar il-possibbiltajiet ta' djalogu b'mill-inqas lingwa barranija waħda fl-iskejjel primarji ([9]);

23. ifakkar li jeħtieġ li jikber l-isforz lejn il-konsapevolezza dwar il-benefiċċji tat-tagħlim tal-lingwi ([10]);

24. japprova l-intenzjoni li jissaħħaħ it-taħriġ primarju tal-għalliema u l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu tal-persunal involut fit-tagħlim u l-guidance;

25. iqis li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni t-tbassir tal-ħtiġijiet tal-ħiliet fil-proċess tal-ippjanar tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Dawn ta' sikwit jiġu identifikati l-ewwel fil-livell lokali u reġjonali;

26. huwa tal-opinjoni li l-edukazzjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli, u b'mod speċjali s-sensibilizzazzjoni dwar il-problema tat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-konservazzjoni tar-riżorsi naturali kollha (il-ħamrija, l-ilma, l-arja, ir-riżorsi minerali, eċċ.), kif ukoll l-iżvilupp tal-litteriżmu medjatiku, huma komponenti essenzjali u inseparabbli miċ-ċittadinanza attiva, u huma approċċi li jistgħu jiġu inklużi fil-prijoritajiet tal-2009-2010;

27. f'dan il-kuntest ifakkar li ċ-ċittadinanza attiva u l-fehim tal-kwistjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli huma fost il-kompetenzi ewlenin għall-Ewropej, kif stipulati fir-rakkomandazzjoni dwar il-*Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-ħajja - Qafas Ewropew ta' Referenza* ([11]);

28. iqis li l-edukazzjoni tal-iżgħar età, dik ta' qabel il-primarja u dik tal-primarja għandha rwol importanti fl-iżvilupp u l-kisba ta' ħiliet bażiċi, li jippermettu lill-konċittadini tagħna li jirnexxu fil-ħajja privata u professjonali tagħhom ([12]);

29. japprova r-rieda li jissaħħaħ it-tagħlim reċiproku dwar l-aħjar prattiki fl-edukazzjoni tat-tfal ta' familji tal-immigranti. It-tagħlim reċiproku ta' dan it-tip huwa miżura essenzjali għall-promozzjoni ta' ċittadinanza Ewropea u għal proċess ta' integrazzjoni ta' suċċess;

30. jixtieq jenfasizza l-importanza tat-tagħlim tal-lingwa materna għat-tfal tal-migranti, peress li dan itejjeb il-kapaċità tagħhom li jitgħallmu kemm il-lingwa tal-pajjiż ospitanti kif ukoll lingwi barranin oħra; iżda l-għajnuna mill-istat għandha tpoġġi b'mod ċar bħala prijorità t-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti u l-użu tagħha b'mod kunfidenti;

31. jenfasizza l-importanza ewlenija tal-awtoritajiet lokali fl-iżvilupp ta' ambjent adatt għall-innovazzjoni ([12]);

32. huwa tal-fehma li l-isfidi soċjali marbuta mal-problemi ambjentali (l-ilma, l-enerġija, il-klima, il-bijodiversità, it-tniġġis eċċ.) għandhom jitqiesu partikolarment bis-serjetà fl-isfida dwar il-ħtieġa li "ikunu nkoraġġiti s-sens ta' ekwità u ċ-ċittadinanza". B'mod iktar ġenerali, dawn l-isfidi jitolbu kambjamenti sostanzjali f'diversi impjiegi, u l-ħolqien ta' ħafna oħra ġodda; għalhekk dawn għandhom jiġu kkunsidrati fit-taħriġ tul il-ħajja, b'mod speċjali permezz tal-ħolqien ta' korsijiet adegwati ta' taħriġ;

33. japprova l-proposta li jinħolqu sħubijiet bejn il-korpi edukattivi u tat-taħriġ u l-intrapriżi, l-istituzzjonijiet tar-riċerka, il-partijiet kulturali u l-industriji kreattivi. Meta jitwettqu, dawn l-azzjonijiet juru l-effikaċja tagħhom fil-qasam tal-innovazzjoni;

34. iqis li huwa fundamentali li jkompli jkun hemm kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jiġu identifikati l-isfidi komuni li jwasslu għall-ħolqien ta' soċjetà dinamika tal-għarfien; huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tikkontribwixxi wkoll għal dan il-għan u għalhekk għandha tiġi mħeġġa;

35. jitlob li jitħejja studju komparattiv dwar is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri kif ukoll dwar ir-riformi ppjanati għall-futur qarib. Dan l-istudju għandu jiġi ppubblikat fuq l-internet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. B'hekk l-esperti tal-edukazzjoni fi ħdan il-muniċipalitajiet u r-reġjuni kif ukoll il-kunsilli u l-iskejjel ikunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa dwar l-esperjenza ta' pajjiżi oħra b'rabta mal-edukazzjoni u t-taħriġ, u jkunu jistgħu wkoll jipparteċipaw bħala msieħba ugwali fid-diskussjonijiet li jsiru fil-livell tal-awtoritajiet ċentrali dwar l-arranġamenti futuri tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

L-indikaturi

36. japprova l-użu ta' punti ta' referenza fil-qafas tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni; madankollu, dan m'għandux iwassal għall-armonizzazzjoni mistura tas-sistemi fl-Istati Membri individwali;

37. japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrikorri għal miżuri kwantitattivi (punti ta' referenza, statistika) u kwalitattivi (skambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba) ([13]). Dawn għandhom ikunu bbażati l-ewwel u qabel kollox fuq miżuri eżistenti, fuq data komparabbli u għandhom iqisu s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri individwali. L-Istati Membri huma aktar mistiedna jaħsbu dwar kif u sa liema punt jistgħu jikkontribwixxu flimkien biex jintlaħqu l-miri komuni filwaqt li jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali li qed jinbidlu u l-prijoritajiet nazzjonali tagħhom;

38. jenfasizza li għad trid issir riflessjoni dwar il-modi kif ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet jistgħu jkopru ż-żieda fl-ispejjeż amministrattivi u finanzjarji marbuta mal-introduzzjoni ta' indikaturi ġodda;

([9]) Ibid.
([10]) CdR 33/2006 fin
([11]) CdR 31/2006 fin
([12]) CdR 133/2008 finali.
([13]) CdR 349/2002 finali.

39. josserva madankollu li l-għanijiet stabbiliti għal erbgħa mill-ħames punti ta' referenza li ġew adottati fl-2003 mhux se jintlaħqu sal-2010. Barra minn hekk, għadu mhux magħruf x'se jkun l-impatt tat-tagħlim tal-pari, u l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba. Dawn l-elementi jitolbu reviżjoni tal-rilevanza tal-għanijiet stabbiliti u/jew tal-metodi ta' ħidma;

40. jipproponi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jiġu analizzati r-raġunijiet għalfejn l-għanijiet stabbiliti għal dawn l-erba' punti ta' referenza ma ntlaħqux;

41. japprova x-xewqa tal-Kummissjoni li jiġi identifikat l-għan ta' *parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja* li tiżdied minn 12.5 % għal 15 %. Din iż-żiedahija partikolarment importanti f'perjodu ta' kriżi, minħabba l-ħtieġa li jiġi faċilitat it-tibdil tal-karriera u li jingħata taħriġ addizzjonali lil ħafna ħaddiema;

42. jappoġġja l-proposta li jinħoloq punt ta' referenza dwar il-*mobilità*, li hija essenzjali peress li din issaħħaħ l-impjegabbiltà u tippermetti li tiġi żviluppata ċ-ċittadinanza Ewropea, għalkemm id-definizzjoni ta' dan l-indikatur għad trid tiġi stabbilita mill-Kummissjoni. Mingħajr ma jiġu ppreġudikati l-isforzi għall-istudenti, li jeħtieġ ikomplu jsiru, il-Kumitat iqis li għandu jkun hemm enfasi fuq il-mobilità tal-apprendisti u żgħażagħ li jkunu qed jagħmlu taħriġ professjonali, qasam li diversi reġjuni huma attivi fih;

43. japprova l-intenzjoni li jinħoloq punt ta' referenza dwar dawk b'*livelli baxxi ta' ħiliet bażiċi*, li ġew imwessa' għall-matematika u x-xjenza, iżda jenfasizzaw il-ħtieġa li l-ewwel ikun hemm fokus fuq il-qari u l-kitba. Madankollu huwa jfakkar li l-għarfien tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u l-lingwi barranin huma importanti biex jinkiseb l-għarfien u jintlaħqu l-għanijiet ta' taħriġ kontinwu u tagħlim tul il-ħajja kollha. It-tfal b'mod partikolari għandhom ikunu jistgħu jiksbu ħiliet fil-qasam tal-ICT fl-iżgħar età ([14]). Il-Kumitat jiġbed l-attenzjoni dwar l-inugwaljanzi soċjali fl-aċċess għal dawn it-teknoloġiji, li għandhom jiġu ttrattati b'mod adatt mill-istituzzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali jew Ewropej, biex b'hekk l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jserrħu fuq il-programmi eżistenti tal-UE u l-programmi l-ġodda tal-Kummissjoni, u jipparteċipaw fil-ġlieda kontra l-illitteriżmu funzjonali skont l-Istrateġija riveduta ta' Lisbona. Bl-istess mod, dawn l-istrutturi għandhom iqisu l-importanza tal-għarfien tal-lingwa tal-pajjiż ospitanti min-naħa tal-migranti biex jiffavorixxi l-inklużjoni soċjali u l-impjegabbiltà tagħhom;

44. waqt il-ħidmiet biex jiġu definiti indikaturi u valuri ta' referenza ġodda fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ bħala parti mill-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni, jeħtieġ li l-evalwazzjoni tal-kompetenzi tal-qari u l-fehim tat-testi għandha tiġi estiża għall-ħiliet li jittrattaw il-kontenut tax-xandir, peress li fil-preżent, il-kontenut ta' kuntesti elettroniċi jew diġitali jinkludi taħlita ta' testi miktuba, immaġni u vidjo;

45. jemmen li l-isforzi fil-qasam tal-qari, tal-kitba, tal-matematika, tax-xjenza u tal-ICT bl-ebda mod m'huma mhux kompatibbli mat-tagħlim tas-suġġetti l-oħra tal-iskola, li kollha jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kwalitajiet bħall-kreattività, l-awtostima u l-kapaċitajiet soċjali ([15]);

46. jingħaqad fl-għan li jiġi intensifikat il-progress fit-tagħlim ta' żewġ lingwi barranin mill-iżgħar età u għalhekk japprova l-punt ta' referenza *Lingwi*;

47. juri prudenza kbira fl-introduzzjoni ta' punt ta' referenza fir-rigward tas-sehem tal-*investiment fl-edukazzjoni ogħla*. Approċċ proattiv biex l-investiment fl-edukazzjoni ogħla jitla' għal 2 % tal-PGD huwa fih innifsu pożittiv, iżda dan il-għan maqsum bejn is-settur privat u dak pubbliku m'għandux, minn naħa, jeżonera lill-Istati mir-responsabbiltà tagħhom u, min-naħa l-oħra m'għandux bħala konsegwenza, iżid il-parti tal-*households* fil-finanzjament tal-edukazzjoni ogħla, peress li dan idgħajjef b'mod speċjali l-għan tal-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari fi żmien ta' kriżi;

48. japprova l-punt ta' referenza dwar l-*akkwist tal-kwalifiki fil-livell terzjarju*, u jaqbel max-xewqa li jinqata' l-għan dwar il-matematika, ix-xjenza u t-teknoloġiji li issa ntlaħaq, u jappprezza l-attenzjoni li qed tingħata għall-problema tal-iżbilanċ fin-numru ta' rġiel u nisa f'dawn id-dixxiplini. F'dan ir-rigward jeħtieġ li titfakkar l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Lejn qafas ta' strateġija Komunitarja fil-qasam tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel* ([16]);

49. juri r-riżervi tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit punt ta' referenza dwar *l-impjegabbiltà*. It-tfittxija għall-korrelazzjoni bejn il-livell ta' studju milħuq u l-possibbiltà li wieħed jidħol fis-suq tax-xogħol hija preokkupazzjoni komuni. Mandankollu, jaqbel li jitqiesu wkoll varjanti oħra, b'mod speċjali l-istat tal-ekonomija. Għalhekk dan l-approċċ jista' jittejjeb;

50. japprova l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi stabbilit punt ta' referenza dwar *l-edukazzjoni qabel dik primarja*, peress li t-tagħlim bikri joħloq opportunitajiet ġodda ta' żvilupp għat-tfal u huwa aspett importanti tat-tagħlim tul il-ħajja;

51. jissieħeb fix-xewqa li jinżamm kif inhu l-punt ta' referenza dwar *it-tluq mill-iskola qabel il-waqt*, u jaħseb li għandhom jiġu enfasizzati sforzi varji biex jintlaħaq dan l-għan;

52. fid-dawl tal-livell ta' esperjenza disponibbli bħalissa, għandu ċerti riżervi dwar il-proposta ta' punt ta' referenza fiss dwar *it-tisħiħ tal-innovazzjoni u l-kreattività*. Minkejja dan, il-Kumitat tar-Reġjuni jappoġġja l-idea li l-Istati Membri jeżaminaw il-possibbiltajiet li jiġu żviluppati indikaturi li jistgħu jikkontribwixxu biex isaħħu l-isforzi tagħhom fl-oqsma tal-innovazzjoni u l-kreattività;

([14]) CdR 349/2002 finali.

([15]) Ibid.

([16]) CdR 233/2000 finali.

53. jipproponi li ssir riflessjoni biex ikun jista' jsir skambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin bejn l-Istati dwar il-punt ta' referenza tal-*innovazzjoni u l-kreattività* u dak tal-*impjegabbiltà*. Ir-reġjuni għandhom ikunu involuti mill-qrib f'dan l-approċċ;

54. jaqbel mad-determinazzjoni li jinżammu u jiżdiedu politiki effiċjenti u ambizzjużi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-kriżi ekonomika attwali m'għandhiex twaqqafna minn dan l-għan, għall-kuntrarju għandha twassalna għalih.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni — "PAK simplifikata għall-Ewropa — suċċess għal kulħadd"

(2010/C 79/07)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jixtieq itenni l-importanza li jagħti liż-żamma tal-Politika Agrikola Komuni u l-fatt li ma jaċċetta l-ebda tip ta' rinazzjonalizzazzjoni.

— fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali, jemmen li s-settur agrikolu Ewropew, li huwa suġġett għal politika komuni, għandu jkun jista' jgawdi minn għajnuna mill-Istat li tiġi adattata skont is-sitwazzjonijiet ta' kriżi (marbuta mal-klima, is-saħħa jew l-ekonomija).

— huwa tal-fehma li, minbarra l-istrateġija adottata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri kif ukoll l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ukoll jippromovu l-iskambji tal-esperjenza, jagħmlu studji komparattivi u jidentifikaw l-aħjar kisbiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi.

— huwa tal-fehma li l-Politika Agrikola Komuni għandha twettaq ukoll l-għanijiet tal-koeżjoni territorjali.

— jixtieq li s-semplifikazzjoni tal-PAK twassal għal PAK aktar ġusta u bbilanċjata fil-mod kif titqassam l-għajnuna bejn il-bdiewa, is-setturi u r-reġjuni.

— barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-semplifikazzjoni meħtieġa u mixtieqa għandha twassal għal reazzjoni aktar mgħaġġla fil-konfront tal-kriżijiet tas-swieq agrikoli u l-perikli marbuta mal-klima u s-saħħa.

Relatur: Is-Sur Olivier Bertrand (FR/PPE) Kunsillier tal-Muniċipju ta' Saint-Sylvain de Bellegarde

Dokument ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "PAK simplifikata għall-Ewropa – suċċess għal kulħadd"

COM(2009) 128 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Daħla

1. huwa tal-fehma li din l-opinjoni dwar il-proposta għas-semplifikazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni għandha titqies fid-dawl ta' kuntest ekonomiku partikolari ħafna u ġiet ippubblikata f'nofs skeda ta' ħidma: bejn l-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa tal-PAK attwali u t-tfassil ta' PAK imġedda wara l-2013 li l-mira prinċipali tagħha hija l-perspettivi baġitarji futuri;

2. jenfasizza li s-serje ta' avvenimenti ekonomiċi fil-livell dinji, iżda anke t-tibdil fil-klima jgħinuna nifhmu aħjar, billi jipprovdu qafas ċar, il-kunċett ta' politika komuni ta' appoġġ f'settur ta' attività bħall-agrikoltura għat-tisħiħ tal-kundizzjonijiet tar-regolamentazzjoni tiegħu fl-oqsma kollha tal-produzzjoni u t-territorji kollha; dan kollu jsawwar is-sisien stess ta' din il-politika;

3. f'dan il-kuntest, huwa tal-fehma li l-valur tal-kunċett ta' preferenza Komunitarja, li jevita li jaqa' fil-protezzjoniżmu, u tax-xiri ta' prodotti lokali jidher b'mod ċar, u jipprovdi tweġiba għall-firxa sħiħa tal-ħtiġijiet dinjija marbuta mal-ikel, li għadha kwistjoni taħraq;

4. jisħaq li l-Politika Agrikola Komuni m'għandhiex tqis biss il-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità tajba imma wkoll ċerti kundizzjonijiet ta' din il-produzzjoni, marbuta fost l-oħrajn ma' strateġiji neċessarji bħall-użu tal-art u l-iżvilupp rurali (strateġiji għall-foresti, iż-żoni bi żvantaġġi naturali, eċċ.). Din il-politika għandha twettaq ukoll l-għanijiet tal-koeżjoni territorjali fil-gruppi ġeografiċi kontinentali ewlenin tal-Unjoni Ewropea u għar-reġjuni ultraperiferiċi;

5. b'konformità mal-opinjonijiet preċedenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, jemmen li s-semplifikazzjoni tal-PAK għandha tkun immirata lejn l-operaturi fis-settur iżda għandha wkoll timmira li ċ-ċittadini jiġu megħjuna jifhmu aħjar il-bżonn li teżisti bil-għan li jiġi mħares wieħed mill-pilastri ekonomiċi tal-Ewropa;

6. jemmen li l-PAK għandha tħares 'il quddiem u, b'konformità mar-riżoluzzjoni li ġiet adottata matul is-sessjoni plenarja tal-KtR ta' Ġunju 2009 qabel is-summit tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima f'Kopenħagen, jemmen li t-tibdil fil-klima għandu jiġi integrat fl-agrikoltura bl-iskop li jonqsu l-konsum tal-enerġija u l-produzzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra;

Osservazzjonijiet dwar id-dokument tal-Kummissjoni b'ordni kronoloġiku

7. jisħaq li l-PAK semplifikata għandha tinftiehem u tinqara faċilment minn kulħadd – mill-bdiewa, l-operaturi istituzzjonali u ekonomiċi u ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea;

8. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem imsejħa l-Kummissjoni) u l-Istati Membri għall-fatt li s-semplifikazzjoni tal-PAK ma ssarrafx f'riforma tal-PAK permezz ta' bdil fir-regoli għall-implimentazzjoni tagħha. Is-semplifikazzjoni għandha titqies bħala żvilupp. B'mod partikolari, għandu jiġi żgurat li kwalunkwe tibdil tar-regoli marbuta mal-PAK jirrispetta ċ-ċikli tal-produzzjoni agrikoli kollha;

9. iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħtfu l-opportunità li tipprovdi s-semplifikazzjoni tal-PAK biex jikkomunikaw b'mod rilevanti, komplut u oġġettiv maċ-ċittadini u l-bdiewa Ewropej billi kontinwament jiġbdulhom l-attenzjoni għall-għanijiet tal-PAK, il-mezzi implimentati u l-aġenda tagħha;

10. ifakkar li "PAK semplifikata għal kulħadd għandha tkun PAK li tinftiehem minn kulħadd";

11. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li l-bdiewa u ċ-ċittadini mhumiex konxji li l-proċeduri marbuta mas-semplifikazzjoni ilhom għaddejin mill-2005;

12. jistaqsi lilu nnifsu jekk it-tindif tar-regolamentazzjoni agrikola jagħmilx sens biss fir-rigward tat-testi marbuta mal-prodotti tal-ħalib. Minkejja li dan is-settur jeħtieġ attenzjoni partikolari, huwa mistagħġeb kif il-Kummissjoni, hija u tiżvolġi l-argumenti tagħha, illimitat ruħha għal dan is-settur biss;

13. fil-kuntest tal-kriżi ekonomika attwali, jemmen li s-settur agrikolu Ewropew, li huwa suġġett għal politika komuni, għandu jkun jista' jgawdi minn għajnuna mill-Istat li tiġi adattata skont is-sitwazzjonijiet ta' kriżi (marbuta mal-klima, is-saħħa jew l-ekonomija) filwaqt li jinżammu u jiġu affermati mill-ġdid is-sisien tal-PAK (ara l-opinjonijiet preċedenti tal-Kumitat tar-Reġjuni);

14. huwa tal-fehma li, minbarra l-istrateġija adottata mill-Kummissjoni li waqqfet grupp ta' esperti, l-Istati Membri kif ukoll l-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom ukoll jippromovu l-iskambji tal-esperjenza, jagħmlu studji komparattivi u jidentifikaw l-aħjar kisbiet, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi. L-istess bħall-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jħabrek biex jinvolvi l-operaturi agrikoli fis-settur fit-territorji tiegħu;

15. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li nħbiet wara s-semplifikazzjoni meta fil-fatt hija bdiet riforma li wasslet għal ristrutturar kbir fit-territorji kollha;

16. jistaqsi lilu nnifsu jekk il-bdiewa jqisux li l-Iskema ta' Pagament Uniku hija "faċli" biex tintuża u jemmen li l-inklużjoni tar-ringieli ta' sġajriet (hedges) u l-ħitan hija miżura ta' interess ġenerali;

17. jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni qieset il-ħtieġa li jsiru analiżi tal-impatt u evalwazzjonijiet fuq bażi regolari. Dan l-approċċ għandu jiġi adottat ukoll fit-tiswir ta' PAK li hija adattata aħjar għall-ħtiġijiet tat-territorji u għall-partijiet ikkonċernati minn issa sal-2013, fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa u s-semplifikazzjoni;

18. jiġbed ukoll l-attenzjoni għall-importanza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu kkonsultati b'mod aktar effetiv, u għall-bżonn li l-PAK tiġi inkluża fil-proċess tal-gvernanza f'diversi livelli, kif ħabbar il-Kumitat tar-Reġjuni fil-White Paper tiegħu, bil-għan li l-proċess ta' integrazzjoni Ewropea jissaħħaħ, isir aktar ibbilanċjat u miftuħ għal parteċipazzjoni aktar wiesgħa;

19. jisħaq fuq il-bżonn li d-data informatika fil-livelli kollha fi ħdan il-Kummissjoni tkun disponibbli għall-użu agrikolu fil-livell lokali. L-iskambju elettroniku tal-informazzjoni għandu jinvolvi l-atturi kollha;

20. huwa mistagħġeb dwar l-għażla tal-prijoritajiet imniżżla fil-pjan ta' azzjoni u jixtieq li jitqiegħdu f'ordni u jiġu ppreżentati gradwalment;

21. jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-kundizzjonalità tinżamm peress li hija wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-pagamenti diretti tal-PAK, iżda jemmen li ċerta semplifikazzjoni hija meħtieġa u jitlob li jiġu stabbiliti rekwiżiti raġonevoli għall-produtturi li, għaldaqstant, ikunu jistgħu jiġu vverifikati b'mod oġġettiv mill-awtoritajiet li jamministrawhom;

22. jitlob lill-Kummissjoni turi li "Organizzazzjoni Komuni tas-Suq" unika tirrappreżenta semplifikazzjoni ġenwina li minnha jgawdu l-operaturi fis-settur, iċ-ċittadini u t-territorji u li dan jgħodd għall-modi kollha ta' implimentazzjoni li tħaddan il-Kummissjoni fil-konfront tal-Istati Membri u t-territorji;

23. jafferma mill-ġdid li t-territorji, iċ-ċittadini u l-bdiewa għandhom igawdu mit-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi billi jiġi applikat għat-tipi kollha ta' produzzjoni. Barra minn hekk, il-Kumitat jenfasizza li t-tnaqqis tal-piżijiet għandu jissodisfa l-għanijiet tal-PAK;

24. għandu dubju dwar l-istqarrijiet ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-iskemi ta' appoġġ akkoppjat u jistaqsiha jekk it-tendenza tal-PAK lejn żieda fid-diżakkoppjament tirrappreżentax verament semplifikazzjoni li tirrispetta d-diversità tat-territorji. Il-Kumitat jixtieq ukoll li s-semplifikazzjoni tal-PAK permezz tal-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa twassal għal PAK aktar effettiva għal kulħadd, aktar ġusta u bbilanċjata fil-mod kif titqassam l-għajnuna bejn il-bdiewa, is-setturi u r-reġjuni;

25. għal darb'oħra jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħtieġa li jitqiesu t-tipi kollha tal-produzzjoniu agrikola u ċ-ċikli partikolari marbuta magħhom;

26. jixtieq li, taħt kull ċirkustanza, ir-regoli tal-kundizzjonalità jiġu armonizzati fl-Istati Membri kollha billi jinżamm l-iżgħar denominatur komuni: din hija prijorità;

27. jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-ħtieġa li ċ-ċittadini u l-bdiewa jiġu infurmati b'mod ċar, komplut u li jinftiehem;

28. jaqbel li l-politika ta' kwalità għandha tkun waħda mill-pedamenti tal-PAK u li m'għandhiex tiġi abbandunata;

29. huwa tal-fehma li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu involuti fl-iskambji tal-aħjar prattiki u fit-tfittxija għas-semplifikazzjoni;

30. jixtieq li s-setturi differenti Ewropej, permezz tat-tisħiħ tal-politiki marbuta magħhom, isiru aktar professjonalizzati b'mod li s-settur Ewropew tal-ikel agrikolu, li huwa wieħed mill-pilastri ekonomiċi tal-Ewropa, jissaħħaħ u jkompli jiżviluppa billi jadatta ruħu għat-tibdil globali fil-klima u l-ekonomija;

31. jitlob li l-istrumenti tal-PAK jirreaġixxu b'aktar qawwa favur is-setturi li qed jiffaċċjaw kriżi (fost affarijiet oħra, l-oqsma marbuta mas-swieq, il-klima u l-kriżijiet soċjali u tas-saħħa). Jeħtieġ jiġu previsti strumenti sempliċi fil-qafas ta' mekkaniżmu istituzzjonali effettiv bil-għan li r-riżorsi jinġabru flimkien biex tingħata spinta lill-produzzjoni, u b'hekk il-bdiewa li huma milquta minn dawn il-kriżijiet ikollhom dħul adegwat;

32. jaqbel mal-messaġġ tal-Kummissjoni li fih titlob lill-Istati Membri jippromovu semplifikazzjoni ikbar biex ikunu jistgħu jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fi ħdan il-politika komuni b'mod aktar effettiv. Is-sussidjarjetà m'għandhiex twassal għal proċeduri aktar ikkumplikati u ta' piż b'mod li jkun hemm ir-riskju li jintilef ir-rispett għall-mudell Ewropew tal-ikel agrikolu;

33. itenni li l-prijorità mogħtija lill-iżvilupp rurali trid tinftiehem bħala valur miżjud lejn it-territorji u mhux bħala sostituzzjoni tal-politiki tal-Istati Membri u/jew tal-awtoritajiet lokali. L-iżvilupp rurali jrid jiġi integrat fl-istrateġiji ewlenin Ewropej (l-Istrateġiji ta' Liżbona u ta' Göteborg) u għandu jissejjes fuq żewġ elementi prinċipali: minn naħa, il-koeżjoni territorjali u l-konsegwenza naturali ta' din il-koeżjoni li hija s-solidarjetà, u min-naħa l-oħra, il-politiki ewlenin meħtieġa għat-tmexxija tal-kontinent Ewropew. Fl-istess ħin, il-proġetti agrikoli u paragrikoli għandhom jibqgħu jiġu inklużi fil-qafas tas-sħubijiet bħal-LEADER;

Konklużjoni

34. jixtieq itenni l-importanza li jagħti liż-żamma tal-Politika Agrikola Komuni u l-fatt li ma jaċċetta l-ebda tip ta' rinazzjonalizzazzjoni. Din il-politika – li jeħtieġ infakkru li qed tiġi implimentata f'kuntest ta' kriżi ekonomika – tirrappreżenta regolazzjoni ġusta tas-swieq. Din għandha tiġi żviluppata b'tali mod li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-setturi ta' produzzjoni kollha f'kull wieħed mit-territorji tal-Unjoni Ewropea fil-qafas tal-iżvilupp sostenibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li din l-istrateġija tiġi inkluża f'PAK orjentata lejn l-2013 li tkun konformi mal-perspettivi finanzjarji Ewropej;

35. għandu dubju kemm is-semplifikazzjoni tal-PAK proposta bħalissa mill-Kummissjoni tirrifletti tajjeb l-għanijiet u l-linji gwida li ħarġu mill-aħħar dibattiti dwar l-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa tal-PAK, u jirrakkomanda li tkompli l-ħidma fil-livell nazzjonali u Ewropew b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni għall-operaturi fis-settur u bil-għan li jkun hemm komprensjoni aktar sfiqa ta' din il-politika ewlenija komuni min-naħa taċ-ċittadini li huma wkoll konsumaturi;

36. barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-semplifikazzjoni meħtieġa u mixtieqa għandha twassal għal reazzjoni aktar mgħaġġla fil-konfront tal-kriżijiet tas-swieq agrikoli u l-perikli marbuta mal-klima u s-saħħa; il-kriżi attwali fis-settur tal-ħalib tirrikjedi azzjoni rapida u l-introduzzjoni ta' strumenti ta' ġestjoni ssemplifikati u iktar flessibbli;

37. huwa tal-fehma li huwa assolutament neċessarju li l-PAK attwali tiġi kkomunikata aħjar bil-għan li l-partijiet kollha kkonċernati (iċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-bdiewa u l-awtoritajiet lokali u reġjonali) jkunu jistgħu jidentifikaw ruħhom magħha aħjar;

38. jixtieq li l-Ewropa tiddeċiedi li tiżviluppa din il-politika agrikola f'politika ambizzjuża agrikola u tal-ikel komuni li tkun tista' tissejjaħ PAIK. B'hekk, din il-politika tkun tista' tissaħħaħ kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-livell dinji. Is-suċċess ta' politika bħal din trodd lura l-bilanċ meħtieġ u l-istabbiltà fid-dinja;

39. jistenna li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jerfgħu r-responsabbiltajiet tagħhom mill-2013 'l quddiem biex jiddefinixxu din il-politika b'perspettivi finanzjarji li jkunu kompatibbli mal-objettivi u l-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni fil-livelli kollha.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-programm ta' Stokkolma: Sfidi u opportunitajiet fil-kuntest ta' programm multiannwali ġdid fiż-żona tal-UE ta' libertà, sigurtà u ġustizzja"

(2010/C 79/08)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jaqbel mal-prijoritajiet politiċi tal-programm il-ġdid, u jinnota li l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali hija element prinċipali fil-proċess tal-kostruzzjoni ta' Ewropa taċ-ċittadini, li tagħti leġittimità demokratika ikbar lill-proċess;

— jemmen li l-politiki żviluppati fl-oqsma tal-ġustizzja u l-intern għandhom jiġu kkoordinati u integrati mal-politiki l-oħra tal-Unjoni u jisħaq fuq il-bżonn għal koordinazzjoni aħjar fil-kwistjonijiet tal-ġustizzja, is-sigurtà u l-intern mal-politika ekonomika, il-politika soċjali u l-politika barranija tal-Unjoni Ewropea, biex jissaħħu l-effikaċja u l-koerenza ta' dawn il-politiki;

— jisħaq fuq il-bżonn li l-kwistjonijiet tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jinġabru flimkien b'mod ibbilanċjat, bl-implimentazzjoni ta' strumenti koerenti fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

— josserva li l-Karta tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tirrikonoxxi d-drittijiet li huma applikabbli għal kull persuna, irrispettivament min-nazzjonalità tagħha jew l-istatus ta' residenza amministrattiva tagħha fl-Unjoni Ewropea, u jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju tar-residenza għall-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-għan li jiġu ggarantiti l-koeżjoni soċjali u l-paċi;

— iqis li, meta jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sigurtà taċ-ċittadini, bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, speċjalment it-traffikar tal-persuni, it-traffikar tad-drogi jew l-isfruttar tal-minorenni, il-prevenzjoni hija importanti daqs il-prosekuzzjoni, u jfakkar lill-Kummissjoni dwar ir-rwol kruċjali li qdew l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' strateġiji għall-prevenzjoni tar-reati;

— iqis li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun involut fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u għaldaqstant involut direttament fl-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, kif ukoll fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u l-istrumenti li hemm referenza għalihom, safejn hija kkonċernata l-kompetenza tiegħu.

Relatur: Anna TERRÓN I CUSÍ, (ES/PSE) Segretarja għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Gvern tal-Katalonja (il-Generalitat)

Dokumenti ta' referenza:

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini

COM(2009) 262

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni Ġustizzja, libertà u sigurtà fl-Ewropa sa mill-2005: Valutazzjoni fuq il-programm tal-Aja u pjan ta' azzjoni

COM(2009) 263

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

Rakkomandazzjonijiet ġenerali

1. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, intiża biex tkompli l-ħidma għat-twaqqif ta' żona ġenwina ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li sservi liċ-ċittadin, u jinnota l-importanza tagħha f'dinja dejjem iżjed mobbli;

2. jilqa' l-iniżjattiva tal-Kummissjoni, intiża biex tistabbilixxi programm multiannwali ġdid għall-UE li jwaqqaf il-prijoritajiet għall-ħames snin li ġejjin f'oqsma relatati maż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; madankollu, jinnota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tagħmel l-ebda referenza għall-bidliet rilevanti li jistgħu jsiru fit-Trattat ta' Lisbona;

3. iqis li l-programm il-ġdid għandu jkun ambizzjuż biżżejjed biex jiggarantixxi progress konsiderevoli f'dawn l-oqsma, iżda li fl-istess ħin għandu jiffoka iktar fuq l-evalwazzjoni ta' inizjattivi proposti tul l-aħħar għaxar snin sabiex tiżdied l-effikaċja tagħhom u jiġi żgurat li l-għanijiet tagħhom jinkisbu;

4. itenni t-tħassib tiegħu li l-Kummissjoni reġgħet mhix qed tagħti attenzjoni biżżejjed lir-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-oqsma ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

5. josserva li l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom interess speċjali fl-oqsma ttrattati mill-Komunikazzjoni, billi dawn għandhom impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum tan-nies li jgħixu fl-Unjoni Ewropea u fuq id-dmirijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

6. itenni l-fatt li, bħala l-assemblea politika li tirrappreżenta l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-Kumitat tar-Reġjuni huwa wieħed mill-fora adatti biex iservi l-interessi taċ-ċittadini u jiżgura l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi li jinħolqu miċ-ċittadinanza Ewropea;

7. iqis li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun involut fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u għaldaqstant involut direttament fl-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu, kif ukoll fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u l-istrumenti li hemm referenza għalihom, safejn hija kkonċernata l-kompetenza tiegħu;

8. jikkonferma li beħsiebu jippromovi sistema ta' protezzjoni f'diversi livelli tad-drittijiet fundamentali u jilqa' l-fatt li l-progress li sar fit-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jqiegħed liċ-ċittadin fil-qalba tal-proġett;

9. jisħaq fuq il-bżonn li l-kwistjonijiet tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jingħabru flimkien b'mod ibbilanċjat, bl-implimentazzjoni ta' strumenti koerenti fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

10. iħoss li l-progress li sar ma laħaqx l-istennijiet, u jfakkar l-Istati Membri li t-tfixkil tal-progress li sar fit-twaqqif ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jista' jolqot lid-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini Ewropej;

11. jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li l-garanzija ta' applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni hija determinanti għall-iżvilupp ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u għaldaqstant jinsab imħasseb ukoll dwar id-diverġenzi fl-implimentazzjoni tad-direttivi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal miżuri ġodda jew tirrevedi dawk li diġà jeżistu sabiex tiggarantixxi li l-liġijiet u l-politiki approvati fil-livell Ewropew jiġu trasposti fl-ispirtu u fil-forma fil-liġijiet nazzjonali;

12. josserva li l-moviment ħieles huwa aspett ewlieni taċ-ċittadinanza Ewropea, u jitlob lill-Kummissjoni tadotta miżuri biex tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni rilevanti;

13. josserva li bħala l-livell ta' gvern li huwa l-eqreb taċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol importanti fl-istrumenti u l-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni; għaldaqstant, b'konformità mar-rakkomandazzjoni li saret mill-Grupp Konsultattiv ta' Livell Għoli dwar il-futur tal-Politika Ewropea tal-Ġustizzja, jitlob li jiġi involut fit-twaqqif ta' dawn l-arranġamenti sabiex l-esperjenzi prattiċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jitqiesu aħjar;

14. jipproponi li d-dimensjoni esterna tal-politika interna Ewropea tiġi inkluża b'mod konsistenti mill-programm ta' Stokkolma, li jista' jittratta speċifikament l-interessi komuni relatati mal-migrazzjoni legali u illegali bħall-asil, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-fruntiera, il-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, it-twaqqif ta' prijoritajiet ġeografiċi għal suġġetti individwali, il-kondizzjonijiet qafas għall-iskambju tal-informazzjoni, il-garanziji għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, it-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni, il-protezzjoni tad-data u l-garanziji konkomitanti tal-protezzjoni legali għaċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;

15. jemmen li l-politiki żviluppati fl-oqsma tal-ġustizzja u l-intern għandhom jiġu kkoordinati u integrati mal-politiki l-oħra tal-Unjoni u jisħaq fuq il-bżonn għal koordinazzjoni aħjar fil-kwistjonijiet tal-ġustizzja, is-sigurtà u l-intern mal-politika ekonomika, il-politika soċjali u l-politika barranija tal-Unjoni Ewropea, biex jissaħħu l-effikaċja u l-koerenza ta' dawn il-politiki;

16. jaqbel mal-prijoritajiet politiċi tal-programm il-ġdid, u jinnota li l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali hija element prinċipali fil-proċess tal-kostruzzjoni ta' Ewropa taċ-ċittadini, li tagħti leġittimità demokratika ikbar lill-proċess;

17. jaqsam it-tħassib dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji lill-prijoritajiet politiċi, u jenfasizza l-bżonn li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil tal-istrumenti baġitarji f'dawn l-oqsma fejn ikunu kompetenti l-awtoritajiet;

18. jinnota l-fatt li l-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tkun tista' tiġi evalwata biss meta jitħabbru l-proposti dettaljati, u jħeġġeġ li l-Pjan ta' Azzjoni, li għandu jiġi adottat f'Diċembru 2009, jiżgura l-ikbar konformità possibbli ma' dawn il-prinċipji;

19. jitlob li tingħata attenzjoni speċjali lill-garanzija tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi l-Istati Membri jistgħu jużawh biex jagħtu lura l-poteri fil-livell nazzjonali;

Ewropa tad-Drittijiet

20. jilqa' l-adeżjoni ppjanata tal-Unjoni Ewropea fil-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u jinnota li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għandha sservi bħala l-bażi għal kwalunkwe azzjoni mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha;

21. josserva li l-Karta tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tirrikonoxxi d-drittijiet li huma applikabbli għal kull persuna, irrispettivament min-nazzjonalità tagħha jew l-istatus ta' residenza amministrattiva tagħha fl-Unjoni Ewropea, u jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju tar-residenza għall-awtoritajiet lokali u reġjonali bil-għan li jiġu ggarantiti l-koeżjoni soċjali u l-paċi;

22. jisħaq li l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-moviment ħieles tal-persuni hija ta' importanza kbira fil-garanzija tad-dritt taċ-ċittadini Ewropej u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-Istati Membri, u josserva li din id-direttiva ma ġiet implimentata kompletament fl-ebda Stat Membru ([1]);

23. josserva bi tħassib li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE li jkollhom permess tar-residenza għal perijodu fit-tul huma soġġetti għal restrizzjonijiet diskriminatorji, abbażi tan-nazzjonalità jew l-oriġini etnika, b'rabta mad-dħul u r-residenza tagħhom fl-UE, u jitlob li ssir viġilanza biex tiġi evitata tali diskriminazzjoni;

24. jappoġġja kwalunkwe inizjattiva li tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, l-antisemitiżmu, il-ksenofobija jew l-omofobija, jitlob għal adozzjoni rapida tal-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008) 426), u jisħaq fuq ir-rwol importanti li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-attitudnijiet ksenofobiċi u razzisti kif ukoll ir-rwol li jaqdu fl-edukazzjoni taċ-ċittadini fil-prinċipji demokratiċi; barra minn hekk, jemmen li s-Sena Ewropea tal-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010) hija opportunità għal impetu ġdid fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki li jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni lejn gruppi soċjali vulnerabbli;

25. jaqbel li hemm bżonn li titwaqqaf sistema komprensiva ta' protezzjoni tad-data bbażata fuq id-dritt fundamentali għal ħajja privata u l-protezzjoni tad-data personali, li tinkorpora strumenti adatti għall-objettivi tagħha, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni;

([1]) Ara l-Komunikazzjoni dwar gwida għal traspożizzjoni u applikazzjoni aħjar tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorji tal-Istati Membri, COM(2009) 313/4.

26. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda esponenzjali fl-informazzjoni diġitali dwar l-individwi privati li rriżulta mill-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, jisħaq fuq l-importanza li jagħtu l-Ewropej lill-protezzjoni tad-data u l-ħajja privata ([2]), u jqis li l-Programm ta' Stokkolma u l-Pjan ta' Azzjoni sussegwenti tal-Kummissjoni għandhom jagħtu iżjed attenzjoni lill-iżvilupp ta' approċċ strateġiku bbażat fuq teknoloġiji "imfassla għall-ħajja privata" u "li jirrispettaw il-ħajja privata" ([3]);

27. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-numru baxx ta' nies li ħarġu jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej, jaċċetta li bħala korp l-UE ma ħadmitx biżżejjed f'dan ir-rigward, u jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma ħarġitx b'ideat innovattivi biex tiżdied il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika tal-Unjoni ([4]);

28. iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssib iktar mezzi biex tippromovi forom ġodda ta' parteċipazzjoni bbażati fuq tekonoloġiji ġodda u biex tenfasizza l-valur tal-e-gvern u inizjattivi bħall-e-parteċipazzjoni bil-għan li jissaħħaħ l-involviment politiku u ċiviku taċ-ċittadini ([5]);

29. iqis li huwa neċessarju li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' informazzjoni, li jippermettu lill-Ewropej sabiex ikollhom fehim aħjar tad-drittijiet tagħhom, b'mod partikolari rigward il-protezzjoni diplomatika u konsulari f'pajjiżi terzi fejn pajjiżhom mhuwiex rappreżentat;

30. jieħu nota tal-bżonn li tittejjeb is-sistema ta' taħriġ komuni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili u japprova l-proposta tar-rapport finali tal-Grupp tal-Futur (Future Group) dwar il-promozzjoni tan-networking b'rabta mat-taħriġ u li għandhom jitfasslu definizzjonijiet komuni tal-istandards ([6]);

31. jiddispjaċih li ma saritx iktar enfasi fuq ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali b'rabta mal-mekkaniżmi għat-tisħiħ tal-protezzjoni ċivili, billi dawn l-awtoritajiet jaqdu rwol essenzjali fil-prevenzjoni u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi umani u materjali f'każ ta' bżonn;

Ewropa tal-liġi u l-ġustizzja

32. jafferma mill-ġdid l-importanza ta' żona legali Ewropea u l-bżonn li jitneħħew l-ostakli eżistenti bil-għan li l-Ewropej jiġu ggarantiti l-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet tagħhom u t-tħaddim effettiv tal-istrumenti tas-suq intern;

33. jagħraf id-diffikultajiet fit-tħaddim ta' 27 sistema legali differenti, iżda jitlob għal kooperazzjoni transkonfinali ġudizzjarja koerenti u effettiva, abbażi tar-rikonoxximent reċiproku, il-fiduċja reċiproka u r-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza li din għandha tkun akkumpanjata minn livell minimu ta' armonizzazzjoni tal-proċeduri kriminali, kif ukoll standards minimi għall-proċeduri ċivili;

34. jemmen li l-aċċess għall-ġustizzja huwa essenzjali għall-garanzija ta' Ewropa tad-drittijiet, u jilqa' l-proposti ġenerali tal-Kummissjoni, b'mod partikolari rigward l-e-ġustizzja, li għandha tiġi implimentata b'tali mod li l-protezzjoni tad-data tiġi ggarantita;

35. iqis li l-potenzjal għall-użu tat-teknoloġiji l-ġodda fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja għandu jiġi esplorat bis-sħiħ;

36. iqis li l-mekkaniżmi għall-applikazzjoni tal-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam tal-liġi tal-familja għandhom jissaħħu, b'mod partikolari dawk relatati mad-drittijiet tal-minorenni;

37. jitlob għal sforzi akbar li jiggarantixxu l-implimentazzjoni korretta tal-liġi Ewropea fil-qasam tal-ġustizzja, kif ukoll għall-prevenzjoni tal-effikaċja tal-istrumenti legali milli jiġu ostakolati;

38. jaqbel li hemm bżonn ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar id-diskwalifikazzjoni, b'mod partikolari dawk relatati mal-impjiegi li jinvolvu lill-minorenni, iżda jitlob lill-Kummissjoni tkun viġilanti fil-garanzija tal-protezzjoni tad-data fl-iskambju tal-informazzjoni u biex tipproteġi kontra l-abbuż;

39. jaqbel li t-taħriġ u l-ħiliet huma elementi essenzjali fil-kostruzzjoni ta' Ewropa ta' ġustizzja li tirrispetta d-diversità u tippromovi l-kooperazzjoni, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi ta' skambju bejn il-professjonisti minn pajjiżi differenti;

([2]) Ewrobarometru: *Data Protection in the European Union. Citizens' perceptions*. Rapport Analitiku, Frar 2008

([3]) Opinjoni tal-Kontrollur Ewoprew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini. http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2009/09-07-10_Stockholm_programme_EN.pdf

([4]) B'rabta ma' dan, il-Kummissjoni hija mħeġġa tikkonsulta l-istudju bl-isem ta' *Parteċipazzjoni fil-Proġett Ewropew: kif nistgħu nimmobilizzaw iċ-ċittadini fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew*, li qed jitħejja mill-Istitut għall-Istudji Ewropej – VUB u l-Istitut Daniż tat-Teknoloġija f'isem il-Kumitat tar-Reġjuni, li ser jiġi ppreżentat f'Gödöllo fis-16 ta' Ottubru.

([5]) Insibu eżempju eċċellenti fid-direttiva dwar s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi li d-DĠ SANCO ħareġ fl-14 ta' Settembru 2009.

([6]) *Freedom, Security, Privacy – European Home Affairs in an open world. Report of the Informal High Level Advisory Group on the Future of European Home Affairs Policy (The Future Group)*, Ġunju 2008. http://www.statewatch.org/news/2008/jul/eu-futures-jha-report.pdf.

40. jagħraf il-bżonn għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-liġi ċivili għal reati transkonfinali li jkunu partikolarment gravi, sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp tal-attività transkonfinali u biex jitħarsu aħjar id-drittijiet taċ-ċittadini, li huwa wieħed mill-għanijiet tat-twaqqif ta' żona Ewropea ta' ġustizzja;

Ewropa li tipproteġi

41. jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tibbaża politiki tas-sigurtà u tal-ġustizzja fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, iżda jisħaq fuq il-bżonn li jiġu ggarantiti l-konsistenza u l-bilanċ bejn il-kwistjonijiet tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet meta tiġi stabbilita strateġija ta' sigurtà interna;

42. jaqbel li hemm bżonn li tinħoloq kultura komuni fost il-professjonisti tas-sigurtà u jilqa' l-inizjattiva intiża għall-promozzjoni tal-mekkaniżmi għall-iskambju tal-esperjenza u l-prattika tajba; f'dan il-kuntest, huwa essenzjali li nenfasizzaw l-importanza tal-politiki tal-prevenzjoni bħala parti preliminari obbligatorja tal-proċess sħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità;

43. jiddispjaċih li l-atturi nazzjonali biss huma msemmija, għax it-twaqqif ta' kultura komuni tas-sigurtà għandha tinvolvi wkoll lill-atturi mill-gvern lokali u reġjonali;

44. jirrakkomanda li jiġi analizzat sa liema punt il-kodifikazzjoni tal-liġi Ewropea dwar il-pulizija tista' tiffaċilita l-operati transkonfinali tal-pulizija fl-UE;

45. iżid li, mingħajr ma jinxteħet id-dubju fuq l-allokazzjoni interna tal-poteri ta' kull Stat Membru, għandu jkun hemm mekkaniżmi li jippermettu lill-istituzzjonijiet lokali u reġjonali involuti fl-applikazzjoni effettiva tas-sigurtà Komunitarja u l-leġiżlazzjoni tal-pulizija biex ikollhom aċċess raġonevoli u regolat għall-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u informazzjoni stabbiliti mill-Unjoni ([7]);

46. jikkunsidra li huwa neċessarju li jissaħħu l-użu u l-effikaċja tal-għodod teknoloġiċi għall-garanzija tas-sigurtà u l-libertà tal-persuni fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għall-mobbiltà, iżda jirrikonoxxi t-tħassib taċ-ċittadini dwar l-iżvilupp rapidu ta' dawn is-sistemi mingħajr evalwazzjoni suffiċjenti;

47. jirrikonoxxi l-bżonn li ssir riflessjoni dwar arkitettura għas-sistemi ta' informazzjoni bil-għan tat-titjib fl-effiċjenza u l-effikaċja, it-tnaqqis kemm jista' jkun tal-ispejjeż u l-massimizzazzjoni tal-benefiċċji;

48. josserva li l-professjonisti mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom ikunu involuti meta jiġu diskussi r-riċerka u l-iżvilupp relatati mas-sigurtà u t-twaqqif potenzjali ta' fond tas-sigurtà interna;

49. iqis li, meta jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sigurtà taċ-ċittadini, bħat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, speċjalment it-traffikar tal-persuni, it-traffikar tad-drogi jew l-isfruttar tal-minorenni, il-prevenzjoni hija importanti daqs il-prosekuzzjoni, u jfakkar lill-Kummissjoni dwar ir-rwol kruċjali li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' strateġiji għall-prevenzjoni tar-reati;

50. jappoġġja t-tisħiħ tal-effikaċja tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudizzjarja fl-Ewropa, u jikkunsidra li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jaqdu rwol importanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transkonfinali billi hemm rabtiet dejjem iktar stretti bejn il-kriminalità lokali u l-kriminalità organizzata internazzjonali;

51. jenfasizza li kwalunkwe progress fil-ġlieda kontra l-kriminalità għandu jmur id f'id mal-isforzi għall-protezzjoni tad-dritt għal difiża legali, b'garanziji ġudizzjali minimi għall-akkużat, b'mod partikolari rigward kwistjonijiet bħall-preżunzjoni tal-innoċenza u l-kustodja tal-pulizija;

52. jirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-UE hija kruċjali għall-garanzija tas-sigurtà u l-libertà tal-moviment fl-Unjoni, u japprova r-referenza għar-rispett assolut għad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni internazzjonali fl-iżvilupp tal-istrateġija Ewropea għall-ġestjoni integrata tal-fruntiera, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' dettall fil-Komunikazzjoni dwar dan is-suġġett u jitlob għar-rikonoxximent tal-fatt li l-Ewropa hija żona ta' libertà u drittijiet kull meta jsiru passi 'l quddiem f'din il-kwistjoni;

53. jitlob lill-Kummissjoni biex, qabel ma tintroduċi strumenti ġodda, tistabbilixxi mekkaniżmi għal evalwazzjoni indipendenti tal-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri (FRONTEX) kif ukoll tal-kooperazzjoni rilevanti ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fl-interventi li jolqtu lid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi;

54. ifakkar lill-Istati Membri li l-kontroll u l-monitoraġġ tal-fruntieri tal-baħar m'għandux ifisser li jintesew l-obbligi fundamentali tas-salvataġġ marittimu;

55. iqis li s-sistemi eżistenti tal-informazzjoni (SIS II, VIS) għandhom jiġu żviluppati u evalwati kompletament qabel ma jsiru l-bidliet jew jiġu stabbiliti strumenti ġodda, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' informazzjoni fil-Komunikazzjoni dwar il-mekkaniżmi tar-reviżjoni u l-monitoraġġ għall-użu tad-data bijometrika f'dawn is-sistemi;

([7]) Huwa ta' importanza partikolari li jkun hemm aċċess rapidu u garantit għall-bażijiet tad-data msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/JHA tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali.

56. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-twaqqif ta' sistema elettronika għar-rekordjar tad-dħul u l-ħruġ mit-territorju tal-Istati Membri u l-iżvilupp potenzjali ta' sistema Ewropea għall-ġbir ta' informazzjoni minn qabel dwar l-individwi li jixtiequ jidħlu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Dan jista' jkun preġudikattiv għad-drittijiet fundamentali, speċjalment għall-protezzjoni tad-data personali;

57. josserva li hemm bżonn li jissaħħu l-istrateġiji ta' kooperazzjoni għall-promozzjoni tal-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet tad-dwana;

58. iżid jgħid li kwalunkwe strument ġdid li jiġi kontemplat, bħall-visa komuni Ewropea ta' Schengen, għandu jiġi żviluppat b'mod effettiv u effiċjenti, u għandhom jitqiesu l-protezzjoni tad-data u l-garanziji għad-dritt tal-ħajja privata;

59. jappoġġja l-isforzi għat-titjib fil-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-Eurojust sabiex isir progress fl-investigazzjoni tal-attivitajiet transkonfinali tal-kriminalità organizzata;

60. itenni t-tħassib tal-Kummissjoni dwar it-theddid identifikat u jisħaq fuq ir-rwol li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-identifikazzjoni u l-osservazzjoni ta' prattiki kriminali ta' dan it-tip;

61. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tfassal pjani ta' azzjoni speċifiċi għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni u biex tinkorpora din il-kampanja fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi;

62. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fir-reati marbuta mal-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal fuq l-Internet ([8]), u josserva li miżuri punittivi għandhom ikunu akkumpanjati minn sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u miżuri edukattivi marbuta ma' dawn ir-reati;

63. jisħaq fuq ir-rwol li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-iżvilupp ta' approċċi preventivi intiżi biex jissalvagwardjaw id-dinjità u d-drittijiet tal-minorenni, speċjalment il-minorenni abbandunati u mhux akkumpanjati ([9]);

64. jagħraf il-bżonn li jsir progress fil-ġlieda kontra l-kriminalità ekonomika u elettronika, u l-bżonn li jittejbu l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni f'dawn l-oqsma, fejn ir-reati mhux dejjem jiġu investigati fil-pajjiż fejn ikunu saru;

65. ifakkar lill-Kummissjoni dwar ir-rwol li jistgħu jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-iffalsifikar, u fl-iżvilupp tal-istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra d-drogi;

66. iqis lit-theddida tat-terroriżmu bħala inkwiet prinċipali għall-Ewropej, u jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni ma ssemmix ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tnaqqis ta' din it-theddida, b'mod partikolari rigward il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti;

67. jibża' li l-miżuri preventivi elenkati fil-Komunikazzjoni ser iservu biss biex jikkriminalizzaw il-gruppi etniċi jew reliġjuzi filwaqt li ma jindirizzawx il-kawżi fundamentali tal-attività terroristika;

68. jipproponi li għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi politiċi, soċjali u ekonomiċi li jistgħu jikkontribwixxu għaż-żieda fil-vjolenza politika li toħrog minn diversi gruppi qabel ma jiġu enfasizzati l-oriġini nazzjonali, etniċi jew reliġjużi, billi dan jista' jwassal għal iktar razziżmu u ksenofobija;

Ewropa ta' solidarjetà fl-immigrazzjoni u l-asil

69. itenni li l-Unjoni Ewropea għandha tadotta politika Ewropea ġenwina dwar l-immigrazzjoni, ibbażata fuq il-prinċipji tas-solidarjetà, il-fiduċja reċiproka u l-koresponsabbiltà bejn l-Istati Membri, u li tirrispetta għalkollox id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li żżomm it-tqassim attwali tal-poteri, tagħmel użu sħiħ mill-poteri tagħha f'dan il-qasam, u tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà;

70. josserva li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fost ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-immigrazzjoni u l-asil u għandhom ikunu minn tal-ewwel biex jirreaġixxu għall-impatt ekonomiku u soċjali tal-flussi migratorji fiż-żoni tagħhom;

71. isejjaħ lill-Istati Membri tal-UE biex jaqsmu r-responsabbiltajiet tar-riċeviment u l-integrazzjoni tar-rifuġjati u jistabbilixxu mekkaniżmu għad-distribuzzjoni mill-ġdid bejn l-Istati Membri;

72. jitlob lill-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni mtejba bejn l-istrumenti varji eżistenti għat-twaqqif tal-oqsma ta' azzjoni fl-immigrazzjoni u l-asil, u josserva li dawn għandhom ikunu bbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali;

([8]) Fid-dawl tat-tħassib tiegħu dwar l-isfruttament tat-tfal u l-pornografija tat-tfal, fix-xhur li ġejjin il-Kumitat tar-Reġjuni ser joħroġ opinjoni dwar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal.

([9]) Ara l-opinjoni tal-KtR dwar il-kooperazzjoni lokali u reġjonali għall-protezzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ mill-abbuż u n-negliġenza fl-Unjoni Ewropea (CdR 225/1999 fin) u l-opinjoni bl-isem ta' *Lejn strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal* (CdR 236/2006 fin).

73. jilqa' l-prijorità allokata għall-approċċ olistiku għall-immigrazzjoni, u japprova l-enfasi fuq il-promozzjoni ta' sħubija ġenwina u bbilanċjata mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu sabiex il-flussi tal-migrazzjoni jiġu ġestiti b'mod ordnat;

74. ifakkar li l-UE għandha tqabbel aħjar il-migrazzjoni ekonomika mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri u jappella għal sistema ta' ammissjoni flessibbli li permezz tagħha l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeterminaw l-għadd ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jistgħu jiddaħħlu;

75. jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li solidarjetà ikbar hija ristretta għal approċċ utilitarju u selettiv tal-bżonnijiet perċepiti ta' immigranti b'ħafna kwalifiki li jkun hemm domanda kbira għalihom fis-swieq tax-xogħol Ewropej;

76. jaqbel li hemm bżonn iktar koordinazzjoni bejn il-politika tal-immigrazzjoni u l-politika barranija tal-Unjoni u jqis li l-kooperazzjoni u d-djalogu mal-pajjiżi terzi hija neċessarja kemm biex tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali kif ukoll biex tingħata attennzjoni lill-migrazzjoni legali; l-investiment f'dawn il-pajjiżi terzi huwa strument iktar effiċjenti bħala għajnuna għan-nies li beħsiebhom jemigraw għal raġunijiet ekonomiċi; ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali huwa essenzjali biex jitwettqu dawn il-kompiti, speċjalment dawk li huma l-eqreb jew li għandhom l-iktar rabtiet b'saħħithim mal-pajjiżi terzi, li jistgħu jservu bħala pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn l-UE u dawk il-pajjiżi;

77. iqis li d-diplomazija lokali għandha tissaħħaħ bl-iżvilupp tal-pjan ta' azzjoni għal żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jagħmlu kontribut sostanzjali għat-titjib fir-relazzjonijiet u l-kondizzjonijiet tal-għajxien fil-bliet u r-reġjuni ta' oriġini u transitu;

78. jaqbel li hemm bżonn li l-istrumenti tal-politika tal-migrazzjoni jintużaw b'mod koerenti, u jitlob għal evalwazzjoni ta' inizjattivi bħas-sħubijiet għall-mobbiltà u l-kondizzjonijiet u l-konsegwenzi tagħhom fil-pajjiżi ta' oriġini qabel ma jidħlu fi ftehimiet ġodda;

79. jaqbel li hemm bżonn ġestjoni mtejba tal-immigrazzjoni ekonomika madwar l-Unjoni Ewropea u jitlob għall-iżvilupp addizzjonali ta' strateġija – ibbażata fuq il-Pjattaforma Ewropea għad-Djalogu – li tinkludi l-partijiet interessati lokali, reġjonali u nazzjonali fl-Unjoni u li tirrispetta d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volum tal-ammissjonijiet taċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi fid-dawl tal-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, u b'hekk jiġi żgurat li dawn l-individwi jkollhom kondizzjonijiet tax-xogħol deċenti ([10]);

([10]) Ara l-opinjoni dwar Approċċ globali għall-immigrazzjoni: l-iżvilupp ta' politika ewropea dwar l-immigrazzjoni tal-ħaddiema fil-qafas tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi (CdR 296/2007 fin).

80. jinnota b'interess il-proposta għat-twaqqif ta' osservatorju għall-analiżi u l-promozzjoni tal-fehim dwar il-fenomeni tal-migrazzjoni, u jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li din l-inizjattiva ma tmurx kontra l-inizjattivi eżistenti. Hemm bżonn dejjem iktar urġenti li jiġu organizzati u ottimizzati l-istrumenti eżistenti f'dan il-qasam;

81. jemmen li, minkejja l-benefiċċji ovvji, il-kodiċi proposta għall-immigrazzjoni għandha tiġi analizzata bir-reqqa, b'mod partikolari fid-dawl tal-adozzjoni pendenti tad-Direttiva tal-Kunsill dwar proċedura ta' applikazzjoni waħda għal permess wieħed biex iċ-ċittadini minn pajjiż barra mill-UE jkunu jistgħu jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru, u dwar sensiela komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi barra l-UE li jgħixu fi Stat Membru legalment, u għandu jiġi żgurat li dan l-iżvilupp ma jfixkilx jew idgħajjef is-sistema eżistenti tad-drittijiet u l-garanziji għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti fl-Unjoni Ewropea;

82. bi pjaċir jinnota li l-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-integrazzjoni tal-immigranti ([11]) u jagħraf il-bżonn li jinfetaħ dibattitu importanti dwar l-integrazzjoni fl-Ewropa; f'dan il-kuntest jenfasizza mill-ġdid li l-politika tal-integrazzjoni m'għandhiex tkun strument ta' kontroll bil-moħbi, li b'mod partikolari jinfluwenza r-riunifikazzjoni tal-familja, iżda għandu jitfassal b'tali mod li jwassal għall-integrazzjoni soċjali, ekonomika, kulturali u ċivika tal-immigranti ladarba jibdew jgħixu fi Stat Membru;

83. jikkunsidra bħala essenzjali kemm il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u tal-Kumitat tar-Reġjuni fil-preżentazzjoni tal-prijoritajiet annwali u multiannwali tal-Fond Ewropew tal-Integrazzjoni, kif ukoll il-garanzija li l-Istati Membri ser jimplimentaw u jqassmu b'mod korrett ir-riżorsi tal-Fond lill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

84. iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkludu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-konferenza interministerjali li jmiss dwar l-immigrazzjoni, li għandha ssir fil-bidu tal-2010 taħt il-Presidenza Spanjola, u jappella għal mekkaniżmi mtejba għall-kooperazzjoni ma' pjattaformi bħall-ARLEM futura fil-kwistjonijiet tal-migrazzjoni;

85. jaqbel mal-Kummissjoni li x-xogħol illegali u t-traffikar tal-persuni huma kontributuri ewlenin għall-eżistenza tal-immigrazzjoni irregolari fl-Ewropa, u jitlob lill-Istati Membri jfittxu strateġiji konġunti biex jiġġieldu dawn il-problemi;

86. jirrikonoxxi li t-tħassib li jinbet mill-adozzjoni tad-Direttiva tar-ritorn jagħmilha darbtejn importanti li tiġi mmonitorjata l-applikazzjoni effettiva tad-direttiva u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li d-Direttiva tar-ritorn, li se tidħol fis-seħħ f'Diċembru 2010, tiġi implimentata b'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

([11]) Ara l-Konklużjonijiet tas-seminar tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Ir-rwol tal-bliet u r-reġjuni fl-integrazzjoni tal-immigranti" (Ateni, 16 ta' Ottubru 2008) (CdR 323/2008 fin). Mhux disponibbli bil-Malti.

87. jikkummenta li ma jistax jissemma r-ritorn volontarju sakemm ma jiġux stabbiliti l-mekkanizmi għad-djalogu mal-pajjiżi ta' oriġini, li jiżguraw li r-ritorn ikun fattibbli u li mhux se jinbeda proġett ġdid ta' migrazzjoni;

88. jitlob li tingħata iktar attenzjoni lill-minorenni immigranti, li għandhom jidhru bħala punt speċifiku fil-pjan ta' azzjoni tal-programm ta' Stokkolma, b'enfasi fuq il-bżonn li tissaħħaħ is-solidarjetà, ir-responsabbiltajiet u d-distribuzzjoni tal-piż finanzjarju korrispondenti bejn l-awtoritajiet reġjonali, nazzjonali u Ewropej marbuta mal-minorenni mhux akkumpanjati, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi miżuri punittivi iktar stretti għan-netwerks tat-traffikar tal-persuni li jisfruttaw il-minorenni;

89. jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li s-sistemi tal-asil fl-Istati Membri jżommu l-istess ritmu ta' progress li sar bit-twaqqif ta' sistema komuni Ewropea tal-asil ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u strumenti internazzjonali relatati oħrajn u jwissi kontra l-iffirmar ta' ftehimiet ġodda ta' riammissjoni ma' pajjiżi li mhumiex firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra;

90. billi l-proporzjon ta' applikazzjonijiet għall-asil ivarja ħafna bejn l-Istati Membri, jirrakkomanda li s-sistema Ewropea komuni tal-asil tiġi eżaminata bil-għan li l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-asil isir ir-responsabbiltà tal-pajjiż li fih l-applikant ikun għamel l-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li tiġi żgurata s-solidarjetà bejn l-Istati Membri;

91. jitlob lill-Kummissjoni taħdem biex tiżgura li l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Asil jaħdem b'mod korrett u biex tinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-attivitajiet tagħha, kif ukoll lill-Kumitat tar-Reġjuni meta dan ikun meħtieġ mid-dimensjoni lokali u reġjonali tal-kwistjonijiet;

92. jagħraf l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-integrazzjoni tar-rifuġjati u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, u jitlob li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkunu jistgħu jieħdu sehem fit-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' sistemazzjoni interna mill-ġdid;

93. jitlob li jsir progress fl-analiżi tal-fattibbiltà tal-ġestjoni komuni tal-applikazzjonijiet għall-asil, u jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-bżonn li jerġa' jiġi evalwat il-Fond Ewropew għar-Rifuġjati u li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti b'mod iktar strett;

94. jisħaq li l-Istati Membri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, għandhom jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil tal-politiki relatati mat-twaqqif ta' żona Ewropea ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

95. fl-aħħar nett jitlob li l-Pjan ta' Azzjoni li joħroġ mill-Programm ta' Stokkolma jkun wieħed kredibbli; dan għandu jmur id f'id ma' żieda fil-finanzjament taż-żona tal-libertà, sigurtà u ġustizzja. Dan ser jeħtieġ il-koordinazzjoni tal-istrumenti finanzjarji interni ma' dawk li jkopru r-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi terzi.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IL-81 SESSJONI PLENARJA FIL-5 U S-7 TA' OTTUBRU 2009

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija kompetittiva"

(2010/C 79/09)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jilqa' bi pjaċir l-att legali li jirregola t-tħaddim tan-netwerk ferrovjarju Ewropew għal merkanzija kompetittiva. L-għan huwa li jinħoloq network tat-trasport tal-merkanzija effiċjenti permezz tal-użu intelliġenti tal-infrastruttura li teżisti jew li tiġi żviluppata.

— jqis li l-implimentazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att legali malajr ser tħaffef l-effikaċja tat-trasport ferrovjarju. B'hekk bħala l-aktar mezz ta' trasport sikur u ekoloġiku, it-trasport ferrovjarju ser ikun jista' jikkompeti mal-mezzi tat-trasport fil-livell tal-effiċjenza.

— jqis li meta jinħolqu kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, għandhom jinħolqu wkoll rotot marbuta ma' mezzi oħra tat-trasport permezz ta' terminals tal-art, tal-baħar u tal-ajru, inklużi l-portijiet interni.

— jiġbed l-attenzjoni għall-iżvilupp ta' ċentri loġistiċi li jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom jitqiesu huwa u jitwaqqaf netwerk ferrovjarju Ewropew għall-merkanzija kompetittiva. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu involuti fl-ippjanar u l-iżvilupp ta' ċentri tal-loġistika ta' dan it-tip.

— jiġbed l-attenzjoni għal ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament li jistgħu jwasslu għal burokrazija eċċessiva u żejda fil-ġestjoni tan-netwerk ferrovjarju Ewropew.

— jenfasizza li t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, meta mqabbel ma' mezzi oħra, huwa ekoloġiku u sikur u jekk isir aktar kompetittiv, jista' jsir alternattiva għall-mezzi tat-trasport li jikkunsmaw aktar enerġija, huma inqas faċli li jintużaw u iktar perikolużi.

— jenfasizza li t-twaqqif ta' netwerk Ewropew tat-trasport ferrovjarju jeħtieġ struttura internazzjonali kapaċi ssaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-amministraturi tal-infrastruttura fil-qafas tal-kurituri individwali tat-trasport.

Relatur: Is-Sur Witold Krochmal Sindku ta' Wołow, (PL/UEN–EA)

Dokument ta' referenza

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiva.

COM(2008) 852 finali

I. **PROPOSTI TA' POLITIKA**

DAĦLA

1. Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk ferrovjarju Ewropew kompetittiv għat-trasport tal-merkanzija ġiet adottata b'risposta għall-bżonn li tinħoloq l-aktar sistema ta' trasport tal-merkanzija sikura, effettiva u ekoloġika li tista' tintuża mill-pubbliku u n-negozji wkoll.

2. B'konformità mal-White Paper dwar it-trasport (2001) u fid-dawl tal-bidliet attwali fl-istruttura tal-UE u l-isfidi ġodda kontinwi li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri tal-UE, importanti li niffukaw fuq l-iżvilupp tal-komodalità bejn il-mezzi kollha tat-trasport.

3. Filwaqt li fl-oqsma tat-trasport bit-triq u bl-ajru diġà ġew żviluppati miżuri li taw riżultat pożittiv, fil-qasam tat-trasport ferrovjarju għad hemm bżonn li tittieħed azzjoni.

4. Il-proposta tfasslet wara konsultazzjoni wiesgħa bejn l-Istati Membri, l-impriżi ferrovjarji, l-amministraturi tal-infrastruttura, l-industrijalisti u l-utenti tas-servizz tat-trasport tal-merkanzija.

5. B'riżultat ta' din il-ħidma ġie stabbilit li jekk jitwaqqfu kurituri ferrovjarji internazzjonali għat-trasport kompetittiv tal-merkanzija, it-trasport ferrovjarju jsir aktar kompetittiv malajr u ser jagħti kontribut biex jittejbu l-indikaturi makroekonomiċi.

Proposti ta' politika

6. Il-Kumitat tar-Reġjuni jilqa' bi pjaċir l-att legali li jirregola t-tħaddim tan-netwerk ferrovjarju Ewropew għal merkanzija kompetittiva. L-għan huwa li jinħoloq network tat-trasport tal-merkanzija effiċjenti permezz tal-użu intelliġenti tal-infrastruttura li teżisti jew li tiġi żviluppata.

7. Huwa jqis li l-implimentazzjoni konsistenti tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att legali malajr ser tħaffef l-effikaċja tat-trasport ferrovjarju. B'hekk bħala l-aktar mezz ta' trasport sikur u ekoloġiku, it-trasport ferrovjarju ser ikun jista' jikkompeti mal-mezzi tat-trasport f'termini ta' effiċjenza.

8. Huwa jqis li meta jinħolqu kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, għandhom jinħolqu wkoll rotot marbuta ma' mezzi oħra tat-trasport permezz ta' terminals tal-art, tal-baħar u tal-ajru, inklużi l-portijiet interni.

9. Huwa jiġbed l-attenzjoni għall-iżvilupp ta' ċentri loġistiċi li jinvolvu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom jitqiesu huwa u jitwaqqaf netwerk ferrovjarju Ewropew għall-merkanzija kompetittiva. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiġu involuti fl-ippjanar u l-iżvilupp ta' ċentri tal-loġistika ta' dan it-tip.

10. Huwa jiġbed l-attenzjoni għal ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament li jistgħu jwasslu għal burokrazija eċċessiva u żejda fil-ġestjoni tan-netwerk ferrovjarju Ewropew.

11. Huwa jenfasizza li t-trasport ferrovjarju tal-merkanzija, meta mqabbel ma' mezzi oħra, huwa ekoloġiku u sikur u jekk isir aktar kompetittiv, jista' jsir alternattiva għall-mezzi tat-trasport li jikkunsmaw aktar enerġija, huma inqas faċli li jintużaw u iktar perikolużi.

12. Il-miżuri li jittieħdu sabiex it-trasport ferrovjarju Ewropew isir aktar effettiv u kompetittiv għandhom jippruvaw isolvu l-problemi li jeżistu mingħajr dewmien billi:

— itejbu l-kooperazzjoni bejn l-amministraturi tal-infrastrutturi u l-Istati Membri biex jitneħħew l-effetti tal-fruntieri, isiru l-investimenti u tiżdied il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn mezzi differenti tat-trasport fir-rigward tal-użu tal-ferroviji;

— jiżviluppaw u jespandu t-terminals intermodali għat-trasport ferrovjarju u jżidu l-effikaċja tagħhom billi jintużaw l-aktar teknoloġiji moderni għall-ġestjoni tagħhom;

— itejbu l-interoperabilità b'mod sinifikanti;

— inaqqsu t-telf fl-effiċjenza marbut mad-diżintegrazzjoni tal-intrapriżi b'riżultat tal-ftuħ tas-swieq;

— iwaqqfu netwerk effettiv tal-ferroviji li jgħaqqad lill-UE kollha mit-Tramuntana għan-Nofsinhar u mill-Lvant għall-Punent.

13. Fil-qafas ta' dawn il-miżuri importanti li nużaw inizjattivi li diġà ġew adottati u l-ħidma li twettqet fil-livelli nazzjonali u internazzjonali f'dawn l-oqsma:

— l-aċċess u l-introduzzjoni ta' tariffi għall-infrastruttura;

— il-ġestjoni tal-kapaċità u tat-traffiku fil-kurituri tat-trasport;

— is-sigurtà ferrovjarja;

— l-iżvilupp tal-interoperabbiltà tat-trasport ferrovjarju.

Fl-istess waqt dawn il-miżuri huma importanti wkoll:

— jiġu żviluppati n-netwerks tar-rotot b'kunsiderazzjoni tal-kapaċità,

— fejn hemm rotot ferrovjarji li huma użati ħafna, jiġu stabbiliti rotot ta' bypass effiċjenti u ġodda għat-trasport tal-merkanzija (simili għar-rotot ta' bypass fit-trasport bit-triq).

14. L-esperjenzi fil-qasam tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN–T), is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) u azzjonijiet oħra, preċedenti u attwali, ser jippermettu implimentazzjoni effettiva u rapida tan-netwerk ferrovjarju Ewropew għall-merkanzija kompetittivà b'riżultat ta' sinerġiji bejn il-miżuri kollha.

15. It-twaqqif ta' netwerk Ewropew tat-trasport ferrovjarju jeħtieġ struttura internazzjonali kapaċi ssaħħaħ il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-amministraturi tal-infrastruttura fil-qafas tal-kurituri individwali tat-trasport. Dawn l-istrutturi għandhom jobbligaw lill-Istati Membri li jonoraw l-impenji tagħhom li jistabbilixxu dawn il-kurituri.

16. Huwa essenzjali li l-korpi rilevanti tal-UE jew l-Istati Membri jkunu l-istruttura ta' ġestjoni adegwata li tkompli taħdem sabiex telimina r-restrizzjonijiet attwali li jnaqqsu l-effikaċja u l-kompetittività tat-trasport ferrovjarju fosthom:

— l-eliminazzjoni tal-ostakli lingiwistiċi fit-trasport transkonfinali;

— in-nuqqas ta' programmi ta' taħriġ uniformi għas-sewwieqa tal-vetturi li jkopru l-prinċipji tat-trasport ferrovjarju fl-UE kollha;

— in-nuqqas ta' standards komuni tas-sigurtà u l-kapaċità;

— l-użu mhux uniformi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u s-sistemi tas-satellita jew tar-radju;

— in-nuqqas ta' sistema ta' responsabbiltà ċivili ċara fir-rigward tal-kunsinna fil-katini intermodali tat-trasport;

— in-numru kbir ta' problemi tekniċi u ammistrattivi li jinqalgħu matul il-vjaġġi internazzjonali bit-trasport ferrovjarju;

— l-eliminazzjoni tal-problemi ta' kapaċità b'mod partikolari fiż-żoni urbani, sabiex it-trasport tal-merkanzija u t-trasport tal-persuni jiġu separati u b'mod ġenerali tittejjeb il-kompetittività tal-ferroviji bħala mezz ta' trasport, sakemm dan huwa possibbli mil-lat tekniku u loġistiku;

— id-distanzi differenti bejn il-linji ferrovjarji;

— in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' standards fir-rigward tal-puntwalità tat-trasport b'mod partikolari fejn għandu x'jaqsam trasport ikkombinat, eż. ferrovija-triq;

— in-nuqqas ta' kunsens fir-rigward tal-aħjar dimensjonijiet tal-ferroviji u t-tul tagħhom sabiex tiżdied il-kapaċità tat-trasport u jitħares l-ambjent.

17. Ikun utli li jiddaħħlu sett ta' standards għall-ferroviji. Dan inaqqas l-ispejjeż loġistiċi, itejjeb il-kompetittività, jagħmel is-swieq iktar aċċessibbli, isaħħaħ l-interoperabbiltà u l-intermodalità, u jiżgura li jkun hemm bilanċ bejn l-iżvilupp ekonomiku u l-ħtiġijiet ambjentali. Dawn l-istandards għandhom iwasslu sabiex il-ferroviji jsiru parti integrali min-netwerk tal-intrapriżi tal-Ewropa, u b'hekk iżidu l-valur u jottimizzaw il-proċessi tal-produzzjoni, il-provvista u d-distribuzzjoni.

18. Jekk mhux possibbli li dan il-korp jingħata l-poter li jelimina l-ostakli, l-UE jew l-Istati Membri għandhom jeliminaw ir-restrizzjonijiet direttament permezz tal-miżuri tagħhom.

19. L-istruttura ta' tmexxija tal-kurituri m'għandhiex issir waħda burokratika iżda għandha tkun flessibbli, konformi mal-qagħda tas-suq u kapaċi tirreżisti interferenza bla bżonn min-naħa tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE.

20. Id-domanda għas-servizzi tat-trasport għandha tiddetermina kemm għandhom jinħolqu kurituri għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-pajjiżi individwali.

21. Il-ħolqien ta' netwerk ferrovjarju Ewropew għat-trasport tal-merkanzija kompetittiva ser jilħaq l-għanijiet stabbiliti jekk isir b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali li minnhom ser jgħaddu l-kurituri tan-netwerk ferrovjarju.

22. Din il-kooperazzjoni għandha tinvolvi l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-investiment assoċjat mat-twaqqif tan-netwerks kif ukoll l-użu, it-tiswija u l-modernizzazzjoni tal-kurituri tat-trasport ferrovjarju, b'kunsiderazzjoni tal-infrastruttura u t-traffiku li jeżistu.

23. Filwaqt li jagħraf l-importanza li għandha tiġi żgurata l-kwalità u l-affidabbiltà tal-linji tat-trasport tal-merkanzija u li s-servizz tat-trasport ikun tajjeb, importanti wkoll li l-prinċipji tat-tħaddim jitwaqqfu b'kunsiderazzjoni taż-żewġ forom tat-trasport li ser jużaw il-linji, li mhux ser ikunu separati għall-merkanzija u l-passiġġieri, u li jsir sforz sabiex jiġu kkunsidrati l-interessi reġjonali u lokali. Dan għandu jitwettaq b'tali mod li ma jkollux impatt negattiv fuq il-mobbiltà tar-residenti u li ma jmurx kontra interessi soċjali oħra.

24. Pjanar spazjali adegwat fil-livell reġjonali u urban li jqis ir-rotot tal-kurituri u l-post tat-terminals u l-istazzjonijiet ta' servizz ser iżid l-effikaċja tan-netwerks b'mod sinifikanti u fl-istess waqt jgħin sabiex tittejjeb l-ekonomija tal-bliet u r-reġjuni.

25. L-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll l-Istati Membri tal-UE għandhom jieħdu l-passi neċessarji sabiex jadattaw il-flussi tat-traffiku għad-distribuzzjoni u l-kunsinna tal-oġġetti tal-konsumaturi bil-ferrovija.

26. L-ambitu ta' kooperazzjoni u djalogu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mal-produtturi u n-negozji li jużaw it-trasport ferrovjarju huwa iktar wiesa' u għalhekk huma iktar kapaċi li jheġġu l-utenti tas-servizzi tat-trasport li jadottaw approċċ speċifiku huma u jagħżlu l-mezzi tat-trasport u l-linji partikolari. Dan jiżgura li l-impriżi jadottaw l-aqwa approċċ possibbli huma u jagħżlu l-mezzi tat-trasport fil-proċeduri tagħhom b'kunsiderazzjoni tas-sigurtà tal-ambjent, l-affidabbiltà, il-veloċità u l-prezzijiet kompetittivi wkoll.

II. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

27. Filwaqt li jagħraf li t-twaqqif ta' suq intern tal-ferroviji huwa element essenzjali tal-Istrateġija ta' Lisbona u l-istrateġija tal-iżvilupp sostenibbli fl-Unjoni Ewropea, il-Kumitat tar-Reġjuni jagħraf li r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa att legali importanti li jippermetti lit-trasport ferrovjarju li jikkompeti ma' mezzi oħra tat-trasport li huma inqas ekoloġiċi u inqas faċli biex jintużaw. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni, huma u jiġu allokati r-rotot tat-trasport tal-merkanzija prijoritarju għandu jiġi kkunsidrat it-traffiku eżistenti pereżempju s-servizzi tal-passiġġieri. It-trasport nazzjonali tal-merkanzija għandu jingħata l-istess prijorità daqs it-trasport transkonfinali.

28. L-awtoritajiet lokali u reġjonali ser jaqdu rwol sinifikanti fl-implimentazzjoni tar-Regolament li permezz ta' pjanar adegwat u investiment tajjeb fit-toroq, fil-ferroviji reġjonali u fil-portijiet ser iżid l-effikaċja u l-kompetittività tat-trasport ferrovjarju b'mod sinifikanti.

29. Huwa essenzjali li l-prinċipji tat-trasport ta' materjal perikoluż jiġu stabbiliti b'kooperazzjoni mal-amministratturi tal-kurituri tat-trasport u l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

30. Minkejja l-fatt li d-deċiżjonijiet dwar it-twaqqif ta' kurituri għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija ser jiġu diskussi u jittieħdu fil-livell Komunitarju, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom dejjem jiġu kkonsultati minn qabel, fil-fażi tal-ippjanar u l-approvazzjoni fil-livell nazzjonali.

31. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jidentifikaw l-elementi essenzjali tal-infrastruttura li huma assoċjati mal-ħolqien tal-kurituri, biex b'hekk jiżguraw li r-rotta ma jkollhiex impatt negattiv fuq il-ħajja tal-komunitajiet lokali li jgħixu qribha u sabiex isir iktar faċli li jintgħażlu l-iktar żoni xierqa minn fejn jgħaddu l-kurituri.

32. Huwa kruċjali li niżguraw li n-netwerks tat-trasport tal-passiġġieri b'veloċità għolja, veloċità konvenzjonali u n-netwerks tat-trasport tal-passiġġieri lokali u kull tip ta' netwerk tal-merkanzija jkunu jistgħu jeżistu flimkien kemm jista' jkun bl-inqas xkiel f'żona partikolari.

33. Il-parametri speċifiċi għal-linji ferrovjarji fil-kurituri tat-trasport ser jirrikjedu tibdil fl-organizzazzjoni tat-trasport bit-triq u t-trasport ferrovjarju f'uħud mill-postijiet li minnhom ser jgħaddu l-kurituri tat-trasport. Għalhekk huwa importanti li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jingħataw l-istrumenti finanzjarji li jeħtieġu sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-investiment u x-xogħol li hemm bżonn biex jimmodernizzaw is-sistema fir-rotot tal-linji li jgħaddu minn dawn il-postijiet. Fl-istess waqt hemm bżonn li jiġi ssemplifikat il-qafas legali fir-rigward tal-esproprjazzjoni mill-proprjetà fl-interess tal-pubbliku sabiex il-prinċipju ta' kumpens ekwu għall-proprjetà esproprjata ma jxekkilx il-proġetti ta' modernizzazzjoni jew ta' kostruzzjoni tar-rotot u l-infrastruttura.

34. Dawn l-istrumenti għandhom jintużaw fil-qafas tal-limitu taż-żmien għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' Kapitolu 2, Artikolu 3(3), jiġifieri d-dispożizzjonijiet dwar il-limiti taż-żmien statutorji għall-implimentazzjoni tal-kurituri individwali tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija li huma stabbiliti fir-Regolament.

35. Iċ-ċentri loġistiċi li jeżistu u li jinvolvu l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jintużaw b'mod effettiv u jiġu inklużi fis-sistema tal-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.

36. B'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament, l-inklużjoni tal-infrastruttura mmexxija mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għandha twassal għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-korpi li jmexxu l-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija.

37. In-numru ta' kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-Istati Membri individwali tal-UE stabbilit f'Artikolu 3 tar-Regolament għandu jiġi stabbilit b'konformità mad-domanda potenzjali għas-servizzi tat-trasport, ma' analiżi tal-effikaċja tas-sistema u l-fattibbiltà teknika tal-implimentazzjoni fil-limiti taż-żmien stabbiliti fir-regolamenti.

38. In-numru obbligatorju ta' kurituri tat-trasport fl-Istati Membri individwali tal-UE hekk kif stabbilit skont il-kriterji tan-numru ta' tunellata-kilometri ta' trasport ferrovjarju tal-merkanzija fi Stat Membru għandu jiġi abbandunat.

39. Ir-riċerka tas-suq li ġiet deskritta fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament għandha titwettaq b'konformità mal-bżonnijiet li jiġu stabbiliti mill-amministraturi tal-kurituri. B'rabta ma' dan, ir-riċerka m'għandhiex isseħħ kull sena bħala kwistjoni ta' obbligu kif stipulat fir-Regolament.

40. Fil-perijodu inizjali wara l-introduzzjoni tar-Regolament, kwalunkwe deċiżjonijiet lokali dwar il-kurituri tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija li jittieħdu, għandhom ikunu bbażati fuq raġunijiet sostantivi marbuta mal-effettività, l-aċċessibbiltà, il-kwalità u d-daqs tal-infrastruttura u, fejn jista' jkun, mhux fuq raġunijiet politiċi.

41. It-twaqqif tal-kurituri tat-trasport ferrovjarju għandu jiġi mmonitorjat sabiex niżguraw li jirrispetta n-normi tal-ħarsien ambjentali u s-saħħa tal-pubbliku b'mod partikolari fejn jidħol l-istorbju, is-sigurtà tat-trasport u fenomeni oħra sabiex b'hekk nevitaw l-impatt negattiv fuq l-ambjent tar-residenti lokali. Kull azzjoni li tittieħed għandha tkun ibbażata fuq kriterji li jagħtu prijorità lill-fatt li dawk li jgħixu ħdejn kurituri tat-trasport tal-merkanzija m'għandhomx ikunu żvantaġġati mil-lat ta' kundizzjonijiet sanitarji u tal-għajxien u lis-sigurtà fit-trasport.

42. Il-Kumitat tar-Reġjuni jipproponi li l-Kummissjoni Ewropea timplimenta r-Regolament kemm jista' jkun malajr u tqis l-osservazzjonijiet u l-proposti li tressqu f'din l-Opinjoni.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-pakkett farmaċewtiku"

(2010/C 79/10)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jenfasizza li l-interessi u l-ħtiġijiet tal-pazjent għandhom jiġu l-ewwel u qabel kollox;

— huwa tal-fehma li r-responsabbiltà prinċipali tal-industrija farmaċewtika hija li tiżviluppa, fuq il-bażi ta' kriterji ta' kwalità u sigurtà, prodotti mediċinali li l-effettività u s-sigurtà tagħhom ikunu ġew ikkonfermati permezz ta' provi kliniċi u li jissodisfaw il-ħtiġijiet terapewtiċi tal-pazjent u b'hekk itejbu l-kwalità ta' ħajjet il-pazjent. Għaldaqstant, il-kumpaniji għandhom jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp;

— jistqarr li huwa diffiċli li jiġi stabbilit liema mezzi tal-informazzjoni jistgħu jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet marbuta mas-saħħa u għalhekk jipproponi li dawn il-mezzi jitneħħew mill-proposta, ħlief għal dawk il-mezzi użati fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti;

— irid jiżgura ruħu mill-fatt li l-proposta dwar il-prodotti mediċinali falsifikati ma ddewwimx it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali ġeneriċi;

— jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja l-iżvilupp tal-prezzijiet bil-għan li jiġi żgurat li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni proposta ma twassalx għal mediċini aktar għaljin;

— jisħaq li l-kompiti taċ-ċentri reġjonali tal-farmakoviġilanza m'għandhomx ikunu limitati għall-ġbir tad-data, iżda għandhom jinkludu wkoll l-informazzjoni, il-prevenzjoni, il-konsulenza u l-analiżi tal-vantaġġi u r-riskji kkonċernati; iċ-ċentri reġjonali tal-farmakoviġilanza ikunu involuti fil-monitoraġġ tas-saħħa u fil-konferenzi dwar is-saħħa.

Relatur: Susanna HABY (SE/PPE), Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Göteborg

Dokumenti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem suġġetti għar-riċetta medika, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

COM(2008) 662 finali – 2008/0255 (COD)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, fir-rigward tal-informazzjoni għall-pubbliku inġenerali dwar prodotti mediċinali soġġetti għal preskrizzjoni medika, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità dwar il-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem

COM(2008) 663 finali – 2008/0256 (COD)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda, fir-rigward il-farmakoviġilanza tal-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem, ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

COM(2008) 664 finali – 2008/0257 (COD)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi Komunitarju relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem

COM(2008) 665 finali – 2008/0260 (COD)

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Mediċini Sikuri, Innovattivi u Aċċessibbli: Viżjoni Mġedda għas-Settur Farmaċewtiku

COM(2008) 666 finali

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE rigward il-prevenzjoni tad-dħul ta' prodotti mediċinali fil-katina legali tal-provvista li huma foloz fir-rigward ta' identità, storja jew sors

COM(2008) 668 finali

I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Kummenti ġenerali

1. jilqa' b'mod wiesa' l-inizjattivi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-Pakkett Farmaċewtiku. F'opinjonijiet preċedenti ([1]), il-KtR talab lid-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija jfassal politika marbuta mal-prodotti mediċinali u talab li jkun hemm koordinazzjoni aktar effikaċi mal-politika tas-saħħa pubblika proposta mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi. Il-proposta leġiżlattiva dwar il-farmakoviġilanza u l-proposta għal ġbir aktar effettiv tad-data dwar l-effetti kollaterali li jħallu l-mediċini huma ta' benefiċċju mill-perspettiva tal-ħarsien tas-saħħa pubblika fl-UE;

2. jenfasizza l-importanza li l-kura mediċinali tkun iġġustifikata mil-lat etiku, mediku u ekonomiku. L-għan għandu jkun li l-pazjent jingħata l-mediċina adatta għalih fil-ħin biex b'hekk ikun qed isir l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli. Il-ħtiġijiet u l-interessi tal-pazjent għandhom jiġu l-ewwel u qabel kollox;

3. huwa tal-fehma li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jintlaqtu b'mod dirett mill-Proposta għal Direttiva peress li f'bosta Stati Membri huma responsabbli għas-servizzi fil-qasam tas-saħħa u l-kura tas-saħħa. Dan ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali ma ġiex ikkunsidrat fil-Proposta tal-Kummissjoni. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għandu jinżamm;

([1]) Fl-opinjoni tad-9 u l-10 ta' April 2008 dwar il-White Paper "Flimkien għas-saħħa: approċċ strateġiku għall-UE 2008-2013", il-KtR osserva li l-kwistjoni tal-farmaċewtiċi ma tissemma mkien f'din l-istrateġija u għaldaqstant sejjaħ għal analiżi iktar bir-reqqa ta' din il-kwistjoni.

4. jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ffukat fuq il-miżuri li jtaffu l-effetti avversi tal-mediċini fuq l-ambjent. Madankollu, dawn il-miżuri għandhom jiġu ċċarati aktar;

Komunikazzjoni: Mediċini Sikuri, Innovattivi u Aċċessibbli: Viżjoni Mġedda għas-Settur Farmaċewtiku COM(2008) 666 finali

5. jagħraf li l-industrija farmaċewtika tal-UE taqdi rwol kemm fil-qasam tal-kura tas-saħħa bħala bażi xjentifika kif ukoll fis-settur ekonomiku;

6. jenfasizza l-ħtieġa li jinħoloq bilanċ bejn il-kompetittività u l-politika tas-saħħa pubblika;

7. huwa tal-fehma li l-partijiet interessati kollha għandhom jiżguraw li l-prodotti mediċinali bijosimili (prodotti mediċinali bijoloġiċi li ġew awtorizzati permezz ta' proċedura li tixbah lil dik użata għall-prodotti mediċinali ġeneriċi) u l-prodotti mediċinali ġeneriċi (prodotti mediċinali li huma protetti permezz ta' privattiva) ikunu aċċessibbli malajr ladarba jitilfu din il-protezzjoni u li jkunu ta' kwalità impekkabbli għall-pazjent u jiġu manifatturati skont standards ta' livell għoli;

8. jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-konklużjonijiet tal-istħarriġ tas-settur farmaċewtiku ([2]);

Informazzjoni lill-pubbliku ġenerali suġġetti għal riċetta medika COM(2008) 663 finali u COM(2008) 662 finali

9. jaqbel li l-pubbliku huwa interessat fid-deċiżjonijiet dwar saħħtu, u fil-ġejjieni dan l-interess ser jikber;

10. huwa tal-fehma li r-responsabbiltà prinċipali tal-industrija farmaċewtika hija li tiżviluppa, fuq il-bażi ta' kriterji ta' kwalità u sigurtà, prodotti mediċinali li l-effettività u s-sigurtà tagħhom ikunu ġew ikkonfermati permezz ta' provi kliniċi u li jissodisfaw il-ħtiġijiet terapewtiċi tal-pazjent u b'hekk itejbu l-kwalità ta' ħajjet il-pazjent. Għaldaqstant, il-kumpaniji għandhom jinvestu fir-riċerka u l-iżvilupp;

11. iħeġġeġ lill-kumpaniji farmaċewtiċi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jtejbu l-kwalità tat-tikketti fuq l-imballaġġ u l-informazzjoni ta' fuqhom: din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli u tinftiehem, u għandha tkun tinsab f'fuljetti maħsuba għall-pazjenti, li jkunu miktuba b'aktar minn lingwa Komunitarja waħda, b'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali bil-għan li l-prodotti mediċinali jintużaw bl-aħjar mod possibbli. Dawn il-kumpaniji għandhom jitħeġġu wkoll jistabbilixxu skema li tiggarantixxi t-traċċabbiltà tal-prodotti u s-sustanzi mediċinali;

12. jappoġġja l-fatt li nżammet il-projbizzjoni tar-reklamar għall-prodotti mediċinali li jingħataw bir-riċetta tat-tabib biss. "Il-promozzjoni" tal-mard u d-disturbi mill-kumpaniji farmaċewtiċi fil-mezzi tax-xandir, sabiex jevitaw il-projbizzjoni, għandha tkun ikkontrollata wkoll. Il-kumpaniji farmaċewtiċi jistgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali li jingħataw bir-riċetta tat-tabib b'konformità ma' kriterji tal-kwalità stabbiliti u permezz ta' mezzi ta' informazzjoni li jiġu stipulati minn qabel biss. Ir-reklamar fuq it-televiżjoni, ir-radju u mezzi oħra ta' komunikazzjoni mhux stipulati minn qabel għandu jiġi projbit;

13. jemmen li l-informazzjoni pprovduta mill-industrija farmaċewtika għandha tikkonforma mal-istandards tal-kwalità, u għandha tiġi approvata minn qabel, jekk dan huwa possibbli fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati, jew mill-Istat Membru li fih jiġi awtorizzat il-prodott, inkella fil-livell tal-UE f'każ li l-prodotti mediċinali jiġu awtorizzati fil-livell ċentrali. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi dwar sistema ta' monitoraġġ biex jiġi żgurat li jkunu qed jiġu rispettati r-regoli li japplikaw għall-prodotti mediċinali awtorizzati skont il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku stabbilita fid-Direttiva 2001/83/KE. Il-prodotti mediċinali awtorizzati fil-livell ċentrali jiġu ssorveljati fil-livell tal-UE b'konformità mar-Regolament (KE) 726/2004;

14. jaħseb li hemm bżonn titneħħa l-eċċezzjoni fir-rigward tar-reklamar marbut mal-kampanji favur it-tilqim u kampanji oħra favur is-saħħa pubblika. Kwalunkwe informazzjoni dwar dawn il-prodotti mediċinali għandha tkun suġġetta għall-istess leġiżlazzjoni li tapplika għal mediċini oħra li jingħataw biss bir-riċetta tat-tabib. L-eżenzjoni mill-projbizzjoni tar-reklamar għandha tinżamm biss fir-rigward tat-tilqim preventiv marbut mal-ivvjaġġar;

15. jenfasizza u jħeġġeġ ir-rwol li jaqdu l-impjegati fil-qasam tas-saħħa f'dak li għandu x'jaqsam mal-provvista ta' informazzjoni u l-kjarifiki dwar ir-rwol tad-diversi partijiet ikkonċernati. Id-doveri li l-pazjenti jiġu informati u li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu ssodisfati huma s-sisien ta' relazzjoni bbażata fuq il-fiduċja, li hija l-qofol tal-qasam tal-kura tas-saħħa;

16. jixħet dawl fuq l-importanza li tingħata informazzjoni dwar ir-riskji u l-benefiċċji ta' prodott mediċinali partikolari, u jemmen li dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-informazzjoni pprovduta mill-kumpaniji farmaċewtiċi ma tkunx ta' natura kummerċjali;

17. jixtieq ikollu garanzija li l-mezzi tal-informazzjoni fi ħdan l-awtoritajiet u s-servizzi tal-kura tas-saħħa anke fil-ġejjieni jipprovdu tagħrif dwar il-prodotti mediċinali li jingħataw bir-riċetta tat-tabib u dwar il-paraguni bejn it-tipi differenti ta' kura disponibbli;

18. jistqarr li huwa diffiċli li jiġi stabbilit liema mezzi tal-informazzjoni jistgħu jitqiesu bħala pubblikazzjonijiet marbuta mas-saħħa u għalhekk jipproponi li dawn il-mezzi jitneħħew mill-proposta, ħlief għal dawk il-mezzi użati fi ħdan l-organizzazzjonijiet tal-pazjenti;

19. jishaq fuq l-importanza li l-interpretazzjonijiet tad-direttiva ma jvarjawx wisq minn Stat Membru għal ieħor. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tħejji lista ta' prattiki tajbin għas-sistemi ta' monitoraġġ u dawn għandhom jitqassmu lill-Istati Membri;

20. jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra b'aktar reqqa l-possibbiltà li l-bejjiegħa bl-imnut jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti mediċinali li jingħataw bir-riċetta tat-tabib;

([2]) Stħarriġ dwar is-settur farmaċewtiku, Rapport preliminari (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tad-DĠ Kompetizzjoni), 28 ta' Novembru 2008.

Il-prevenzjoni tad-dħul ta' prodotti mediċinali fil-katina legali tal-provvista li huma foloz fir-rigward ta' identità, storja jew sors COM(2008) 668 finali

21. jappoġġja l-proposta biex jitwaqqaf netwerk koordinat tal-partijiet kollha interessati fil-falsifikazzjoni tal-mediċini bil-għan li jkun aktar faċli li jiġu identifikati l-prodotti mediċinali foloz, li ma jithallewx jidħlu fil-katina tal-provvista, kif ukoll li jiġu imposti responsabbiltajiet aktar stretti fuq il-bejjiegħa u x-xerrejja;

22. jitlob lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri neċessarji biex tindirizza l-problema tal-prodotti mediċinali foloz li jiġu kummerċjalizzati barra mill-katina legali tal-provvista. Id-Direttiva tistipula li l-leġiżlazzjoni tapplika biss għall-prodotti mediċinali maħsuba għall-użu mill-bniedem u għall-bejgħ fl-Istati Membri ([3]);

23. huwa tal-fehma li wieħed għandu jgħarraf aktar liċ-ċittadini u jagħmilhom aktar konxji tar-riskji kif ukoll tal-effetti li jista' jkun hemm wara b'rabta mal-prodotti mediċinali li jiġu kummerċjalizzati barra mill-katina legali tal-provvista;

24. jitlob lill-Kummissjoni tieħu passi adegwati sabiex tiżgura t-traċċabbiltà sħiħa tal-prodotti mediċinali, b'mod partikolari billi jkun hemm rikonoxximent ta' kull imballaġġ ta' kull prodott mediċinali fil-livell Ewropew;

25. jappoġġja l-possibbiltà li jitkompla l-kummerċ parallel tal-prodotti mediċinali siguri, peress li dan it-tip ta' kummerċ jgħin sabiex il-prezzijiet tal-mediċini ma jogħlewx;

26. irid jiżgura ruħu mill-fatt li l-Proposta għal Direttiva ma ddewwimx it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali ġeneriċi;

27. jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja l-iżvilupp tal-prezzijiet bil-għan li jiġi żgurat li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni proposta ma twassalx għal mediċini aktar għaljin, u jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-miżuri adottati għandhom jitfasslu b'tali mod li jkun hemm bilanċ bejn sigurtà msaħħa u żieda fl-ispejjeż;

28. jitlob lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Istati Membri tappoġġja l-abbozzar ta' konvenzjoni internazzjonali għall-ġlieda kontra l-prodotti mediċinali foloz, u b'hekk jissaħħu l-penali marbuta mal-prodotti mediċinali foloz, jew inkella tipprevedi għall-inklużjoni ta' protokoll addizzjonali mal-Konvenzjoni ta' Palermo dwar il-Kriminalità Organizzata;

Farmakoviġilanza, id-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem COM(2008) 664 finali u COM(2008) 665 finali

29. jilqa' b'sodisfazzjon it-tibdil li sar fil-leġiżlazzjoni Komunitarja għat-tisħiħ tas-sistema leġiżlattiva fil-qasam tal-prodotti mediċinali;

30. jemmen li kemm il-pazjenti kif ukoll is-servizzi tal-kura tas-saħħa għandhom jiġu mħeġġa jirrappurtaw l-effetti ħżiena tal-prodotti mediċinali. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa għandhom jirrappurtaw kwalunkwe reazzjoni avversa għall-prodotti mediċinali li jkunu jafu biha. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-prodotti mediċinali li huma awtorizzati biss taħt ċerti kundizzjonijiet. Mod wieħed kif il-pazjenti jiġu megħjuna jagħmlu dan huwa li jintwera simbolu komuni, jew sistema ta' simboli li jkun intlaħaq qbil dwarha, għall-Istati Membri kollha fuq l-imballaġġ kif ukoll li l-informazzjoni dwar is-sigurtà tiġi pprovduta b'aktar minn lingwa Komunitarja waħda;

31. huwa tal-fehma li għandha tkun fil-kompetenza tas-servizzi tal-kura tas-saħħa li jissorveljaw il-prodotti mediċinali u għandu jkollhom aċċess għall-bażi tad-data Ewropea dwar l-effetti ħżiena ta' dawn il-prodotti permezz taċ-ċentri reġjonali jew nazzjonali tal-farmakoviġilanza;

32. jitlob li ċ-ċentri reġjonali tal-farmakoviġilanza jsiru parti integrali mis-saħħa pubblika kif ukoll il-punt ta' kuntatt prinċipali għall-pazjenti dwar kwistjonijiet farmaċewtiċi;

33. jemmen li l-pubblikazzjoni tal-effetti avversi għandha l-ewwel tiġi studjata b'mod serju u, qabel ma tingħata informazzjoni bħal din lill-pazjenti, għandha tiġi kkonfermata mill-awtoritajiet kompetenti;

34. jisħaq li l-kompiti taċ-ċentri reġjonali tal-farmakoviġilanza m'għandhomx ikunu limitati għall-ġbir tad-data, iżda għandhom jinkludu wkoll l-informazzjoni, il-prevenzjoni, il-konsulenza u l-analiżi tal-vantaġġi u r-riskji kkonċernati; iċ-ċentri reġjonali tal-farmakoviġilanza ikunu involuti fil-monitoraġġ tas-saħħa u fil-konferenzi dwar is-saħħa. Barra minn dan, l-għan għandu jkun li tikber il-kooperazzjoni bejn it-tobba, l-ispiżjara u l-gruppi ta' pazjenti li jgħinu lilhom innifishom dwar kwistjonijiet marbuta mal-medikazzjoni;

35. jemmen li l-emendi proposti f'dak li għandu x'jaqsam mal-fuljetti mal-prodotti mediċinali – b'mod partikolari dawk li jissorveljaw mill-qrib kwalunkwe reazzjoni ħażina għal ċerti mediċini – ser jikkontribwixxu biex iħaffu l-proċess tat-tibdil tal-kontenut ta' dawn il-fuljetti. Dan jista' jwassal biex il-fuljetti li jingħataw il-pazjenti ma jkunux aġġornati, u kapaċi jkun fihom ukoll informazzjoni qarrieqa jew ħażina. L-għan għal perijodu twil ta' żmien għandu jkun li l-mediċina dejjem tingħata flimkien ma' fuljett aġġornat. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa għandhom jinfurmaw lill-pazjenti dwar kwalunkwe effett avvers li ma jkunx inkluż fil-fuljett jekk dan jitqies meħtieġ, skont is-sitwazzjoni ta' kull pazjent individwali;

36. ma jaqbilx mal-proposta li s-sommarju tal-informazzjoni miġbura fil-fuljett jitniżżel f'tabella b'bordura sewda minħabba li dan jista' jwassal għall-periklu li l-pazjenti jiffukaw fuq l-informazzjoni miġbura fit-tabella biss.

([3]) Ara l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/83/KE: "Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-prodotti mediċinali magħmula industrijalment għall-użu mill-bniedem maħsuba għat-tqegħid fis-suq tal-Istati Membri."

II. **RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI**

Emenda 1

COM(2008) 663 finali – Artikolu 1(2)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Id-Direttiva 2001/83/KE hija emendata kif ġej: L-Artikolu 88(4) huwa sostitwit minn dan it-test: "(…) 4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal kampanji ta' tilqim u kampanji oħra fl-interess tas-saħħa pubblika mwettqa mill-industrija u approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri."	Id-Direttiva 2001/83/KE hija emendata kif ġej: L-Artikolu 88(4) huwa sostitwit minn dan it-test: "(…) 4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal kampanji ta' tilqim preventiv marbut mal-ivvjaġġar ~~u kampanji oħra fl-interess tas-saħħa pubblika mwettqa mill-industrija u approvati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri~~."

R a ġ u n i

It-tilqim għandu jkun suġġett għall-istess regoli bħal prodotti mediċinali oħra li jingħataw biss bir-riċetta tat-tabib. L-eċċezzjoni fir-rigward tal-kampanji ta' tilqim u kampanji oħra fl-interess tas-saħħa pubblika għandhom ikunu limitati għat-tilqim preventiv marbut mal-ivvjaġġar. Skont il-leġiżlazzjoni Ewropea attwali, il-kampanji ta' tilqim biss huma eżenti mill-projbizzjoni ġenerali tar-reklamar. Il-proposta tal-Kummissjoni tipprova tagħmilha possibbli li l-industriji farmaċewtiċi jkunu jistgħu jinformaw lill-pubbliku dwar il-kampanji fl-interess tas-saħħa pubblika. Huwa stmat li l-eċċezzjoni preżenti wasslet biex il-kumpaniji farmaċewtiċi jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti tagħhom b'mod ikkunsidrat assertiv, b'messaġġ li jidher ċar li huwa maħsub biex jinbiegħu l-prodotti. Il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi estiż l-iskop tal-eċċezzjoni bil-għan li jiġu inklużi "kampanji oħra fl-interess tas-saħħa pubblika" joħloq ir-riskju li tiddgħajjef il-projbizzjoni tar-reklamar fuq prodotti mediċinali li jingħataw bir-riċetta tat-tabib biss. Dan għaliex huwa diffiċli li tingħata definizzjoni eżatta ta' "kampanji oħra fl-interess tas-saħħa pubblika".

Bis-saħħa tal-avvanzi xjentifiċi, in-numru tat-tilqimiet ser jiżdied fil-futur, pereżempju bl-introduzzjoni ta' tilqim terapewtiku, bir-riżultat li x'aktarx id-differenzi bejn it-tilqim u l-prodotti mediċinali konvenzjonali ser ikomplu jiċċajpru. It-tilqim tal-popolazzjoni huwa parti importanti mill-ħidma tas-saħħa pubblika. Bħalissa l-Istati Membri jħaddnu strateġiji differenti differenti fil-programmi tat-tilqim tagħhom. Sabiex issir analiżi ġenerali tar-riskju u l-benefiċċju u biex isir l-aħjar użu mir-riżorsi tal-kura tas-saħħa, l-informazzjoni relatata mal-kampanji tat-tilqim għandha tiġi evalwata mis-soċjetà inġenerali u mhux mill-kumpaniji farmaċewtiċi biss.

Emenda 2

COM(2008) 663 finali – Artikolu 1(5)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 100b	Artikolu 100b
It-tipi ta' informazzjoni li ġejjin dwar prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għall-preskrizzjoni medika jistgħu jixxerrdu mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku:	It-tipi ta' informazzjoni li ġejjin dwar prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għall-preskrizzjoni medika jistgħu jixxerrdu mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku:
(…) (c) informazzjoni dwar l-impatt ambjentali tal-prodott mediċinali, prezzijiet u stqarrijiet fattwali u informattivi u materjal ta' referenza marbut, pereżempju, ma' tibdil tal-pakkett jew twissijiet ta' kontroindikazzjoni;	(…) (c) informazzjoni dwar ~~l-impatt~~ ir-riskji ambjentali li jinħolqu mill-abbuż jew mill-użu mhux adatt tal-prodott mediċinali b'mod li ma jikkonformax mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, ~~prezzijiet u stqarrijiet fattwali u informattivi u materjal ta' referenza marbut, pereżempju, ma' tibdil tal-pakkett jew twissijiet ta' kontroindikazzjoni~~;
(d) informazzjoni mediċinali marbuta mal-prodott dwar studji xjentifiċi mhux ta' indħil, jew miżuri għall-prevenzjoni u trattament mediku, jew informazzjoni li tippreżenta l-prodott mediċinali fil-kuntest tal-kundizzjoni li trid tiġi prevenuta jew ittrattata.	~~(d) informazzjoni mediċinali marbuta mal-prodott dwar studji xjentifiċi mhux ta' indħil, jew miżuri għall-prevenzjoni u trattament mediku, jew informazzjoni li tippreżenta l-prodott mediċinali fil-kuntest tal-kundizzjoni li trid tiġi prevenuta jew ittrattata.~~

R a ġ u n i

Il-frażi "impatt ambjentali" hija vaga wisq. Minħabba li qed tingħata ħafna aktar attenzjoni għall-effetti potenzjalment avversi tal-prodotti mediċinali fuq l-ambjent, ikun aħjar li tintuża l-frażi "riskji ambjentali". Il-frażi "riskji ambjentali" tirrifletti b'aktar preċiżjoni t-tip ta' impatt ambjentali li l-Kummissjoni tixtieq tnaqqas.

Id-deċiżjonijiet għandhom jinkitbu b'mod li jinfiehem b'mod ċar li l-kontenut tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljett informattiv biss jiġu kkunsidrati bħala informazzjoni. Madankollu, flimkien ma' dan it-tagħrif jista' jkun hemm ukoll tagħrif dwar l-impatt ambjentali tal-prodotti mediċinali. L-Artikolu 100b(d) mhuwiex ċar u għandu jitneħħa. Il-Kummissjoni stess iddikjarat f'rapport ([4]) tagħha li l-istudji mingħajr intervent huma ta' spiss ta' kwalità baxxa u ta' natura kummerċjali.

Emenda 3

COM(2008) 663 finali – Artikolu 1(5)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Artikolu 100c	Artikolu 100c
Informazzjoni fuq prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għal preskrizzjoni medika mxerrda mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq lill-pubbliku inġenerali jew membri tal-pubbliku ma għandhiex tkun disponibbli fuq it-televiżjoni jew ir-radju. Għandha tkun disponibbli biss permezz tal-kanali li ġejjin:	Informazzjoni fuq prodotti mediċinali awtorizzati soġġetti għal preskrizzjoni medika mxerrda mid-detentur tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq lill-pubbliku inġenerali jew membri tal-pubbliku ma għandhiex tkun disponibbli fuq it-televiżjoni jew ir-radju. Għandha tkun disponibbli biss permezz tal-kanali li ġejjin:
(a) pubblikazzjonijiet marbuta mas-saħħa kif iddefinit mill-Istat Membru ta' pubblikazzjoni, bl-esklużjoni ta' materjal mhux mitlub imqassam b'mod attiv lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku;	~~(a) pubblikazzjonijiet marbuta mas-saħħa kif iddefinit mill-Istat Membru ta' pubblikazzjoni, bl-esklużjoni ta' materjal mhux mitlub imqassam b'mod attiv lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku;~~
(b) siti fuq l-internet dwar prodotti mediċinali, bl-esklużjoni ta' materjal mhux mitlub imqassam b'mod attiv lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku;	~~(b)~~ (a) siti fuq l-internet dwar prodotti mediċinali, fejn l-informazzjoni għandha tinkludi biss data li tinsab fil-fuljett ta' ġol-imballaġġ tal-prodott mediċinali jew fuq it-tikketta tiegħu, bl-esklużjoni ta' materjal mhux mitlub imqassam b'mod attiv lill-pubbliku inġenerali jew lill-membri tal-pubbliku;

R a ġ u n i

Huwa diffiċli li jiġi definit il-kunċett ta' "pubblikazzjonijiet marbuta mas-saħħa" u għalhekk dan il-mezz għandu jitħalla barra. Il-proposta attwali titlob li kull Stat Membru jiddefinixxi l-pubblikazzjonijiet ikkonċernati; dan joħloq ir-riskju li jkun hemm interpretazzjoni differenti. Il-mod kif inhu miktub il-paragrafu bħalissa jqajjem il-problema marbuta mad-definizzjoni ta' reklamar u informazzjoni.

([4]) "Strateġija bil-għan li s-saħħa pubblika tiġi mħarsa b'mod aktar effiċjenti permezz tat-tisħiħ u r-razzjonalizzazzjoni tal-farmakoviġilanza fl-UE: Konsultazzjoni pubblika dwar il-proposti leġiżlattivi", Brussell, il-5 ta' Diċembru 2007, punt 3.2.5. (mhux disponibbli bil-Malti).

Emenda 4

COM(2008) 668 finali – Artikolu 1(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Id-Direttiva 2001/83/KE qed tiġi emendata kif ġej: 1) Fl-Artikolu 1, il-punt 17a li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 17: "17a. *Kummerċ ta' prodotti mediċinali:* L-attivitajiet kollha ta' kummerċjalizzazzjoni b'mod indipendenti jew għan-nom ta' xi persuna oħra, il-bejgħ jew ix-xiri ta' prodotti mediċinali, jew il-ħruġ ta' fatturi jew is-senserija għall-prodotti mediċinali, minbarra l-fornitura ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku, u li ma taqax taħt id-definizzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa."	Id-Direttiva 2001/83/KE qed tiġi emendata kif ġej: 1) Fl-Artikolu 1, il-punt 17a li ġej għandu jiġi mdaħħal wara l-punt 17: "17a. ~~*Kummerċ*~~*Senserija ta' prodotti mediċinali:* L-attivitajiet kollha ta' kummerċjalizzazzjoni b'mod indipendenti jew għan-nom ta' xi persuna oħra, il-bejgħ jew ix-xiri ta' prodotti mediċinali, jew il-ħruġ ta' fatturi għall-prodotti mediċinali, minbarra dawk li ma jaqgħux ~~l-fornitura ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku, u li ma taqax~~ taħt id-definizzjoni ta' distribuzzjoni bl-ingrossa u bl-imnut."

Raġuni

Il-punt propost 17a huwa intitolat "Kummerċ ta' prodotti mediċinali". Id-definizzjoni tiddikjara, inter alia, li d-distribuzzjoni grossa u bl-imnut ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "kummerċ ta' prodotti mediċinali". Peress li "kummerċ ta' prodotti mediċinali" diġà għandha sinifikat li huwa stabbilit sew f'ħafna Stati Membri, it-tranżazzjoni li għaliha hemm riferiment f'punt 17a għandha tissejjaħ xi ħaġa oħra. Jekk dan ma jsirx, jista' jkun hemm konfużjoni fil-kunċetti.

Emenda 5

COM(2008) 665 finali – Punt ġdid bejn il-punt 17 u l-punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	L-Artikolu 1(40)(e) tad-Direttiva 2004/27/KE għandu jiġi emendat kif ġej: Il-punt (j) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: "Informazzjoni dwar il-fatt li l-prodotti mediċinali mhux użati jew skaduti m'għandhomx jintremew fit-tojlits, fi kwalunkwe sistema tad-dranaġġ oħra jew mal-iskart domestiku. Għandha ssir referenza għas-sistemi attwali tal-ġbir."

Raġuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni jixtieq jipproponi emenda għal-leġiżlazzjoni attwali li l-Kummissjoni ma kkunsidratx fil-Proposta għal Direttiva tagħha. L-Artikolu 54(j) tad-Direttiva attwali 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jgħid li: "prekawzjonijiet speċifiċi li jirrelataw mad-disponiment ta' prodotti mediċinali mhux użati jew fdal miksub minn prodotti mediċinali, fejn xieraq, kif ukoll bħala referenza ta' xi sistema xierqa ta' ġbir fis-seħħ."

Il-leġiżlazzjoni attwali titlob li l-Istati Membri kollha jimplimentaw sistema ta' ġbir għal prodotti mediċinali mhux użati jew skaduti, iżda l-pazjenti mhumiex informati biżżejjed dwar din is-sistema. In-nuqqas ta' struzzjonijiet ċari għall-pazjenti jwassal għal sitwazzjoni xejn mixtieqa li fiha l-prodotti mediċinali jispiċċaw fis-sistema tad-dranaġġ u żieda fix-xogħol marbut mat-trattament tad-dranaġġ u mad-depożiti tal-ilma tal-wiċċ. Informazzjoni aktar ċara fuq l-imballaġġ tal-prodotti mediċinali għandha ttejjeb il-ħtiġijiet marbuta mar-rimi ta' prodotti mhux użati jew skaduti.

Emenda 6

COM(2008) 665 finali – Punt ġdid bejn il-punt 15 u l-punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
	L-Artikolu 1(1)(i) tad-Direttiva 2004/27/KE għandu jiġi emendat kif ġej: Il-punt (28) għandu jiġi sostitwit bil-punti li ġejjin: "28. Riskji relatati mal-użu tal-prodott mediċinali: — kull riskju relatat mal-kwalità, sigurezza jew effiċjenza tal-prodott mediċinali fir-rigward tas-saħħa tal-pazjent, tas-saħħa pubblika; — kull riskju ta' effetti mhux mixtieqa fuq l-ambjent; 28a. Bilanċ riskju-benefiċċju: Valutazzjoni tal-effetti terapewtiċi pożittivi tal-prodott mediċinali b'relazzjoni mar-riskji kif definiti fil-punt 28."

Raġuni

Il-KTR jikkunsidra li fir-rigward tal-mediċinali huwa ħafna aktar xieraq li ssir differenza bejn ir-riskji għall-ambjent u dawk marbutin mas-saħħa, kif isir fid-Direttiva 2004/27/KE. B'hekk jinżamm il-kunċett tradizzjonali ta' riskju/benefiċċju marbut mal-mediċini.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Is-sistema tal-Asil Komuni Ewropea tal-Ġejjieni II"

(2010/C 79/11)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— F'din l-opinjoni, il-KtR jenfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikomplu jkunu minn tal-ewwel li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar elementi essenzjali tas-Sistema tal-Asil Komuni Ewropea (CEAS); madankollu huwa mhasseb li d-dokumenti li qed jiġu meqjusa f'din l-opinjoni ma jirreferux biżżejjed għad-dimensjoni lokali u reġjonali. L-inklużjoni tad-dimensjoni lokali u reġjonali hija meħtieġa kemm biex is-CEAS II tiġi implimentata b'mod effettiv kif ukoll biex jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

— Barra minn hekk, il-KtR jemmen li armonizzazzjoni li jkollha suċċess hija mezz kif jittaffa l-piż żejjed li jkollhom iħabbtu wiċċhom miegħu ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom flimkien mad-differenzi fl-approċċi nazzjonali. Għalhekk jirrakkomanda li fejn il-politiki ta' aċċessibilità għad-djar, is-sigurtà soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol huma mmexxija mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandha tingħaraf il-ħtieġa li jkun hemm solidarjetà u li l-piż jinqasam fil-livell sottonazzjonali;

— Madankollu l-KtR iqis li sabiex il-politika ta' armonizzazzjoni Ewropea tirnexxi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom bżonn jew ta' aktar appoġġ dirett Ewropew, jew ta' garanzija li ser igawdu b'mod proporzjonat mill-fondi mogħtija lill-Istati Membri. Jisħaq ukoll dwar il-ħtieġa għal titjib fil-komunikazzjoni fil-livell lokali u reġjonali dwar id-differenza bejn l-immigrazzjoni sfurzata u dik le, u bejn dawk li jirċievu u dawk li jfittxu l-protezzjoni internazzjonali, sabiex il-komunitajiet jirċievu messaġġi infurmati u pożittivi dwar dawk li jgawdu minn protezzjoni internazzjonali;

Relatur: Is-Sinjura Doreen Huddart (UK/ALDE) Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Newcastle-upon-Tyne

Dokumenti ta' referenza

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Programm ta' politika dwar l-asil: approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE

COM(2008) 360 finali

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-istandards minimi dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil

COM(2008) 815 finali

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat

COM(2008) 820 finali

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil

COM(2009) 66 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. b'mod partikolari jisħaq li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikunu minn tal-ewwel li jimplimentaw il-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-elementi ewlenin tas-Sistema tal-Asil Komuni Ewropea (CEAS); u jtenni r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-ewwel opinjoni tiegħu dwar is-CEAS adottata fl-74 Sessjoni Plenarja (CdR 177/2007 fin.);

2. f'din it-tieni opinjoni dwar is-CEAS japprova s-sejbiet oriġinali, filwaqt li jidentifika aktar kwistjonijiet speċifiċi b'rabta mal-Pjan ta' Politika b'mod ġenerali, u l-iktar il-leġiżlazzjoni proposta li teżisti;

3. huwa mħasseb minħabba li d-dokumenti li qed jiġu meqjusa f'din l-opinjoni ma jirreferux biżżejjed għad-dimensjoni lokali u reġjonali. L-inklużjoni tad-dimensjoni lokali u reġjonali hija meħtieġa kemm biex is-CEAS II tiġi implimentata b'mod effettiv kif ukoll biex jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

Il-programm ta' politika dwar l-asil

4. jinsab sodisfatt li ġie rikonoxxut li, f'dan il-qasam ta' politika, l-armonizzazzjoni trid tmur id f' id ma' standards ogħla; iżda dan jagħmlu b'ċerti riżervi. B'mod partikolari, il-Kumitat jinnota li dan jista' jwassal għal xi spejjeż min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

5. jisħaq li, sakemm is-CEAS jkollha x'taqsam ma' dawk li jfittxu l-asil u r-refuġjati, is-CEAS għandha tibqa' msejsa fuq il-prinċipji tal-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tan-NU tal-1951, u li m'għandu jitħalla jew jiġi implikat l-ebda tnaqqis fil-livell ta' dawn l-istandards;

6. jilqa' l-fatt li l-fattur ewlieni tal-pjan ta' politika u l-leġiżlazzjoni marbuta miegħu huwa l-unifikazzjoni tal-approċċi għall-asil u l-forom ta' protezzjoni sussidjarja. Dan huwa importanti għaliex jagħraf il-limitazzjonijiet tad-definizzjoni ta' refuġjat, u tal-fatt li ħafna nies li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali jistgħu ma jkunux refuġjati fil-veru sens tal-kelma (pereżempju, persuni li qed jaħarbu minn diżastri naturali). L-akkoljenza u l-proċeduri applikabbli, kif ukoll l-istat li jiġi mogħti, għandu jiżgura t-trattament ugwali ta' dawn il-persuni;

7. jemmen li armonizzazzjoni li jkollha suċċess hija mezz kif jittaffa l-piż żejjed li jkollhom iħabbtu wiċċhom miegħu ċerti awtoritajiet lokali u reġjonali minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom flimkien mad-differenzi fl-approċċi nazzjonali. Fejn il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-proċeduri, jew l-applikazzjoni ta' kriterji għall-kwalifikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, huma aktar stretti fi Stat Membru milli f'ieħor (jew huma meqjusa aktar stretti), dan jista' jwassal għal migrazzjoni sekondarja fl-UE li tagħmel l-implimentazzjoni tas-CEAS aktar diffiċli u tista' titfa' piżijiet żejda fuq xi Stati u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom;

8. jisħaq li l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni sfurzata huma ċ-ċirkustanzi barra mill-UE aktar milli l-kundizzjonijiet ġewwa fiha;

9. jirrakkomanda li fejn il-politiki ta' aċċessibilità għad-djar, is-sigurtà soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol huma mmexxija mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandha tingħaraf il-ħtieġa li jkun hemm solidarjetà u li l-piż jinqasam fil-livell sottonazzjonali;

10. iqis li sabiex il-politika ta' armonizzazzjoni Ewropea tirnexxi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jkollhom bżonn jew ta' aktar appoġġ dirett Ewropew, jew ta' garanzija li ser igawdu b'mod proporzjonat mill-fondi mogħtija lill-Istati Membri;

11. jirrikonoxxi li l-piż sproporzjonat li jeżisti minħabba l-pożizzjoni ġeografika fil-fruntieri tal-UE u l-karatteristiċi demografiċi jistgħu jdgħajfu l-effettività tal-armonizzazzjoni u għalhekk jaqbel li aktar armonizzazzjoni tal-istandards nazzjonali permezz tas-CEAS trid tmur id f'id ma' koperazzjoni aħjar fil-prattika biex ir-responsabbiltajiet fil-qasam tal-asil jitqassmu b'mod ġust fost l-Istati Membri u r-reġjuni;

12. jinsab imħasseb li l-pjan ta' politika ma jindirizzax it-tħaddim tal-aġenzija tal-UE għall-fruntieri, FRONTEX, la fl-armonizzazzjoni u lanqas fil-koperazzjoni prattika. Iż-żieda fl-attenzjoni li jagħtu l-proposti tas-CEAS lid-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali u lid-drittijiet umani tal-persuni vulnerabbli b'mod partikolari, għandhom jiġu riflessi fir-regoli li jiggvernaw il-FRONTEX;

13. jisħaq dwar il-ħtieġa għal titjib fil-komunikazzjoni fil-livell lokali u reġjonali dwar id-differenza bejn l-immigrazzjoni sfurzata u dik le, u bejn dawk li jirċievu u dawk li jfittxu l-protezzjoni internazzjonali, sabiex il-komunitajiet jirċievu messaġġi infurmati u pożittivi dwar dawk li jgawdu minn protezzjoni internazzjonali;

Id-Direttiva dwar l-Akkoljenza

14. jappoġġja l-fatt li f'din id-Direttiva ġew ikkombinati l-miżuri li jkopru l-istandards ta' akkoljenza kemm għal dawk li jfittxu l-asil kif ukoll għall-persuni li jfittxu protezzjoni sussidjarja;

15. jindika li permezz tal-armonizzazzjoni tal-istandards ta' akkoljenza, l-għajnuna soċjali li tingħata lil dawk li jkunu qed ifittxu l-asil fir-rigward ta' djar, benesseri, saħħa, edukazzjoni u aċċess għas-suq tax-xogħol żgur li m'għandhiex tkun ta' livell ogħla minn dik li tingħata lill-popolazzjoni nazzjonali;

16. jidhirlu li l-garanziji għad-drittijiet umani proposti, fosthom miżuri speċjali għal persuni vulnerabbli, għandhom jiġu applikati għall-forom kollha ta' pproċessar, inkluż kull tip ta' pproċessar barra mit-territorju kif imsemmi f'paragrafu 5.2.3 tal-Pjan ta' Politika. Inizjattivi oħra f'din id-direzzjoni jridu jintgħarblu bir-reqqa, l-iktar b'rabta mal-leġittimità, l-effettività u l-għaqal tagħhom;

Detenzjoni: Artikol 8-11

17. jinsab sodisfatt li l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva Proposta jagħraf li persuna ma għandhiex tiġi detenuta sempliċement għax qed tapplika għal protezzjoni internazzjonali, kif intalab minn dan il-Kumitat f'punt 16 tal-ewwel opinjoni tiegħu dwar is-CEAS. Il-Kumitat jagħraf li jista' jkun hemm raġunijiet tajbin biex l-awtoritajiet responsabbli jżommu xi applikanti f'detenzjoni, pereżempju dawk li x'aktarx jaħarbu;

Aċċess għas-suq tax-xogħol wara sitt xhur: Artikolu 15

18. jaqbel li mill-aċċess għas-suq tax-xogħol jista' jgawdi kemm dak li jfittex l-asil kif ukoll l-Istat Membru, għalkemm jagħraf li din taf tkun proposta kontroversjali għal xi Stati Membri, b'mod speċjali għal dawk fejn il-qgħad qiegħed jiżdied u dawk taħt pressjoni minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Il-Kumitat jilqa' l-fatt li l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva tal-akkoljenza li ġiet imfassla mill-ġdid jiċċara wkoll li, "Stati Membri għandhom jiddeċiedu l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' aċċess għas-suq tax-xogħol";

19. itenni l-fehmiet tiegħu dwar il-politika ta' integrazzjoni msemmija f'punti 34-38 tal-ewwel opinjoni tiegħu dwar is-CEAS u jiġbed l-attenzjoni għall-opinjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar "L-applikazzjoni tal-approċċ globali għall-migrazzjoni fil-fruntieri marittimi tan-Nofsinhar tal-Unjoni Ewropea u fir-reġjuni ġara tal-Lvant u tax-Xlokk" (CdR 64/2007 fin); il-konklużjonijiet tal-konferenza ta' Tenerife ta' Ottubru 2007 dwar "Ir-rwol tar-reġjuni u l-bliet fil-ġestjoni tal-flussi migratorji", organizzata mill-Kumitat tar-Reġjuni flimkiem mal-Gvern tal-Gżejjer Kanarji; l-opinjoni tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar il-ħarsien tal-minoritajiet u politiki kontra d-diskriminazzjoni f'Ewropa akbar (CdR 53/2006) (mhux disponibbli bil-Malti), li fiha ġiet diskussa l-politika ta' integrazzjoni; u l-opinjoni tat-12 ta' Frar 2009 dwar "L-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-quċċata tal-politiki tal-integrazzjoni" (CdR 212/2008); kif ukoll il-konklużjonijiet tas-seminar f'Ateni ta' Ottubru 2008 dwar "Ir-rwol tar-reġjuni u l-bliet fl-integrazzjoni tal-immigranti", organizzat mill-Kumitat tar-Reġjuni flimkiem mal-Unjoni Lokali tal-Muniċipalitajiet u l-Komunitajiet ta' Attica;

20. jafferma mill-ġdid ir-rakkomandazzjoni li saret f'punt 4 tal-ewwel opinjoni tiegħu dwar is-CEAS li l-leġiżlazzjoni Ewropea għandha titlob lill-Istati Membri joħolqu sistema ta' netwerks tal-awtoritajiet reġjonali, sabiex ir-refuġjati jiġu integrati b'mod infurmat;

Regoli ġenerali dwar kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u kura tas-saħħa: Artikoli 17-20

21. jemmen li jkun problematiku li wieħed jitlob li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-għajnuna soċjali japplikaw ukoll għall-persuni li qegħdin ifittxu l-asil u minflok jissuġġerixxi li tiġi kkunsidrata l-possibbiltà ta' assistenza bażika permezz ta' standards minimi armonizzati fil-livell Ewropew;

22. jagħraf li d-dispożizzjonijiet marbuta mal-kundizzjonijiet materjali tal-akkoljenza huma ta' importanza partikolari għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li jaqdu rwol sinifikanti fit-tħaddim tal-politiki marbuta mad-djar, is-sigurtà soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni. Fejn l-Istati Membri jkollhom kontroll fuq l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards, għandhom jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li ser jirċievu appoġġ finanzjarju proporzjonat meta jingħatawlhom dmirijiet addizzjonali;

23. jidentifika ħtieġa għal taħriġ tal-uffiċjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mitluba li jagħmlu verifika tad-disponibilità tar-riżorsi kif suġġerit f'dawn id-dispożizzjonijiet, sabiex dawk li qed japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali ma jintalbux jagħtu kontribut bla ħtieġa għall-ispejjeż tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali jew għall-kura tas-saħħa;

Dispożizzjonijiet għal persuni bi bżonnijiet speċjali: Artikolu 21-24

24. itenni t-tħassib tiegħu għal nies vulnerabbli f'punti 29-33 tal-ewwel opinjoni dwar is-CEAS, u jinsab kuntent bil-passi li ttieħdu dwar din il-kwistjoni. Il-Kumitat jiġbed attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet ta' saħħa tal-persuni li jkunu qed ifittxu protezzjoni internazzjonali f'kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal ħsara fiżika, malnutrizzjoni u trawma psikoloġika. Peress li s-servizzi tas-saħħa spiss jingħataw fil-livell lokali u reġjonali, jeħtieġ li jiġu riċerkati, identifikati u mtaffija l-piżijiet fuq reġjuni partikolari;

Trattament ta' dawk li ma jingħatawx protezzjoni internazzjonali

25. l-armonizzazzjoni tat-trattament tal-applikanti li jiġu rifjutati tista' tgħin fit-tnaqqis tal-migrazzjoni sekondarja. Madankollu, l-azzjoni għandha tkun tista' tinkoraġġixxi lil dawk ikkonċernati jitilqu b'mod volontarju. Dawn l-azzjonijiet m'għandhomx jaffettwaw l-għajnuna medika neċessarja jew il-miżuri ta' sussistenza li jingħataw lill-persuni f'din il-kategorija;

26. jisħaq li qatt ma għandhom jintużaw id-destituzzjoni sfurzata u r-rifjut tal-għoti tal-kura tas-saħħa biex jinfurzaw il-politiki ta' immigrazzjoni u asil marbuta mat-tkeċċija ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jkunu ġew irrifjutati;

Minorenni

27. jinsab kuntent li d-Direttiva mfassla mill-ġdid dwar l-Akkoljenza u l-istrumenti l-oħra tas-CEAS II issa jagħtu tifsira ċara ta ' minorenni, jiġifieri "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna bla stat taħt l-età ta' tmintax". Bl-istess mod, jilqa' l-fatt li kull strument joħloq protezzjoni addizzjonali għall-minorenni. Madankollu, filwaqt li persuna identifikata bħala minorenni tgawdi minn dawn l-istandards, m'hemmx biżżejjed protezzjoni għal dawk l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li l-età tagħhom tiġi kontestata mill-Istat Membru li jkun qed jilqa' l-applikant, jipproċessa u jiddeċiedi l-applikazzjoni, jew japplika l-kriterji ta' Dublin;

28. josserva li l-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali ser ikunu l-ewwel parti tas-CEAS li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jesperjenzaw. Għalhekk huwa vitali li meta l-età ta' applikant tkun qed tiġi diskussa, jiġi ttrattat bħala persuna minorenni sakemm jiġi ppruvat li mhuwiex (b'rispett xieraq għad-drittijiet u s-sigurtà ta' applikanti oħra għall-protezzjoni internazzjonali); li jiġi ttrattat dejjem b'mod uman u dinjituż; u li jkunu japplikaw kontrolli legali għall-proċeduri ta' determinazzjoni tal-età, l-iktar fejn jintalab eżami mediku. Jekk f'dan l-istadju l-età tal-applikant tiġi evalwata ħażin, għandu mnejn li l-minorenni li japplika għall-protezzjoni internazzjonali bi żball ma jingħatax il-livelli ogħla ta' protezzjoni li l-leġiżlazzjoni CEAS II tfittex li toffri lill-minorenni;

29. jirrikonoxxi l-pressjoni eċċezzjonali li teżisti fuq xi awtoritajiet lokali u reġjonali għall-għoti ta' servizzi għal minorenni mhux akkumpanjati u f'ammonti kbar, u jirrakkomanda li dawn l-awtoritajiet għandhom jingħataw ir-riżorsi adatti;

Tfassil mill-ġdid tar-Regolament ta' Dublin

30. josserva li dan huwa ta' importanza partikolari għar-reġjuni peress li, skont is-sistema ta' Dublin, dawk li jfittxu l-asil jistgħu jiġu trasferiti għall-ewwel Stat tal-UE li jkunu waslu fih, ħaġa li tagħfas fuq ċerti Stati Membri u reġjuni fil-fruntieri tal-UE u l-punti ta' dħul ewlenin;

31. japprova l-għan li tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema, iżda biss fejn dan huwa konsistenti mal-applikazzjoni ta' standards u proċeduri armonizzati ta' akkoljenza u kwalifikazzjoni. Dan jiżgura li l-Istati Membri li jkunu qed jittrasferixxu cittadini ta' pajjiżi terzi għal Stat Membru ieħor ma jiksrux l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għar-rispett lejn il-ħajja familjari, l-aħjar interess tat-tfal, u n-"non-refoulement", anki r-"refoulement" indirett, skont Artikolu 19 tal-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 33 tal-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951 tan-NU u Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Kontra t-Tortura tal-1984 tan-NU. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament propost għandhom jidħlu fis-seħħ biss hekk kif id-Direttivi riveduti dwar l-Akkoljenza, il-Proċeduri, u l-Kwalifika jkunu ġew implimentati kompletament;

32. jenfasizza u jilqa' l-Artikolu 6 dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-minorenni mhux akkumpanjanti, li sa ċertu punt jindirizza t-tħassib imsemmi f'punti 29-33 tal-ewwel opinjoni tal-Kumitat dwar is-CEAS. Għandu jiġi introdott ħarsien effettiv għal nies vulnerabbli oħra, bħal nisa tqal u nies b'diżabilità. Ir-Regolament għandu jindirizza wkoll in-nuqqasijiet li jeżistu f'dak li għandu x'jaqsam mal-manteniment tal-unità tal-familja;

33. jinsab sodisfatt li l-Artikolu 27 jagħraf li persuna ma għandhiex tiġi detenuta sempliċement għax qed tapplika għal protezzjoni internazzjonali, kif intalab minn dan il-Kumitat f'punt 16 tal-ewwel opinjoni tiegħu dwar is-CEAS;

34. japprova l-proċeduri proposti f'Artikolu 31 li jipprovdi mekkaniżmu li bih id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament jistgħu jiġu sospiżi meta Stat Membru jkun qed iħabbat wiċċu ma' sitwazzjoni urġenti li titfa' piż eċċezzjonalment tqil fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza tiegħu;

35. jissuġġerixxi li jista' jinħoloq mezz formali ta' komunikazzjoni bejn ir-reġjuni u l-Kummissjoni sabiex jenfasizza sitwazzjonijiet li jistgħu jitolbu l-użu tal-għażla tagħha skont l-Artikolu 31(2) meta l-kundizzjonijiet fl-Istat Membru b'mod ġenerali ma jkunux jissodisfaw il-livell evidenzjali meħtieġ minn Artikolu 31(1). Madankollu, u sabiex ma jkunx hemm użu żejjed ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkontrolla s-sitwazzjoni bir-reqqa u tqis jekk is-sitwazzjoni tkunx tassew urġenti, jew jekk in-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil u mad-Direttiva 2005/85/KE jitlobx proċeduri għall-ksur tar-regoli skont l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE;

Tfassil mill-ġdid tad-Direttiva dwar il-Proċeduri

36. jinsab sodisfatt li ġie rikonoxxut li l-armonizzazzjoni tal-istandards ta' proċedura trid tmur id f'id ma' standards aħjar fl-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Dan ikollu l-benefiċċju li jnaqqas it-tul ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni. Perjodi twal ta' valutazzjoni jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa u l-benesseri mentali, li jista' jwassal għal rikors sinifikanti għar-riżorsi lokali u reġjonali. Anki meta t-teħid tad-deċiżjonijiet isir bħala parti minn skema nazzjonali (u mhux reġjonali), id-dewmien jista' joħloq pressjoni mhux meħtieġa fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali fejn ikunu jinsabu ċ-ċentri jew it-tribunali fejn isiru s-seduti;

Riformulazzjoni tad-Direttiva ta' Kwalifika

37. jinsab sodisfatt li ġie rikonoxxut li l-armonizzazzjoni tal-istandards ta' kwalifika trid tmur id f'id ma' standards aħjar. Minħabba l-kuntest umanitarju ta' kull leġiżlazzjoni dwar il-kwistjoni tar-refuġjati, is-soluzzjonijiet għall-problema tal-inkonsistenza fir-rikonoxximent tar-refuġjati għandha tieħu prijorità fuq is-soluzzjonijiet għall-problema tal-migrazzjoni sekondarja maħluqa minn kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza u politiki ta' aċċess għas-suq tax-xogħol differenti. Il-konsegwenzi ta' rifjut inġust ta' protezzjoni internazzjonali huma gravi ferm;

38. jilqa' l-enfasi miżjuda fuq il-protezzjoni sussidjarja. Il-Kumitat jinsab kuntent bl-attenzjoni mogħtija f'punt 3.3 tal-Pjan ta' Politika dwar it-titjib fl-applikazzjoni tal-hekk imsejħa "alternattiva interna għat-titjiriet" b'mod partikolari. Din l-"alternattiva" qatt ma għandha tintuża b'mod li taħbi dak li fil-fatt ikun "refoulement";

39. jagħraf il-fatt li t-titjib fil-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-asil u l-protezzjoni sussidjarja, li jinkludi l-qsim tal-aħjar prattika fl-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u dik proposta, ser inaqqas ir-rata ta' appelli (li f'xi Stati hija għolja). Jista' wkoll iwassal għal rata ogħla ta' ritorni volontarji għal dawk li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irrifjutata. Jekk jinkiseb suċċess f'dawn iż-żewġ oqsma tonqos il-pressjoni żejda fuq ir-reġjuni biex jagħtu appoġġ lill-persuni esklużi mill-appoġġ nazzjonali;

40. itenni li, skont il-liġi internazzjonali, persuni spostati għandhom id-dritt jitolbu l-protezzjoni internazzjonali, anki jekk ikunu daħlu fl-UE illegalment; u b'hekk jinsisti li l-mod ta' dħul fl-UE ma għandux jinżamm kontra l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, l-iktar il-vittmi tat-traffikar tal-persuni;

41. josserva li l-"kredibbiltà" ma tagħmilx parti mid-definizzjoni internazzjonali jew Ewropea ta' refuġjat, iżda li, minkejja dan, ħafna applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rrifjutati fuq bażi ta' kredibbiltà. L-applikanti li ma jingħatawx protezzjoni internazzjonali għandu mnejn ikollhom bżonn appoġġ konsiderevoli mill-awtoritajiet lokali u reġjonali qabel ma jitilqu mill-UE, u għalhekk jeħtieġ li l-applikazzjonijiet ma jiġux irrifjutati bla ħtieġa fuq bażi ta' kredibbiltà;

42. jirrakkomanda li d-Direttiva ta' Kwalifika mfassla mill-ġdid tistabbilixxi b'mod aktar ċar li d-dispożizzjonijiet dwar il-kredibbiltà (bħalissa Artikolu 4(5)) jkunu jissupplimentaw id-definizzjoni ta' refuġjat: Jiddeskrivu ċ-ċirkustanzi li fihom l-istqarrijiet mhux appoġġjati ta' individwu jistgħu jittieħdu bħala evidenza, li tikkontribwixxi għall-istandard ta' evidenza meħtieġ biex juri l-fatti li wasslu għall-ħtieġa ta' protezzjoni internazzjonali;

Kooperazzjoni prattika

43. jenfasizza l-ħtieġa li n-netwerks jaqsmu l-informazzjoni u l-aħjar prattika dwar kwistjonijiet ta' asil fil-livell lokali u reġjonali, u li jingħata l-appoġġ finanzjarju xieraq għall-attivitajiet tan-netwerks;

44. jinsab sodisfatt bid-deċiżjoni li jitwaqqaf Uffiċju Ewropew għas-Sostenn tal-Asil (EASO), u jemmen li ser jagħti kontribut attiv għat-titjib tal-istandards internazzjonali u aktar konsistenza fl-approċċ;

45. jidhirlu li l-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiġi inkluż f'punt 17 tar-Regolament propost taħt "entitajiet Komunitarji" (Artikolu 49);

46. jisħaq dwar l-importanza li jsiru riċerka u studji kumparattivi dwar it-titjib tal-bażi ta' evidenza kemm tal-politika kif ukoll tal-prattika, u li l-gvernijiet lokali u reġjonali jaqdu rwol ewlieni biex dan jipprovduh. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jissemmew b'rabta mal-"iskambju ta' informazzjoni u l-prattiċi tajba" (Artikolu 3) u l-"ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni" (Artikolu 11);

47. ifittex iċ-ċarezza dwar il-qafas regolatorju propost u l-indikaturi biex titkejjel l-effettività tal-iżvilupp tal-politika u l-għoti tas-servizzi;

48. jirrakkomanda li jiġu żviluppati l-programmi ta' ffinanzjar aċċessibbli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex in-nies isiru aktar konxji mill-kwistjonijiet marbuta mal-asil fejn dan jista' jtejjeb l-informazzjoni tal-komunità u l-integrazzjoni. Il-Forum Konsultattiv għandu jinkludi l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-Kumitat tar-Reġjuni;

49. jirrakkomanda wkoll li l-EASO għandu jaqdi rwol ewlieni fil-bini tar-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi, l-NGOs u l-korpi internazzjonali;

50. jenfasizza l-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-kisba ta' standards għoljin ta' ġestjoni prattika għal dawk li jfittxu l-asil u r-refuġjati. Barra minn dan, l-iżvilupp ta' taħriġ għall-persunal fil-fruntieri, iċ-ċentri ta' akkoljenza u l-faċilitajiet ta' sistemazzjoni mill-ġdid huwa kruċjali għall-promozzjoni tal-programmi ta' protezzjoni internazzjonali;

51. juri tħassib serju dwar in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni mill-gvernijiet lokali u reġjonali fil-Kunsill Amministrattiv, u jirrakkomanda li jissaħħaħ il-ftehim amministrattiv għall-EASO permezz tal-inklużjoni ta' rappreżentazzjoni mill-KtR, u li tiġi stabbilita konsultazzjoni fuq bażi regolari;

Il-qsim ġust tar-responsabbiltà u s-solidarjetà fl-UE

52. josserva li filwaqt li s-solidarjetà bejn l-Istati Membri hija rikonoxxuta bħala element ewlieni tal-proposti, l-iktar f'dak li huwa r-Regolament ta' Dublin II, il-proposti għadhom iħallu għażla konsiderevoli f'idejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-politiki. Huwa importanti li jitqies il-fatt li, bħalma hemm ħtieġa li l-piż jinqasam u li jkun hemm solidarjetà bejn l-Istati Membri, hemm ukoll ħtieġa korrispondenti fi ħdan dawn l-Istati stess;

53. itenni s-sodisfazzjon tiegħu għall-appoġġ prattiku mogħti lill-Istati Membri mill-Fond Ewropew għar-Refuġjati u l-Fond Ewropew għar-Ritorn, imsemmi f'punt 46 tal-ewwel rapport tal-Kumitat dwar is-CEAS. Dawn il-fondi ser ikunu partikolarment importanti biex tirnexxi l-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkoljenza u l-Proċeduri. Il-Kumitat ifittex li jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali ser ikollhom aċċess dirett għal dawn il-fondi u rwol fil-monitoraġġ tal-allokazzjoni tal-appoġġ permezz tagħhom;

54. jilqa' b'mod tentattiv il-possibbiltà li jsir ipproċessar konġunt ta' kazi speċifiċi fl-UE, dejjem sakemm ikun hemm livell għoli ta' rispett għad-drittijiet umani u għall-prinċipju li kull każ jitqies għalih;

Solidarjetà esterna

55. josserva l-importanza tas-sistemazzjoni mill-ġdid volontarja u jilqa' l-proposti għal titjib. Il-Kumitat jitlob il-konferma li ser jinħolqu mekkaniżmi biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu kkonsultati dwar dan, minħabba r-rwol importanti tagħhom biex tirnexxi l-integrazzjoni tar-refuġjati u benefiċċjarji oħra tal-protezzjoni internazzjonali. Il-Kumitat josserva li, jekk titħaddem tajjeb, is-sistemazzjoni mill-ġdid volontarja tagħmilha possibbli għar-reġjuni li jgawdu minn migrazzjoni mħaddma b'mod kostruttiv;

Dwar it-twaqqif ta' programm konġunt tal-UE dwar ir-risistemazzjoni

56. jilqa' dawn il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, u jqis li din l-inizjattiva ser ittejjeb is-solidarjetà fil-prattiki tar-risistemazzjoni kif ukoll tgħolli l-livelli fl-Istati Membri b'mod partikolari firr-rigward tar-rwol tal-awtoritajiet lokali fl-akkoljenza, ir-risistemazzjoni u l-integrazzjoni tal-persuni risistematizzati;

57. b'mod partikolari jilqa' l-iżvilupp tal-Grupp ta' Esperti tar-Risistemazzjoni u jisħaq fuq ir-rwol importanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċessi tal-akkoljenza u r-risistemazzjoni, u li l-kontribut tagħhom biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet, il-prijoritajiet annwali u l-iskambju tal-prattiki tajba jiġi rikonoxxut bħala l-kompetenza tal-partijiet interessati (stakeholder expertise) f'dan il-grupp;

58. jitlob li fondi suffiċjenti mill-fondi proposti mill-Kummissjoni Ewropea għall-appoġġ ta' persuni li ġew risistemati jingħataw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali peress li dawn għandhom sehem ewlieni biex il-programm ta' risistemazzjoni tal-UE jiġi implimentat b'suċċess.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Proposta għal Direttiva dwar l-Akkoljenza [COM(2008)815] – Artikolu 2c)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
“membri tal-familja” tfisser, sakemm il-familja kienet diġà teżisti fil-pajjiż ta’ oriġini, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fl-istess Stat Membru in relazzjoni mal-applikant għal protezzjoni internazzjonali:	“membri tal-familja” tfisser, sakemm il-familja kienet diġà teżisti fil-pajjiż ta’ oriġini, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fl-istess Stat Membru in relazzjoni mal-applikant għal protezzjoni internazzjonali:
(i) ir-raġel/il-mara ta’ min ifittex l-asil jew il-partner mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f’relazzjoni stabbli, fejn il-leġiżlazzjoni jew prassi tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġa b’manjiera komparabbli ma’ koppji miżżewġa taħt il-liġi tiegħu dwar aljeni;	(i) ir-raġel/il-mara ta’ min ifittex l-asil jew il-partner mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f’relazzjoni stabbli, fejn il-leġiżlazzjoni jew prassi tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġa b’manjiera komparabbli ma’ koppji miżżewġa taħt il-liġi tiegħu dwar aljeni;
(ii) it-tfal minorenni tal-koppja li jirreferi għaliha l-punt (i) jew tal-applikant, fuq kondizzjoni li mhumiex miżżewġa u mingħajr ma jittieħed każ ta’ jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali;	(ii) it-tfal minorenni tal-koppja li jirreferi għaliha l-punt (i) jew tal-applikant, fuq kondizzjoni li mhumiex miżżewġa u li huma dipendenti, u mingħajr ma jittieħed każ ta’ jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali;
(iii) it-tfal minorenni miżżewġa tal-koppja li jirreferi għalihom il-punt (i) jew tal-applikant, mingħajr ma jittieħed każ ta’ jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali; fejn hu għall-aħjar interessi tagħhom li jirrisjedu mal-applikant;	~~(iii) it-tfal minorenni miżżewġa tal-koppja li jirreferi għalihom il-punt (i) jew tal-applikant, mingħajr ma jittieħed każ ta’ jekk twildux ġewwa jew barra ż-żwieġ jew adottati kif iddefinit taħt il-liġi nazzjonali; fejn hu għall-aħjar interessi tagħhom li jirrisjedu mal-applikant;~~
(iv) il-missier, l-omm jew il-gwardjan tal-applikant, meta dan tal-aħħar hu minorenni u mhux miżżewweġ, jew meta hu/hi minorenni u miżżewweġ iżda hu għall-aħjar interessi tiegħu/tagħha li jirrisjedi ma’ missieru/ha, ommu/ha jew il-gwardjan tiegħu/tagħha;	(~~iv~~ iii) il-missier, l-omm jew il-gwardjan tal-applikant, meta dan tal-aħħar hu minorenni u mhux miżżewweġ, jew meta hu/hi minorenni u miżżewweġ iżda hu għall-aħjar interessi tiegħu/tagħha li jirrisjedi ma’ missieru/ha, ommu/ha jew il-gwardjan tiegħu/tagħha;
(v) ħut minorenni mhux miżżewġa tal-applikant, meta dan tal-aħħar hu minorenni u mhux miżżewweġ, jew meta l-applikant jew ħutu/ha minorenni huma minorenni u miżżewġa iżda hu għall-aħjar interessi għal wieħed jew iktar minnhom li jirrisjedu flimkien;	(iv) ħut minorenni mhux miżżewġa tal-applikant, meta dan tal-aħħar hu minorenni u mhux miżżewweġ, jew meta l-applikant jew ħutu/ha minorenni huma minorenni u miżżewġa iżda hu għall-aħjar interessi għal wieħed jew iktar minnhom li jirrisjedu flimkien;

R a ġ u n i

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea filfatt twessa’ d-definizzjoni ta’ familja. Dan jespandi b’mod sinifikanti ċ-ċirku ta’ nies li jkunu intitolati għall-assistenza. Għalhekk għandu jinżamm iċ-ċirku oriġinali ta’ benefiċjarji.

Emenda 2

Proposta għal Direttiva dwar l-Akkoljenza [COM(2008)815] – Artikolu 6 – paragrafu ġdid 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
	1.L-Istati Membri għandhom iħarsu d-drittijiet legali tal-individwi, sabiex ikun hemm garanzija li anke dawk li qed ifittxu l-asil u li m’għandhomx dokumenti jiġu trattati b’mod uman u b’ċertezza legali fl-aspetti kollha. Il-konsegwenzi tal-użu ta’ identità falza jew assunta, jew ta’ dokumenti li jkunu ffalsifikati, kontrafatti jew invalidi għandhom jiġu determinati mil-liġi applikabbli dwar il-kwalifika għall-protezzjoni internazzjonali.

R a ġ u n i

Sakemm l-identità ma tkunx tista' tiġi stabbilita b'ċertezza, huwa importanti li kull min ifittex l-asil jiġi trattat b'mod li joffri ċertezza legali. Huwa importanti li l-Artikolu jibda b'din il-premessa fundamentali, li hija bbażata fuq id-dinjità umana u l-prinċipju li l-bnedmin kollha huma ugwali.

Emenda 3

Proposta għal Direttiva dwar l-Akkoljenza [COM(2008)815] – Artikolu 15(4)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
~~Għall-raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, Stati Membri jistgħu jagħtu prijorità liċ-ċittadini tal-UE u ċittadini tal-Istati partijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u wkoll liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti.~~	Għall-raġunijiet ta' politika tas-suq tax-xogħol, Stati Membri jistgħu jagħtu prijorità liċ-ċittadini tal-UE u ċittadini tal-Istati partijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u wkoll liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti.

R a ġ u n i

Rigward il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tagħti aċċess bla restrizzjonijiet għas-suq tax-xogħol, bla dubju l-Istati Membri għandhom ikollhom il-possibbiltà li jagħtu prijorità liċ-ċittadini tal-UE/ŻEE. Għalhekk għandu jinżamm l-Artikolu 15(4) tal-verżjoni attwali tad-Direttiva.

Emenda 4

Proposta għal Direttiva dwar l-Akkoljenza [COM(2008)815] – Artikolu 20 – paragrafi ġodda 6, 7 u 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
	6. L-Istati Membri ma għandhomx jirtiraw jew inaqqsu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali minn dawk li l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali tiġi rrifjutata sakemm ma jsirux il-pjanijiet għat-tneħħija jew ir-ritorn volontarju tagħhom. 7. Ma għandha qatt tintuża d-destituzzjoni sfurzata, jew it-theddida tagħha, biex tobbliga lill-applikanti li ġew irrifjutati biex imorru lura għall-istat ta' oriġini tagħhom. 8. Ma għandu qatt jiġi rrifjutat l-għoti tal-kura tas-saħħa, jew it-theddida li jiġri dan, biex tobbliga lill-applikanti li ġew irrifjutati jmorru lura għall-Istat ta' oriġini tagħhom.

R a ġ u n i

Dawn id-dispożizzjonijiet huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem Ewropej, l-iktar Artikolu 3 tal-ECHR. L-irtirar u t-tnaqqis tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali jheġġu l-applikanti rrifjutati jwaqqfu l-kuntatt mal-Istat Membri li jospitahom; dan jista' jwaqqaf it-tneħħija eventwali u jheġġeġ ix-xogħol illegali. L-implikazzjoni finanzjarja taż-żamma tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali għall-applikanti rrifjutati toffri inċentiv għall-Istati Membri biex itejbu l-proċeduri ta' tneħħija tagħhom kif ukoll l-iskemi ta' ritorn volontarju tagħhom (id-destituzzjoni u r-rifjut li tingħata kura tas-saħħa ma jistgħux jitqiesu li qed iheġġu ritorni li huma tassew volontarji; huma forom illeġitimi ta' ritorni sfurzati). Jekk l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jitħallew ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol mhux iktar tard minn sitt xhur minn meta jaslu fl-UE, dan jista' jwassal għal żieda fid-dħul mit-taxxi.

L-għoti ta' kura tas-saħħa primarji għall-applikanti rrifjutati huwa wkoll meħtieġ biex tiġi mħarsa s-saħħa pubblika. Barra minn hekk, meta l-applikanti rrifjutati ma jingħatawx kura tas-saħħa primarja, x'aktarx li jippreżentaw is-sintomi tagħhom fl-isptarijiet meta l-kundizzjoni tagħhom tkun iggravat. Dan jitfa' pressjoni akbar fuq il-baġits tal-kura tas-saħħa, li f'ħafna Stati Membri huma amministrati reġjonalment.

Emenda 5

Proposta għal Direttiva dwar l-Akkoljenza [COM(2008)815] – Artikolu 20(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali fejn min ifittex asil:	L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu jew jirtiraw kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali fejn min ifittex asil:
(a) jabbanduna l-post ta' residenza ddeterminat mill-awtorita kompetenti mingħajr ma jinformaha jew, jekk mitluba, mingħajr permess, jew	(a) jabbanduna l-post ta' residenza ddeterminat mill-awtorita kompetenti mingħajr ma jinformaha jew, jekk mitluba, mingħajr permess, jew
(b) ma jikkonformax ruħu ma' doveri ta' rrapportar jew ma' talbiet biex jipprovdi informazzjoni jew jidher għal intervisti personali dwar il-proċedura ta' asil matul perijodu raġonevoli stabbilit mil-liġi nazzjonali, jew	(b) ma jikkonformax ruħu ma' doveri ta' rrapportar jew ma' talbiet biex jipprovdi informazzjoni jew jidher għal intervisti personali dwar il-proċedura ta' asil matul perijodu raġonevoli stabbilit mil-liġi nazzjonali, jew
(c) ikun diġà ddepożita applikazzjoni fl-istess Stat Membru.	(c) ikun diġà ddepożita applikazzjoni fl-istess Stat Membru.

Raġuni

Il-proposta tal-Kummissjoni tillimita ħafna l-possibbiltajiet li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-Istati Membri biex jirtiraw l-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali. B'hekk jonqos inċentiv effettiv biex dawk li qed ifittxu l-asil jikkooperaw b'mod attiv fil-proċess tal-asil. Għalhekk għandha tinżamm id-dispożizzjoni attwali.

Emenda 6

Proposta għal Direttiva dwar l-Akkoljenza [COM(2008)815] – Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bl-għan li jidentifikaw, hekk kif tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jekk l-applikant għandhux bżonnijiet speċjali bl-indikazzjoni tan-natura ta' dawn il-bżonnijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw appoġġ għall-individwi bi bżonnijiet speċjali matul il-proċedura tal-asil u għandhom jipprovdu għall-monitoraġġ xieraq tas-sitwazzjoni tagħhom.	2. (a) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bl-għan li jidentifikaw, hekk kif tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jekk l-applikant għandhux bżonnijiet speċjali bl-indikazzjoni tan-natura ta' dawn il-bżonnijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw appoġġ għall-individwi bi bżonnijiet speċjali matul il-proċedura tal-asil u għandhom jipprovdu għall-monitoraġġ xieraq tas-sitwazzjoni tagħhom.
	(b) Fejn l-età ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali hija kkontestata, l-Istati Membri jittrattaw l-applikant bħala persuna minorenni sakemm jiġi ppruvat li mhuwiex (b'rispett xieraq għad-drittijiet u s-sigurtà ta' applikanti oħra għall-protezzjoni internazzjonali)
	(c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kontrolli legali għall-proċeduri ta' determinazzjoni tal-età jkunu japplikaw, l-iktar fejn jintalab eżami mediku.
	(d) Kull eżaminazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati trid issir mingħajr preġudizzju għall-[Artikolu 17 tad-Direttiva 2005/85/KE].

Raġuni

Dan huwa sabiex jiġi żgurat li t-tfal ma jiġux irrifjutati bi żball protezzjoni aħjar għall-minorenni stipulata fil-proposti tas-CEAS II. Huwa importanti li l-identifikazzjoni tal-età jkollha kontrolli adatti f'dan l-istadju, peress li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-Akkoljenza ukoll japplikaw direttament għat-tfassil mill-ġdid tar-Regolament tal-Kunsill 343/2003/KE (ir-Regolament ta' Dublin) (Preambolu, klawżola 9). Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jagħmlu referenza għad-dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-minorenni mhux akkumpanjati li jinsabu fl-Artikolu 17 attwali tad-Direttiva 2005/85/KE (id-Direttiva tal-Proċeduri) jew is-sostituzzjoni tiegħu.

Emenda 7

Riformulazzjoni tar-Regolament ta' Dublin [COM(2008) 820 finali] – Artikolu 31

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
1. Meta Stat Membru responsabbli jkun iffaċċjat minn sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi piż eċċezzjonalment tqil fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza tiegħu, is-sistema tal-asil jew l-infrastruttura, u meta t-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont dan ir-Regolament jista' jżid fuq dan il-piż, dak l-Istat Membru jista' jitlob li jkunu sospiżi dawn it-trasferimenti.	1. Meta Stat Membru responsabbli jkun iffaċċjat minn sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi piż eċċezzjonalment tqil fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza tiegħu, is-sistema tal-asil jew l-infrastruttura, u meta t-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont dan ir-Regolament jista' jżid fuq dan il-piż, dak l-Istat Membru jista' jitlob li jkunu sospiżi dawn it-trasferimenti.
It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Għandha tindika r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi:	It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Għandha tindika r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi:
(a) deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi piż eċċezzjonalment tqil fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema tal-asil u l-infrastruttura tal-Istat Membru li saritlu t-talba, inkluża statistika relevanti u xhieda li tappoġġjha;	(a) deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni partikolarment urġenti li tpoġġi piż eċċezzjonalment tqil fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema tal-asil u l-infrastruttura tal-Istat Membru li saritlu t-talba, inkluża statistika relevanti u xhieda li tappoġġjha;
(b) previżjoni sostanzjata tal-iżvilupp probabli ta' din is-sitwazzjoni fiż-żmien qasir;	(b) previżjoni sostanzjata tal-iżvilupp probabli ta' din is-sitwazzjoni fiż-żmien qasir;
(c) spjegazzjoni sostanzjata tal-piż addizzjonali li t-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont dan ir-Regolament jista' joħloq lill-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema tal-asil u l-infrastruttura tal-Istat Membru li saritlu t-talba, inkluża statistika relevanti u xhieda li tappoġġjha.	(c) spjegazzjoni sostanzjata tal-piż addizzjonali li t-trasferiment tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali skont dan ir-Regolament jista' joħloq lill-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema tal-asil u l-infrastruttura tal-Istat Membru li saritlu t-talba, inkluża statistika relevanti u xhieda li tappoġġjha.
2. Meta l-Kummissjoni tikkonsidra li ċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva [.../.../KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u mad-Direttiva 2005/85/KE, din tista tiddeċiedi f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4, li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.	2. Meta l-Kummissjoni tikkonsidra li ċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva [.../.../KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u mad-Direttiva 2005/85/KE, din tista tiddeċiedi f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4, li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.
3. Meta Stat Membru jkun imħasseb dwar iċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva [.../.../KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u mad-Direttiva 2005/85/KE, dan jista' jitlob li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.	3. Meta Stat Membru jkun imħasseb dwar iċ-ċirkustanzi eżistenti fi Stat Membru ieħor li jistgħu jwasslu għal livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhux f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari mad-Direttiva [.../.../KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u mad-Direttiva 2005/85/KE, dan jista' jitlob li kull trasferiment ta' applikanti skont dan ir-Regolament lill-Istat Membru kkonċernat ikun sospiż.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Din għandha tindika r-raġunijiet li fuqha bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi dettalji dwar is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat li turi l-possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari d-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u mad-Direttiva 2005/85/KE.	It-talba għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Din għandha tindika r-raġunijiet li fuqha bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi dettalji dwar is-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat li turi l-possibbiltà ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari d-Direttiva […/…/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u mad-Direttiva 2005/85/KE.
	4. Meta awtorità lokali jew reġjonali tkun imħassba li qed tħabbat wiċċha ma' sitwazzjoni partikolarment urġenti li titfa' piż sproporzjonat fuq il-kapaċitajiet ta' akkoljenza, is-sistema tal-asil jew l-infrastruttura tagħha, meta mqabbla mal-Istat Membru li tappartjeni għalih b'mod ġenerali, u li ma tissodisfax il-limitu għall-impenji msemmija f'paragrafu 1, tista' tagħmel talba formali lill-Kummissjoni biex teżerċita l-għażla tagħha skont paragrafu 2.
4. Wara li tkun irċeviet it-talba skont il-paragrafi 1 u 3, jew fuq l-inizjattiva tagħha skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li t-trasferimenti tal-applikanti skont dan ir-Regolament lejn l-Istat Membru kkonċernat ikunu sospiżi. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr u mhux iktar tard minn xahar wara li kienet riċevuta t-talba. Id-deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenti għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi:	~~4~~5. Wara li tkun irċeviet it-talba skont il-paragrafi 1 u 3, jew fuq l-inizjattiva tagħha skont il-paragrafu 2 waħdu jew flimkien ma' paragrafu 4, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li t-trasferimenti tal-applikanti skont dan ir-Regolament lejn l-Istat Membru kkonċernat ikunu sospiżi. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed kemm jista' jkun malajr u mhux iktar tard minn xahar wara li kienet riċevuta t-talba. Id-deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenti għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u għandha b'mod partikolari tinkludi:
(a) eżami taċ-ċirkustanzi relevanti kollha fl-Istat Membru lejn fejn jistgħu jkunu sospiżi t-trasferimenti;	(a) eżami taċ-ċirkustanzi relevanti kollha fl-Istat Membru lejn fejn jistgħu jkunu sospiżi t-trasferimenti;
(b) eżami tal-impatt potenzjali tas-sospensjoni tat-trasferimenti fuq l-Istati Membru l-oħra;	(b) eżami tal-impatt potenzjali tas-sospensjoni tat-trasferimenti fuq l-Istati Membru l-oħra;
(c) id-data proposta li fiha għandha tidħol fis-seħħ is-sospensjoni tat-trasferimenti;	(c) id-data proposta li fiha għandha tidħol fis-seħħ is-sospensjoni tat-trasferimenti;
(d) kull kondizzjoni partikolari marbuta ma' sospensjoni bħal din.	(d) kull kondizzjoni partikolari marbuta ma' sospensjoni bħal din.
5. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill u lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tas-sospensjoni tat-trasferimenti kollha tal-applikanti skont dan ir-Regolament lejn l-Istati Membri kkonċernati. Kull Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien xahar minn meta rċeiva n-notifika. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni fi żmien xahar mid-data ta' riferenza mill-Istat Membru.	~~5~~6. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill u lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tas-sospensjoni tat-trasferimenti kollha tal-applikanti skont dan ir-Regolament lejn l-Istati Membri kkonċernati. Kull Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien xahar minn meta rċeiva n-notifika. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni fi żmien xahar mid-data ta' riferenza mill-Istat Membru.
6. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ta' sospensjoni ta' trasferimenti lejn Stat Membru, l-Istati Membri l-oħra li fihom qegħdin l-applikanti li kellhom it-trasferiment sospiż, għandhom ikunu responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk il-persuni. Id-deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenit lejn Stat Membru għandhom tieħu konsiderazzjoni xierqa tal-bżonn li jkunu żgurati l-protezzjoni tal-persuni minorenni u l-unità tal-familja.	~~6~~7. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ta' sospensjoni ta' trasferimenti lejn Stat Membru, l-Istati Membri l-oħra li fihom qegħdin l-applikanti li kellhom it-trasferiment sospiż, għandhom ikunu responsabbli mill-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk il-persuni. Id-deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenit lejn Stat Membru għandhom tieħu konsiderazzjoni xierqa tal-bżonn li jkunu żgurati l-protezzjoni tal-persuni minorenni u l-unità tal-familja.
7. Deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenit lejn Stat Membru skont il-paragrafu 1 għandha tiġġustifika l-għotja ta' assitenza għal miżuri ta' emerġenza stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara talba għall-assitenza minn dak l-Istat Membru.	~~7~~8. Deċiżjoni biex ikunu sospiżi t-trasferimenit lejn Stat Membru skont il-paragrafu 1 għandha tiġġustifika l-għotja ta' assitenza għal miżuri ta' emerġenza stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara talba għall-assitenza minn dak l-Istat Membru.

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
8. It-trasferimenti jistgħu jkunu sospiżi għal perijodu ta' żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur. Meta r-raġunijiet għall-miżuri jkunu għandhom hemm wara sitt xhur, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fuq talba minn l-Istat Membru kkonċernat msemmi fil-paragrafu 1 jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, li tkun estiża l-applikazzjoni tagħhom għal perijodu ieħor ta' sitt xhur. Il-paragrafu 5 japplika.	~~8~~9. It-trasferimenti jistgħu jkunu sospiżi għal perijodu ta' żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur. Meta r-raġunijiet għall-miżuri jkunu għandhom hemm wara sitt xhur, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, fuq talba minn l-Istat Membru kkonċernat msemmi fil-paragrafu 1 jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, li tkun estiża l-applikazzjoni tagħhom għal perijodu ieħor ta' sitt xhur. Il-paragrafu 5 japplika.
9. L-ebda parti minn dan l-Artikolu ma tista' tkun interpretata fis-sens li tħalli lill-Istati Membri li jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom biex jieħdu l-miżuri xierqa kollha, sew jekk ġenerali, sew jekk partikolari, biex jiżguraw li jilħqu l-obbligi tagħhom li jiġu mill-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-asil, b'mod partikolari dan ir-Regolament, id-Direttiva [...]/[...]/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u d-Direttiva 2005/85/KE.	~~9~~10. L-ebda parti minn dan l-Artikolu ma tista' tkun interpretata fis-sens li tħalli lill-Istati Membri li jidderogaw mill-obbligu ġenerali tagħhom biex jieħdu l-miżuri xierqa kollha, sew jekk ġenerali, sew jekk partikolari, biex jiżguraw li jilħqu l-obbligi tagħhom li jiġu mill-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-asil, b'mod partikolari dan ir-Regolament, id-Direttiva [...]/[...]/KE] li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza tal-persuni jfittxu l-asil u d-Direttiva 2005/85/KE.

Raġuni

Din l-emenda proposta tindirizza s-sitwazzjoni li fiha xi reġjuni jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' piż sproporzjonat meta mqabbel mal-Istat Membri tagħhom b'mod ġenerali u li fiha l-Istat Membru, għalhekk, ma jistax juża l-Artikolu 31(1) għax is-sitwazzjoni fit-territorju tiegħu mhijiex gravi biżżejjed. Bil-kontra tal-Artikolu 31(1) eżistenti, din mhijiex talba diretta biex jiġu sospiżi t-trasferimenti, iżda talba lill-Kummissjoni biex teżerċita l-għażla tagħha skont l-Artikolu 31(2). Għalhekk l-emenda tagħraf l-importanza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, mingħajr ma tipprova tpoġġihom f'kundizzjoni ugwali ma' dawk tal-Istati Membri.

Emenda 8

Regolament dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil [COM(2009) 66 finali] Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
1. L-Uffiċċju jorganizza, jikkoordina u jiffavorixxi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-asil, kif ukoll bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-asil, dwar l-implimentazzjoni tal-ġabra ta' strumenti bbażati fuq l-*acquis communautaire* fil-qasam tal-asil. B'dan il-għan, jista' joħloq bażi ta' dejta fattwali, legali u ġurisprudenzjali dwar l-istrumenti relatati mal-asil fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.	1. L-Uffiċċju jorganizza, jikkoordina u jiffavorixxi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-asil, kif ukoll bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-asil, dwar l-implimentazzjoni, fil-livell lokali u reġjonali wkoll, tal-ġabra ta' strumenti bbażati fuq l-*acquis communautaire* fil-qasam tal-asil. B'dan il-għan, jista' joħloq bażi ta' dejta fattwali, legali u ġurisprudenzjali dwar l-istrumenti relatati mal-asil fil-livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali.

Raġuni

L-implimentazzjoni ta' ħafna mill-politika dwar l-asil hija fil-livell reġjonali, u għalhekk b'rabta mal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni huwa importanti li r-reġjuni jiġu kkonsultati direttament.

Emenda 9

Regolament dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil [COM(2009) 66 finali] Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
3. Il-Kunsill Amministrattiv jista' jistieden lil kwalunkwe persuna b'opinjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti biex tattendi l-laqgħat bħala osservatur.	3. Il-Kunsill Amministrattiv jista' jistieden lil kwalunkwe persuna b'opinjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti biex tattendi l-laqgħat bħala osservatur. Ser jiġi mistieden rappreżentant tal-Kumitat tar-Reġjuni meta jkunu involuti l-interessi lokali u reġjonali.

Raġuni

Din l-emenda tagħraf l-importanza u l-esperjenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali b'rabta mal-politika għall-asil.

Emenda 10

Regolament dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil [COM(2009) 66 finali] Artikolu 30 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
9. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jistieden kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess biex tattendi l-laqgħat tiegħu.	9. Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jistieden kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess biex tattendi l-laqgħat tiegħu. Ser jiġi mistieden rappreżentant tal-Kumitat tar-Reġjuni meta jkunu involuti l-interessi lokali u reġjonali.

Raġuni

Din l-emenda hija parallela għall-emenda proposta għall-Artikolu 25(3) biex jiġi żgurat l-għarfien u l-esperjenza tar-reġjuni jiġu rikonoxxuti u użati b'mod sħiħ.

Emenda 11

Regolament dwar il-ħolqien ta' Uffiċċju ta' Appoġġ Ewropew fil-Qasam tal-Asil [COM(2009) 66 finali] Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-Kumitat tar-Reġjuni
1. L-Uffiċċju jikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam tal-politika dwar l-asil, fuq livell nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali u jistabbilixxi Forum Konsultattiv għal dan il-għan.	1. L-Uffiċċju jikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fil-qasam tal-politika dwar l-asil, fuq livell reġjonali, nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali u jistabbilixxi Forum Konsultattiv għal dan il-għan.

Raġuni

Din l-emenda wkoll tagħraf l-importanza u l-esperjenza tal-gvernijiet lokali u reġjonali b'rabta mal-politika għall-asil.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-faċilità mikrofinanzjarja 'Progress'"

(2010/C 79/12)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI:

— jappoġġja l-azzjoni immedjata tal-Kummissjoni u tal-BEI sabiex jiżguraw li, f'dan iż-żmien ta' nuqqas ta' likwidità, ir-riżorsi tal-UE jintużaw b'mod effettiv sabiex jgħinu lin-negozji u jenfasizza li l-kriżi finanzjarja riċenti wasslet għal credit crunch għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-mikrointrapriżi u li din twassal kemm sabiex ir-ritmu ekonomiku jkompli sejjer għall-agħar kif ukoll ixxekkel kull rilanċ sussegwenti;

— juri t-tħassib li r-riallokazzjoni ta' EUR 100 miljun mill-programm PROGRESS għall-faċilità mikrofinanzjarja ta' progress ġdida tista' tikkomprometti l-għanijiet, l-impatt u l-effettività ta' dak il-programm u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra alternattivi oħra ta' finanzjament adatti għall-implimentazzjoni tal-faċilità;

— jitlob lill-Kummissjoi sabiex tissemplifika l-inizjattivi attwali tal-UE kif ukoll sabiex tikkjarifika l-koerenza bejn il-faċilità mikrofinanzjarja ta' progress u strumenti oħra finanzjarji tal-UE, speċjalment il-PROGRESS, il-FSE, il-JEREMIE u s-CIP;

— jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddistingwi b'mod aktar preċiż bejn gruppi speċifiċi mmirati u tikkunsidra l-persuni qiegħda u żvantaġġjati, li jinkludu ż-żgħażagħ, in-nisa, persuni ta' età aktar avvanzata u l-komunitajiet tal-minoritajiet etniċi bħala gruppi mmirati u tagħti lil dawn il-gruppi pożizzjoni speċifika u adatta fil-programmi u l-inizjattivi marbuta mal-mikrokrediti;

— ifakkar lill-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI li l-faċilità mikrofinanzjarja tkun aktar effettiva jekk tkun ikkoordinata u implimentata flimkien mal-istrumenti finanzjarji Ewropej eżistenti kif ukoll programmi lokali u reġjonali fl-Istati Membri.

Relatur: Sur David Parsons (UK-PPE), Mexxej tal-Kunsill tal-Kontea ta' Leicester

Dokumenti ta' referenza

Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali (il-Faċilità Mikrofinanzjarja ta' Progress)

COM(2009) 333 finali

kif ukoll

Proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1672/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi Programm Komunitarju għall-Impjiegi u għas-Solidarjetà Soċjali – Progress

COM(2009) 340 finali

I. **RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA**

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-Ħtieġa ta' azzjoni

1. Jappoġġja l-azzjoni immedjata tal-Kummissjoni u tal-BEI sabiex jiżguraw li, f'dan iż-żmien ta' nuqqas ta' likwidità, ir-riżorsi tal-UE jintużaw b'mod effettiv sabiex jgħinu lin-negozji u jenfasizza li l-kriżi finanzjarja riċenti wasslet għal credit crunch għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-mikrointrapriżi u li din twassal kemm sabiex ir-ritmu ekonomiku jkompli sejjer għall-agħar kif ukoll ixxekkel kull rilanċ sussegwenti;

2. Jagħraf li l-perspettivi finanzjarji 2007-2013 jillimitaw il-possibilità tal-Kummissjoni li talloka finanzjament ġdid għall-proposta l-ġdida dwar il-Faċilità Finanzjarja "Progress";

3. Juri t-tħassib li r-riallokazzjoni ta' EUR 100 miljun mill-programm PROGRESS għall-faċilità mikrofinanzjarja ta' progress ġdida tista' tikkomprometti l-għanijiet, l-impatt u l-effettività ta' dak il-programm u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra alternattivi oħra ta' finanzjament adatti għall-implimentazzjoni tal-faċilità;

4. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-fatt li l-EUR 100 miljun previsti għall-Faċilità Mikrofinanzjarja "Progress" mhux ser ikunu biżżejjed sabiex jipprovdu l-EUR 500 miljun f'fondi addizzjonali li hemm bżonn sabiex jagħmlu tajjeb għal-limitazzjonijiet ta' self attwali, jixprunaw il-provvista tal-mikrofinanzi kif ukoll ilaħħqu mal-livelli attwali tad-domanda;

5. Jilqa' l-konsistenza tal-Faċilità Mikrofinanzjarja "Progress" mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u għaldaqstant tikkumplimenta d-dispożizzjoni ta' faċilitajiet ta' mikrokreditu mill-Istati Membri jew mill-awtoritajiet lokali u reġjonali;

6. Jiġbed l-attenzjoni li aktar minn 90 % tal-intrapriżi fl-UE huma mikrointrapriżi u li l-akbar ostaklu għall-innovazzjoni ta' dawk l-intrapriżi joħroġ mill-aċċess limitat għall-mikrokreditu;

7. Jaqbel li l-parti l-kbira tal-mikrokreditu għall-persuni żvantaġġati fl-UE huwa pprovdut minn istituzzjonijiet mikrofinanzjarji mhux kummerċjali u li dawn il-forrnituri jeħtieġu sostenn akbar sabiex ilaħħqu mad-domanda attwali;

8. Jemmen li l-isforz tal-Kummissjoni sabiex ikun żviluppat il-mikrokreditu fl-UE ser ikun strument utli li jippermetti lil dawk li huma esklużi mis-suq tal-kreditu konvenzjonali, sabiex jibdew intrapriżi ġodda u jsostnu l-ħolqien tal-impjiegi;

9. Jiddispjaċih li r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-impatt fuqhom mhux qed ikun ikkunsidrat b'mod sħiħ mill-evalwazzjoni "ex ante" li qed tagħmel il-Kummissjoni.

Fokus fuq il-kisbiet

10. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiffoka fuq il-mikrointrapriżi innovattivi, l-aktar dawk li huma msejsa fuq l-għarfien, sabiex jippromovu l-innovazzjoni u l-produttività fl-UE;

11. Jitlob lill-Kummissjoi sabiex tissemplifika l-inizjattivi attwali tal-UE kif ukoll sabiex tikkjarifika l-koerenza bejn il-faċilità mikrofinanzjarja ta' progress u strumenti oħra finanzjarji tal-UE, speċjalment il-PROGRESS, il-FSE, il-JEREMIE u s-CIP [1];

[1] Il-Programm tal-Komunità Ewropea għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (PROGRESS), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-Azzjoni Konġunta għall-Appoġġ tal-Istituzzjonijiet ta' Mikro-Finanza fl-Ewropa (JASMINE), ir-Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Intrapriżi Mikro u Medji (JEREMIE), il-Programm ta' qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP).

12. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiddistingwi b'mod aktar preċiż bejn gruppi speċifiċi mmirati u tikkunsidra l-persuni qiegħda u żvantaġġjati, li jinkludu ż-żgħażagħ, in-nisa, persuni ta' età aktar avvanzata u l-komunitajiet tal-minoritajiet etniċi bħala gruppi mmirati u tagħti lil dawn il-gruppi pożizzjoni speċifika u adatta fil-programmi u l-inizjattivi marbuta mal-mikrokrediti;

13. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tenfasizza l-importanza ta' miżuri wiesa' ta' appoġġ kummerċjali flimkien mal-provvediment finanzjarju għall-ħolqien ta' negozji ġodda u negozji eżistenti. Il-provvista ta' finanzjament għan-negozji ġodda u eżistenti għandha tkun ikkumplimentata minn mekkaniżmi ta' appoġġ għan-negozju bħalma huma l-iggwidar, it-taħriġ, il-konsulenza u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet flimkien mas-sostenn tar-rata tal-interessi mill-programm tal-FSE sabiex jinkoraġġixxu t-tkabbir sostenibbli tan-negozji u jiżguraw li jkun hemm tnaqqis fir-rata tan-negozji li jfallu;

14. Jinnota li l-kundizzjonijiet għall-provvista u d-domanda tal-mikrokreditu jvarjaw ħafna madwar l-Ewropa u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-mikrokreditu jkun disponibbli wkoll f'dawk iż-żoni li ma jibbenefikawx mill-fondi strutturali, minħabba li jistgħu jeżistu nħawi deprivati u żvantaġġati anki fiz-zoni l-aktar għonja;

15. Ifakkar lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-imsieħba lokali u reġjonali, li l-faċilità mikrofinanzjarja ta' EUR 100 miljun trid tkun ikkunsidrata fil-kuntest ta' programmi u inizjattivi oħra. Speċifikament, ir-riżorsi limitati tal-faċilità ser ikunu aċċessibbli għas-27 Stat Membru matul l-erba' snin li ġejjin. Minħabba f'hekk, il-fondi għandhom ikunu allokati skont kriterji li jħallu l-akbar impatt;

16 fakkar fl-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku u r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali" (CdR 12/2009) li talbet lill-Kummissjoni sabiex "*tressaq proposta għal regoli dwar l-għoti tal-mikrokreditu fi ħdan l-UE…[u] biex jiġu stabbiliti parametri għall-għoti tal-mikrokreditu.*"

Il-komunikazzjoni

17. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Grupp tal-BEI li s-suċċess ta' din il-faċilità jiddependi fuq li l-imsieħba, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-benefiċjarji potenzjali jkunu konxji għal kollox tal-iskema;

18. Jinsisti li l-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI jkunu proattivi u jikkomunikaw ir-rwol tagħhom u l-metodi għall-aċċess tal-finanzjament taħt il-programmi differenti, bi sħab mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

19. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI sabiex jiċċaraw il-valur miżjud tal-faċilità mikrofinanzjarja ta' progress u l-komplimentaritajiet tagħha ma' inizjattivi eżistenti ta' sostenn lin-negozji fil-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali.

20. Jenfasizza li l-Kumitat kien diġà talab lill-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI sabiex ikunu aktar proattivi fil-komunikazzjoni tar-rwol, il-valur miżjud u l-opportunitajiet li joffru programmi oħra ta' sostenn lin-negozji, jiġifieri il-JEREMIE, is-SIP (ara l-opinjoni dwar l-Att dwar in-negozji ż-żgħar għall-Ewropa, CdR 2008/246).

Il-koordinazzjoni tar-realizzazzjoni

21. Ifakkar lill-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI li l-faċilità mikrofinanzjarja tkun aktar effettiva jekk tkun ikkoordinata u implimentata flimkien mal-istrumenti finanzjarji Ewropej eżistenti kif ukoll programmi lokali u reġjonali fl-Istati Membri;

22. Ifakkar fl-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "l-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi" (CdR 245/2008) li saħqet fuq il-ħtieġa ta' "*koordinazzjoni bejn il-Fondi Strutturali u programmi rilevanti Ewropej oħrajn … sabiex jiġi sfruttat il-valur miżjud Ewropew u jiġu involuti l-awtoritajiet reġjonali u lokali*";

23. Jipproponi li l-Kummissjoni tibni fuq il-flessibilità tal-faċilità li qed titwassal permezz tal-istituzzjonijiet mhux finanzjarji billi, fejn ikun adatt, taħdem mal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala l-fornituri tal-mikrofinanzi;

24. Jitlob lill-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-korpi fdati bl-implimentazzjoni tal-Faċilità sabiex jagħtu s-sostenn lill-benefiċjarji potenzjali matul l-applikazzjoni għall-fondi ta' self, jimminimizzaw il-burokrazija meħtieġa għall-applikazzjoni, l-ipproċessar u l-ġbid tal-fondi u joffru aktar sostenn sabiex titnaqqas il-burokrazija li tirriżulta wara li jirċievu l-fondi.

Il-valutazzjoni u l-monitoraġġ

25. Jipproponi li l-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjonijiet interim u finali fuq inizjattiva proprja, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll il-benefiċjarji finali. Il-valutazzjoni finali għandha, b'mod partikulari, teżamina safejn il-faċilità b'mod sħiħ tkun laħqet l-għanijiet tagħha u kkumplimentat strumenti finanzjarji eżistenti tal-UE, pereżempju il-PROGRESS, l-FSE, il-JASMINE, il-JEREMIE u s-CIP. Il-valutazzjoni finali għandha tinkludi analiżi tad-distribuzzjoni tal-fondi fost is-27 pajjiż tal-UE;

26. Jipproponi li filwaqt li l-faċilità mikrofinanzjarja hija miżura temporanja fl-istess qafas baġitarju attwali, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jikkunsidraw li jkomplu l-programm lil hinn mill-2013 jekk din tkun suċċess.

II. RAKKOMANDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

Emenda 1

Artikolu 2 ta' COM (2009) 333

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-Faċilità għandha tipprovdi riżorsi Komunitarji biex jiżdied l-aċċess għall-mikrokreditu għal:	1. Il-Faċilità għandha tipprovdi riżorsi Komunitarji biex ~~jiżdied~~ jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-mikrokreditu għal:
(a) persuni li tilfu jew li qegħdin fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom u li jixtiequ jibdew il-mikrointrapriża tagħhom, inkluż impjieg għal rashom;	(a) Dawk il-persuni mingħajr xogħol jew dawk li qegħdin fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom kif definiti mill-Artikolu 2 tar-Regolament tal-KE Nru 1927/2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif emendat mir-Regolament tal-KE Nru 546/2009, u li jixtiequ jibdew il-mikrointrapriża tagħhom, inkluż impjieg għal rashom;
	~~(a) persuni li tilfu jew li qegħdin fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom u li jixtiequ jibdew il-mikrointrapriża tagħhom, inkluż impjieg għal rashom;~~
(b) persuni żvantaġġati, inkluż iż-żgħażagħ, li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw aktar il-mikrointrapriża tagħhom, inkluż impjieg għal rashom;	(b) persuni żvantaġġati, inkluż iż-żgħażagħ, in-nisa, l-anzjani u l-komunitajiet tal-minoritajiet etniċi li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw aktar il-mikrointrapriża tagħhom, inkluż impjieg għal rashom;
(c) mikrointrapriżi fl-ekonomija soċjali li jimpjegaw persuni li tilfu l-impjieg tagħhom jew li jimpjegaw persuni żvantaġġati, inkluż iż-żgħażagħ.	(c) mikrointrapriżi fl-ekonomija soċjali li jimpjegaw persuni li tilfu l-impjieg tagħhom jew li jimpjegaw persuni żvantaġġati kif definiti taħt punt (b).~~inkluż iż-żgħażagħ~~.

Raġuni:

i) Ftit hemm definizzjoni u ftehim komuni tat-terminu "qegħdin fir-riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom". Għaldaqstant huwa meħtieġ li ssir referenza għad-definizzjoni mogħtija fir-Regolament li jistabbilixxi Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (Nru 1927/2006) li ġew emendati dan l-aħħar.

ii) Flimkien maż-żgħażagħ, hemm numru ta' gruppi żvantaġġati li jeħtieġ li jkunu msemmija speċifikament.

iii) Ir-referenza lejn iż-żgħażagħ inqatgħet minn paragrafu (c) minħabba li l-gruppi żvantaġġati diġà huma definiti taħt paragrafu (b).

Emenda 2

Artikolu 4 ta' COM (2009) 333

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-Faċilità se tkun implimentata bl-użu tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif xieraq:	1. Il-Faċilità se tkun implimentata bl-użu tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin, kif adatt:
(a) strumenti ta' garanziji u ta' qsim tar-riskju;	(a) strumenti ta' garanziji u ta' qsim tar-riskju;
(b) strumenti ta' ekwità;	(b) strumenti ta' ekwità;
(c) strumenti ta' dejn;	(c) strumenti ta' dejn;
(d) miżuri ta' appoġġ, bħal attivitjaiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma neċessarji b'mod dirett għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti ta' din id-Deċiżjoni u għall-kisba tal-għanijiet tagħha.	(d) miżuri ta' appoġġ, bħal attivitjajiet ta' komunikazzjoni, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma neċessarji b'mod dirett għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti ta' din id-Deċiżjoni u għall-kisba tal-għanijiet tagħha.
2. Il-Faċilità għandha tkun miftuħa għall-korpi pubbliċi u privati stabbiliti fl-Istati Membri li jipprovdu mikrofinanzjamenti lill-persuni u mikrointrapriżi fl-Istati Membri.	2. Il-Faċilità għandha tkun miftuħa għall-korpi pubbliċi u privati stabbiliti fl-Istati Membri li jipprovdu mikrofinanzjamenti lill-persuni u mikrointrapriżi fl-Istati Membri.
	3. Il-pubbliku u l-entitajiet privati stabbiliti fl-Istati Membri sabiex jagħtu aċċess għall-faċilità, għandhom jiżviluppaw aktar gwida dwar l-eliġibilità tal-benefiċjarji finali.

Raġuni:

i) Minħabba l-fondi limitati disponibbli, kif ukoll sabiex ikun żgurat li l-benefiċċji mill-faċilità jkunu massimizzati, huwa mportanti li jkunu stabbiliti kriterji ċari ta' eliġibilità u li dawn il-kriterji jkunu applikati b'mod konsistenti fis-27 Stat Membru.

ii) Kriterji ċari ta' eliġibilità jsostnu l-komunikazzjoni effettiva u jsostnu d-differenzazzjoni bejn, u l-koordinazzjoni ma' programmi oħra.

Emenda 3

Artikolu 5 ta' COM (2009) 333

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-Kummisssjoni għandha tamministra l-Faċilità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.	1. Il-Kummisssjoni għandha tamministra l-Faċilità skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002.
2. Biex timplimenta l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (1), minbarra l-miżuri ta' appoġġ imsemmija f'punt (d) tal-Artikolu 4 (1), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari mal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u mal-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI), skont l-Artikolu 53d tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummisssjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Dawn il-ftehimiet għandhom jinkludu dispożizzjonijiet iddettaljati għall-implimentazzjoni tal-biċċiet ta' xogħol fdati lilhom, inkluż il-bżonn li tkun żgurata addizjonalità mal-iskemi nazzjonali.	2. Biex timplimenta l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (1), minbarra l-miżuri ta' appoġġ imsemmija f'punt (d) tal-Artikolu 4 (1), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, b'mod partikolari mal-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) u mal-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI), skont l-Artikolu 53d tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummisssjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Dawn il-ftehimiet għandhom jinkludu dispożizzjonijiet iddettaljati għall-implimentazzjoni tal-biċċiet ta' xogħol fdati lilhom, inkluż il-bżonn li tkun żgurata addizjonalità u koordinazzjoni mal-iskemi nazzjonali, reġjonali u lokali.
3. Il-flus mill-ħlas lura lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2, inkluż dividend u rimborżi, jistgħu jkunu investiti mill-ġdid f'azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (1) (a), (b), u (c) għal perjodu ta' 6 snin wara l-bidu tal-Faċilità. Wara l-għeluq tal-Faċilità, il-bilanċ li jifdal jitħallas lill-Komunitajiet Ewropej għandu jitħallas lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.	3. Il-flus mill-ħlas lura lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2, inkluż dividend u rimborżi, jistgħu jkunu investiti mill-ġdid f'azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 (1) (a), (b), u (c) għal perjodu ta' 6 snin wara l-bidu tal-Faċilità. Wara l-għeluq tal-Faċilità, il-bilanċ li jifdal jitħallas lill-Komunitajiet Ewropej għandu jitħallas lill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.
4. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonkludu ftehimiet bil-miktub mal-fornituri pubbliċi u privati tal-mikrofinanzjament msemmija fl-Artikolu 4 (2) li jistabbilixxu l-obbligi ta' użu tar-riżorsi li jkunu pprovduti mill-Faċilità skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u biex jipprovdu informazzjoni għat-tfassil ta' rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 8 (1).	4. L-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonkludu ftehimiet bil-miktub mal-fornituri pubbliċi u privati tal-mikrofinanzjament msemmija fl-Artikolu 4 (2) li jistabbilixxu l-obbligi ta' użu tar-riżorsi li jkunu pprovduti mill-Faċilità skont l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u biex jipprovdu informazzjoni għat-tfassil ta' rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 8 (1).
5. Il-baġit għall-miżuri ta' appoġġ msemmija fl-Artikolu 4 (1) (d) għandu jkun amministrat mill-Kummissjoni.	5. Il-baġit għall-miżuri ta' appoġġ msemmija fl-Artikolu 4 (1) (d) għandu jkun amministrat mill-Kummissjoni.

Raġuni:

Huwa mportanti li jkun enfasizzat li l-Faċilità Mikrofinanzjarja "Progress" tkun aktar effettiva jekk tkun ikkoordinata flimkien ma' skemi nazzjonali, reġjonali u lokali.

Emenda 4

Artikolu 9 ta' COM (2009) 333

Test propost mill-Kummissjoni Ewropea	Emenda tal-KtR
1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjonijiet interim u finali fuq l-inizjattiva tagħha b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5 (2). Il-valutazzjoni interim trid tkun lesta erba' snin wara l-bidu tal-Faċilità u l-valutazzjoni finali mhux aktar tard minn sena wara t-tmiem tal-mandat(i) mogħtija lill-istituzzjonijiet finanzjari internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5 (2). Il-valutazzjoni finali għandha, barra minn hekk, teżamina sa fejn il-Faċilità laħqet l-għanijiet tagħha.	1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjonijiet interim u finali fuq inizjattiva tagħha b'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5 (2), u f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-benefiċjarji finali. Il-valutazzjoni interim trid tkun lesta erba' snin wara l-bidu tal-Faċilità u l-valutazzjoni finali mhux aktar tard minn sena wara t-tmiem tal-mandat(i) mogħtija lill-istituzzjonijiet finanzjari internazzjonali msemmija fl-Artikolu 5 (2). Il-valutazzjoni finali għandha, barra minn hekk, teżamina sa fejn il-Faċilità laħqet l-għanijiet tagħha kif ukoll ikkomplementat strumenti attwali finanzjarji tal-UE, pereżempju, il-FSE, il-JASMINE, il-JEREMIE u s-SIP mingħajr ma tippreġudika l-għanijiet, l-impatt u l-effettività tal-programm PROGRESS.
2. Ir-riżultati tal-valutazzjoni se jkunu trasmessi, bħala informazzjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u, lill-Kumitat tar-Reġjuni.	2. Ir-riżultati tal-valutazzjoni se jkunu trasmessi, bħala informazzjoni, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u, lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Raġuni:

i) Ir-realizzazzjoni tal-Faċilità Mikrofinanzjarja "Progress" għandha ssir bi sħab mal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Konsegwentement, kull valutazzjoni għandha ssir wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-benefiċjarji finali minħabba li huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jagħtu pariri dwar l-impatt ġenerali u l-effettività tal-faċilità mikrofinanzjarja ta' progress.

ii) Din il-faċilità tkun effettiva biss jekk tikkumplimenta strumenti finanzjarji eżistenti tal-UE, għaldaqstant il-livell li din tkun laħqet għandu jkun parti mill-qafas ta' valutazzjoni.

Brussell, 7 ta' Ottubru 2009

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT